ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 338

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

17 ta' Diċembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1342/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jirrevoka l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula jew kejbils tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1343/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009** ........ 11

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1344/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-kavalli fiż-żona IVa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit** 23

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1345/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIf u VIIg minn bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit** ........ 25

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1346/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-marlin blu fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ........ 27

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1347/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-kavalli fiż-żoni IIIa u IVbc minn bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit** ........ 29

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 7**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti** ........... 31

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1349/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 68

DEĊIŻJONIJIET

2013/762/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għal programmi ta' kontroll tas-sajd tal-Istati Membri għall-2013** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8576)* ........ 70

2013/763/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8743)*........ 81

2013/764/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8667)* (1)........ 102

2013/765/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda r-rikonoxximent ta' Det Norske Veritas skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8876)* (1)........ 107

2013/766/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2013 li tapprova ċerti programmi emendati għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi għas-sena 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2008/897/KE li tapprova programmi annwali u pluriennali għall-2009 u s-snin ta' wara, u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal ċerti programmi approvati minn dik id-Deċiżjoni** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8891)* ........ 109

2013/767/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 li twaqqaf qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-politika agrikola komuni u li tħassar id- Deċiżjoni 2004/391/KE** .... 115

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1342/2013

## tat-12 ta' Diċembru 2013

## li jirrevoka l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula jew kejbils tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

### 1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1601/2001 [2] il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew tal-azzar (SWR) li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa, it-Turkija, it-Tajlandja, u r-Repubblika Ċeka. Dawk il-miżuri minn hawn 'il quddiem se jissejħu 'l-miżuri oriġinali' u l-investigazzjoni li wasslet biex jidħlu dawk il-miżuri minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ 'l-investigazzjoni oriġinali'.

(2) Il-Kummissjoni kienet aċċettat f'Awwissu tal-2001 offerta ta' impenn għall-prezz minn produttur Russu (JSC Severstal-Metiz). Dak il-ftehim ta' impenn ġie rrevokat f'Ottubru tal-2007 [3] minħabba li kien meqjus bħala mhux fattibbli minħabba diffikultajiet fil-klassifikazzjoni dovuta tan-numru kbir ta' tipi ta' prodotti esportati mill-kumpanija.

(3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1279/2007 [4] il-Kunsill, wara reviżjoni interim parzjali u tal-iskadenza, żamm il-miżuri oriġinali għall-Federazzjoni Russa taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għal dawn il-miżuri bħala "il-miżuri fis-seħħ" u l-investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għaliha bħala 'l-aħħar investigazzjoni'. Ir-Regolament (KE) Nru 1279/2007 ittermina l-miżuri li jirrigwardaw l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw fit-Turkija u t-Tajlandja.

(4) Bħalissa [5], hemm ukoll miżuri fis-seħħ kontra SWR mill-Ukraina u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li ġew estiżi għal importazzjonijiet ta' SWR konsenjati mill-Marokk, il-Moldova u r-Repubblika tal-Korea.

### 2. Talba għal reviżjoni

(5) Fit-27 ta' Ottubru 2012, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza ("notifika ta' bidu") [6] tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' SWR li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(6) Ir-reviżjoni nbdiet wara talba sostanzjata mressqa mill-Kumitat ta' Kollegament tal-Industriji tal-Kejbils tal-Metall tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"EWRIS" jew "ir-rikorrent") f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew tal-azzar. It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal biex ikun hemm kontinwazzjoni ta' dumping kif ukoll rikorrenza ta' ħsara għall-Industrija tal-Unjoni ("UI").

### 3. L-investigazzjoni

#### 3.1. *Perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni u l-perjodu kkunsidrat*

(7) L-investigazzjoni tat-tkomplija jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012 (il-"PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni ta' probabbiltà ta'

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
(2) ĠU L 211, 4.8.2001, p. 1.
(3) ĠU L 285, 31.10.2007, p. 52.
(4) ĠU L 285, 31.10.2007, p. 1.
(5) ĠU L 36, 9.2.2012, p. 1.
(6) ĠU C 330, 27.10.2012, p. 5.

kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill- 1 ta' Jannar 2009 sa tmiem l-PIR (il-perjodu kkunsidrat).

### 3.2. *Il-partijiet ikkonċernati mill-proċedimenti*

(8) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-utenti li tagħaraf hi kif ukoll l-applikant u l-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika tal-bidu.

(9) Fid-dawl ta' numru potenzjalmentkbir ta' produtturi fil-Federazzjoni Russa involuti fl-investigazzjoni, fil-fidu kien previst teħid ta' kampjuni fin-notifika ta' bidu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni jkunx tassew meħtieġ u, jekk iva, tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi mill-Federazzjoni Russa intalbu jippreżentaw ruħhom fi żmien 15-il jum mill-bidu tal-proċediment u jipprovdu l-informazzjoni mitluba fin-notifika ta' bidu lill-Kummissjoni.

(10) Minħabba li kien hemm biss żewġ produtturi esportaturi fil-Federazzjoni Russa li pprovdew l-informazzjoni mitluba fl-avviż ta' bidu u esprimew ir-rieda tagħhom li jikkooperaw aktar mal-Kummissjoni, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma jiġix applikat għall-produtturi esportaturi.

(11) Il-Kummissjoni, fin-notifika ta' bidu ħabbret li hi kienet provviżorjament għażlet kampjun ta' produtturi mill-Unjoni u stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwaru sa skadenza prevista fin-notifika ta' bidu. Il-kampjun provviżorju kien jikkonsisti minn ħames produtturi tal-Unjoni li nstabu li kienu jirrappreżentaw lill-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volum tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

(12) Fin-nuqqas ta' kummenti, ġew magħżula l-kumpaniji proposti biex ikunu inklużi fil-kampjun finali u l-partijiet interessati kienu għalhekk infurmati. Madanakollu, waħda mill-kumpaniji finalment magħżula, sussegwentement irtirat mill-kampjun. Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li tnaqqas il-kampjun għall-erba' kumpaniji li kien baqa', li nstab li xorta kienu jirrappreżentaw lill-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volum tal-produzzjoni (29,3 %) u l-bejgħ (20,9 %) tal-prodott simili fl-Unjoni.

(13) Għalkemm it-teħid ta' kampjuni kien previst fin-notifika ta' bidu ta' importaturi mhux relatati, ma ppreżentaw ruħhom la xi importaturi mhux relatati u lanqas xi utent. Għalhekk, it-teħid tal-kampjuni ma ġiex applikat għal importaturi mhux relatati.

(14) Intbagħtu kwestjonarji lill-erba' produtturi tal-Unjoni li ntgħażlu fil-kampjun, iż-żewġ produtturi esportaturi fil-Federazzjoni Russa, u l-importatur relatat.

### 3.3. *Tweġibiet għall-kwestjonarju*

(15) It-tweġibiet għall-kwestjonarji waslu mingħand l-erba' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, minn importatur relatat u minn produttur esportatur wieħed mill-Federazzjoni Russa.

(16) Għalkemm oriġinarjament kienu ppreżentaw ruħhom żewġ produtturi esportaturi mill-Federazzjoni Russa, wieħed minnhom biss ipprovda tweġiba għall-kwestjonarju u hu meqjus li kkoopera fl-investigazzjoni. Il-produttur esportatur li kkoopera għandu kumpanija sussidjarja posseduta kollha bbażata fl-Italja, li tipproduċi wkoll l-SWR u timporta l-prodott ikkonċernat mill-Federazzjoni Russa. Il-produttur esportatur l-ieħor ipprovda sottomissjoni waqt il-bidu tal-investigazzjoni u għalkemm ġie mistieden jimla l-kwestjonarju, naqas milli jagħmel dan. Għalhekk huwa meqjus li t-tieni produttur esportatur ma kkooperax fl-investigazzjoni.

### 3.4. *Żjarat ta' verifika*

(17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa għall-iskop li tiddetermina l-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping u l-ħsara li tirriżulta u tal-interess tal-Unjoni. Saru żjariet ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi tal-Unjoni:

— CASAR Drahtseilwerk Saar GmbH, il-Ġermanja,

— BRIDON International Ltd. ir-Renju Unit,

— TEUFELBERGER Seil GmbH, l-Awstrija,

— Manuel Rodrigues de OLIVEIRA Sá & Filhos, S.A., il-Portugal;

(b) Produttur esportatur fil-Federazzjoni Russa:

— JSC SEVERSTAL-Metiz, Cherepovets;

(c) Importatur relatat:

— REDAELLI Tecna SpA, l-Italja.

## B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

### 1. Il-prodott ikkonċernat

(18) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u fl-aħħar investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżuri attwalment fis-seħħ, jiġifieri ħbula u kejbils tal-azzar, li jinkludu l-ħbula koljaturi maqfulin, esklużi ħbula u kejbils tal-ħadid u l-azzar li ma jissaddadx, b'dimensjoni massima ta' wisa' li taqbeż it-3 mm, bil-fittings magħhom jew mingħajrhom (fit-terminoloġija tal-industrija dawn issir referenza għalihom bħala "SWR"), attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċijiet NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 (il-"prodott ikkonċernat").

### 2. Il-prodott simili

(19) L-investigazzjoni attwali tar-reviżjoni ta' skadenza kkonfermat illi l-SWR maħduma fil-Federazzjoni Russa u esportata lejn l-Unjoni, u l-SWR maħduma u mibjugħa fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u użu finali u għalhekk jitqiesu bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING

### 1. Il-kummenti preliminari

(20) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qed isseħħ fil-preżent u jekk l-iskadenza tal-miżuri kellhiex il-probabbiltà li twassal għall-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping.

(21) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (10), ma kienx hemm bżonn li jintgħażel kampjun ta' produtturi esportaturi fil-Federazzjoni Russa. Il-produttur esportatur li kkoopera kien responsabbli għal 99 % tal-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni matul il-PIR. Fuq din il-bażi, kien konkluż li l-kooperazzjoni kienet għolja.

(22) Ladarba żewġ produtturi magħrufa oħra fil-Federazzjoni Russa ma kkooperawx fl-investigazzjoni, il-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' dumping stabbiliti hawn taħt kellhom ikunu bbażati fuq l-aħjar fatti disponibbli inklużi d-dejta tal-Eurostat, l-istatistika uffiċjali Russa u d-dejta limitata miksuba mit-tieni produttur.

### 2. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

(23) Skont it-talba għal reviżjoni, l-esportazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni kienu allegatament iddampjati f'marġni medju ta' 130,8 %. Kif issemma fin-notifika ta' bidu (paragrafu 4.1), l-applikant qabbel il-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni (fil-livell ex-works) mal-prezzijiet domestiċi fil-Federazzjoni Russa.

#### 2.1. *Valur normali*

(24) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, għal kull produttur esportatur Indjan fil-kampjun l-ewwel ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku totali mill-produttur esportatur li kkoopera, lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku Russu kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dan il-bejgħ kienx ugwali għal mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ korrispondenti għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-bejgħ domestiku tal-prodott simili mill-produttur esportatur li kkoopera nstab li kien rappreżentattiv b'mod ġenerali.

(25) Sussegwentement, il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi tal-prodott simili mibjugħa domestikament mill-produttur esportatur li kienu identiċi jew komparabbli direttament mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(26) Ġie eżaminat ukoll jekk il-bejgħ domestiku tal-produttur esportatur li qed jikkopera kienx rappreżentattiv għal kull tip ta' prodott, jiġifieri jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott kienx jikkostitwixxi mill-anqas 5 % tal-volum tal-bejgħ tal-istess tip ta' prodott lill-Unjoni. Fil-każ tat-tipi ta' prodotti mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi, imbagħad ġie eżaminat jekk dan il-bejgħ sarx fl-andament normali tal-kummerċ ("ANTK"), skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(27) L-eżami ta' jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott, mibjugħ domestikament fi kwantitajiet rappreżentattivi, jistax jitqies bħala li sar fl-ANTK, saret billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti tat-tip ikkonċernat. Fil-każijiet kollha fejn il-bejgħ domestiku tat-tip ta' prodott partikolari sar fi kwantitajiet suffiċjenti u fl-ANTK, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv, ikkalkulat bħala medja differenzjata tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip li sar matul il-PIR.

(28) Għat-tipi ta' prodott li jifdal fejn il-bejgħ domestiku ma kienx rappreżentattiv jew ma nbiegħx fl-ANTK, il-valur normali nħadem skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali nħadem biż-żieda mal-ispejjeż tal-manifatturazzjoni tat-tipi esportati, fejn hemm bżonn aġġustati, ta' perċentwal raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u marġni raġonevoli għall-qligħ, abbażi tad-dejta reali tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-ANTK, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

2.2. ***Prezz tal-esportazzjoni***

(29) Għall-bejgħ ta' esportazzjoni tal-produttur esportatur Russu li qed jikkopera lejn is-suq tal-Unjoni li sar direttament lil klijenti indipendenti, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa attwalment jew pagabbli għall-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(30) Għat-tranżazzjoni tal-esportazzjoni fejn l-esportazzjoni lejn l-Unjoni saret permezz ta' kumpanija tan-negozju, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-ewwel prezz tal-bejgħ mill-ġdid tan-negozjant relatat lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti biex jitqiesu l-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitt, biex jiġi stabbilit prezz ta' esportazzjoni afidabbli. Fl-assenza ta' informazzjoni minn importaturi indipendenti dwar il-livell ta' profitti akkumulati matul il-PIR, intuża marġini ta' profit medju ta' 5 %.

2.3. ***Tqabbil***

(31) Il-paragun bejn il-valur normali medju differenzjat u l-prezz medju differenzjat tal-esportazzjoni sar fuq il-bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika u fl-istess livell ta' kummerċ.

(32) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, tqiesu differenzi fil-fatturi li kienu ppruvati li jaffetwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet. Għan dan l-għan, ingħatat konċessjoni xierqa f'forma ta' aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, l-ispejjeż finanzjarji, l-ispejjeż tal-ippakkjar, il-kummissjonijiet u r-rifużjonijiet fejn applikabbli u ġġustifikat.

2.4. ***Marġini ta' dumping***

(33) Kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju differenzjat skont it-tip tqabbel mal-prezz tal-esportazzjoni medju differenzjat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat. Dan it-tqabbil wera l-eżistenza ta' dumping li kien jammonta għal 4,7 % għall-produttur esportatur.

3. **Żviluppi tal-importazzjonijiet jekk il-miżuri jiġu revokati**

3.1. ***Il-kummenti preliminari***

(34) Minbarra l-analiżi tal-eżistenza tad-dumping matul il-PIR, ġiet investigata wkoll il-probabbiltà tal-issoktar tad-dumping f'każ li jiġu revokati l-miżuri. F'dan ir-rigward ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet iddampjati mill-Federazzjoni Russa, l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni u swieq oħra ta' pajjiżi terzi, kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità eċċessiva għal esportazzjonijiet fil-Federazzjoni Russa.

3.2. ***Il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet iddampjati mill-Federazzjoni Russa***

(35) Skont il-Eurostat, matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa żdiedu minn 2 005 tunnellata fl-2009 għal 2 343 tunnellata fil-PIR li jirrappreżentaw madwar 1 % tal-konsum tal-Unjoni fil-PIR u fil-perjodu kkunsidrat. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (33), l-importazzjonijiet mill-produttur esportatur li kkoopera saru bi prezzijiet iddampjati (4,7 %) minkejja d-dazju anti-dumping fis-seħħ.

3.3. ***L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni u swieq ta' pajjiżi terzi oħra***

(36) L-esportazzjonijiet tal-Unjoni ikkostitwixxew 3 % tal-bejgħ totali tal-produttur li kkoopera, filwaqt li l-maġġoranza tal-bejgħ (85 %) sar fis-suq domestiku Russu. Is-suq domestiku kiber bi 38 % fil-perjodu kkunsidrat [1] u jista' jikber aktar jekk il-PGD tal-Federazzjoni Russa jkompli jikber, kif previst minn sorsi disponibbli pubblikament li jispeċjalizzaw fl-analiżi ekonomika. Barra minn hekk, l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni wriet li l-produttur li kkoopera ma jipproduċix it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat u għalhekk il-pressjoni kompetittiva tiegħu fuq il-produtturi tal-Unjoni hija limitata. Dan x'aktarx li jkun il-każ ukoll għaż-żewġ produtturi l-oħra fid-dawl tan-nuqqas ta' tagħrif disponibbli dwar investimenti f'makkinarju ġdid, li jista' pereżempju jippermetti l-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat ta' dijametru akbar. Barra minn hekk, il-pressjoni kompetittiva limitata mill-produtturi esportaturi mill-Federazzjoni Russa tidher li hi kkonfermata wkoll mill-preżenza tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq Russu. Skont l-istatistika uffiċjali taddwana Russal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni tal-prodott simili lill-Federazzjoni Russa tirrappreżentata 30 % tal-importazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat lejn is-suq Russu fil-PIR, li tagħmel il-produtturi tal-Unjoni l-akbar esportatur lejn is-suq Russu.

(37) B'risposta għall-iżvelar finali l-applikant argumenta li t-tkabbir proġettat tal-PDG tar-Russja (fil-medda ta' 3 %) huwa pjuttost moderat u mhux se jippermetti għal aktar żvilupp tas-suq Russu tal-SWR. Konsegwentement, is-suq Russu jista' ma jkunx kapaċi jassorbi volumi addizzjonali tal-prodott simili. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li t-tkabbir tal-PDG tar-Russja matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri bejn l-2009 u tmiem il-PI, kien iktar baxx mit-tkabbir imbassar għas-sena 2014 u minkejja kollox ippermetta għat-tkabbir tas-suq tal-SWR fir-Russja bi 38 %. Għalhekk, dan l-argument kien miċħud.

[1] Skont id-dejta miksuba minn Prommetiz — l-assoċjazzjoni Russa tal-produtturi tal-hardware.

(38) L-istess parti ġibdet l-attenzjoni għat-tipi ġodda ta' prodotti li l-produttur esportatur li kkoopera reċentement żviluppa (f'kooperazzjoni mas-sussidjarja tiegħu bbażata fl-Unjoni) u stqarr li dan jikkonferma l-investimenti li saru minn dan il-produttur fil-perjodu kkunsidrat. Dan il-fatt madankollu ma jikkontradixxix il-konklużjoni dwar l-inabbiltà tal-produttur li kkoopera li jipproduċi kull tip ta' ħbula (speċjalment ll-SWR fil-parti għolja tas-suq). Għalhekk, dan l-argument kien miċħud.

(39) L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni għandha titqies ukoll fil-kuntest ta' xi akkwisti ta' produtturi tal-Unjoni mill-produtturi esportaturi Russi. Fil-fatt, żewġ produtturi Russi bħalissa għandhom kumpaniji sussidjarji bbażati fl-Unjoni. Iż-żjara ta' verifika għand is-sussidjarja tal-esportatur li kkoopera bbażata fl-Ewropa wriet li l-bejgħ tagħha ġie konkluż l-aktar fis-suq Ewropew u li l-bejgħ relatat bejn il-produttur li kkoopera u din is-sussidjarja baqa' limitat fil-PIR.

(40) Fuq il-bażi tad-dejta tal-esportatur li kkoopera, għandu jiġi nnutat li l-volum tal-esportazzjoni Russu tal-prodott ikkonċernat lejn pajjiżi terzi kien aktar minn erba' darbiet il-volum tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-PIR. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera lejn pajjiżi terzi nstabu li bħala medja kienu inqas mill-prezz tal-bejgħ domestiku fil-Federazzjoni Russa, iżda bħala medja f'livelli ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni. Dan jippermetti konklużjoni li l-bejgħ tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi huma aktar attraenti mill-bejgħ lejn is-suq tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, hija nnutata wkoll l-eżistenza ta' kanali ta' bejgħ li ilhom stabbiliti mas-swieq tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti (CIS).

(41) B'risposta għall-iżvelar finali l-applikant argumenta li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-produtturi Russi lejn swieq terzi huma fil-fatt irħas mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Paragun bejn il-medja tal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Ukraina u xi pajjiżi Ewropej allegatament ibbażati fuq l-istatistika tad-dwana Russa kien evokat. Ma ġiet ippreżentata l-ebda dejta oriġinali sottostanti għall-paragun. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li t-tqabbil tad-differenza fil-prezz bejn il-prezzijiet Russi tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni u fi swieq terzi mwettqa fl-investigazzjoni kienet ibbażata fuq dejta mill-kwestjonarji vverifikati ta' dak tal-produttur esportatur li kkoopera. Dan it-tqabbil fil-prezzijiet sar fil-livell ex-works li kkunsidra d-differenzi bejn it-tipi ta' prodotti u l-livell tal-kummerċ. Il-prezzijiet medji imressqa mill-applikant ma jirriflettux il-kumplessità tal-komponenti tal-prezz u l-firxiet li jeżistu fis-suq tal-SWR u li jirriżultaw minn għadd sinifikanti ta' prodotti differenti u livelli differenti tal-kummerċ. Għalhekk, dan l-argument kien miċħud.

(42) L-istess parti argumentat li l-livell tal-volum tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni lejn il-Federazzjoni Russa huwa irrilevanti f'dan il-każ u pjuttost saħqet fuq l-importazzjonijiet li żdiedu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lejn il-Federazzjoni Russa u l-ħtieġa li dawn jiġu kkunsidrati fl-analiżi minħabba li dawn jikkostitwixxu theddida kompetittiva għall-preżenza ta' produtturi Russi oħrajn fuq is-swieq Russi u tas-CIS. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-produtturi tal-Unjoni jibqgħu fuq quddiem nett fl-esportazzjoni fis-suq Russu huwa rilevanti peress li jikkonferma l-fatt li l-produtturi Russi ma jkunux jistgħu jipproduċu t-tipi kollha tal-SWR li għalihom id-domanda teżisti fis-suq Russu. Rigward l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Federazzjoni Russa, huwa nnutat li kibru b'mod parallel mat-tkabbir rapidu tad-domanda tas-suq Russu. Ma kienet ipprovduta l-ebda informazzjoni pereżempju fir-rigward tal-livelli tal-prezz tal-esportazzjoni Ċiniża lejn il-Federazzjoni Russa jew il-Pajjiżi tal-KSI jew il-karatteristiċi tal-prodott taħt l-investigazzjoni li jippermettu analiżi ulterjuri. Fl-aħħar nett, huwa nnotat li skont l-istatistika tad-dwana Russa il-produtturi Russi tal-prodott ikkonċernat baqgħu fuq quddiem nett fis-suq domestiku tagħhom tal-SWR matul il-PIR u l-importazzjonijiet totali lejn dan is-suq jammontaw għal madwar 15 % biss tas-suq Russu tal-SWR. Għalhekk, dan l-argument kien miċħud.

### 3.4. *Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità eċċessiva disponibbli għall-esportazzjonijiet fil-Federazzjoni Russa*

(43) Skont it-talba għal reviżjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi Russi kienet ta' 115 000 tunnellata. Matul l-investigazzjoni l-applikant ivvaluta mill-ġdid il-kapaċità tal-produzzjoni Russa u sabli kienet f'medda ta' bejn 220 000 u 250 000 tunnellata, li madankollu ma kinetx appoġġjata b'xi evidenza. Fuq il-bażi tad-dejta vverifikata tal-esportatur li kkoopera, id-dejta sottomessa mit-tieni produttur magħruf u d-dejta li tinsab fit-talba dwar it-tielet produttur, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi kollha Russi tal-prodott ikkonċernat ġiet stabbilita fil-livell ta' madwar 158 000 tunnellata. F'dan il-kuntest, huwa nnutat li l-kapaċità ta' produzzjoni tal-produttur li kkoopera għaddiet minn aġġustamenti strutturali fil-perjodu kkunsidrat, li ħallew ir-riżultat li ingħalaq ħanut tal-produzzjoni.

(44) B'risposta għall-iżvelar finali parti waħda argumentat li xi makkinarju tal-ħanut tal-produzzjoni li ngħalaq ġie ittrasferit għal sit ieħor ta' produzzjoni tal-produttur li kkoopera. Madankollu ma ngħatat l-ebda evidenza biex issostni din l-allegazzjoni. F'dan ir-rigward huwa kkonfermat li l-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni tikkonferma li l-produttur li kkopera fil-perjodu kkunsidrat għadda minn aġġustamenti strutturali, li inkludiet l-iskreppjar ta' xi makkinarju fit-tliet siti ta' produzzjoni u l-għeluq ta' ħanut tal-produzzjoni. Fl-istess ħin ma jistax

jiġi eskluż li ċertu makkinarju mill-ħanut tal-produzzjoni li ngħalaq ġie trasferit għal dawk li kien baqa'. Fi kwalunkwe każ, dan ma jbiddilx l-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' dan il-produttur u tar-Russja b'kollox, li l-parti ma kkontestax. Għalhekk, dan l-argument kien miċħud.

(45) Fir-rigward tal-kwistjoni tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità u l-kapaċità eċċessiva, wara d-dejta taż-żewġ produtturi, fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni preċiża dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tat-tielet produttur ġie preżunt li l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tiegħu kienet fl-istess ilma taż-żewġ produtturi l-oħra jiġifieri 90 % fil-PIR. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-kapaċità żejda totali fil-Federazzjoni Russa hija fil-medda ta' 17 000 tunnellata. Dan jikkorrispondi għal madwar 8 % tal-konsum tal-Unjoni fil-PIR.

### 3.5. *Konklużjoni*

(46) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li l-esportazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa għadhom qed jiġu ddampjati matul il-PIR, hemm probabbiltà ta' tkomplija ta' dumping fis-suq tal-Unjoni fil-każ li jitneħħew il-miżuri anti-dumping li hemm issa.

(47) Madankollu, għandhom jiġu enfasizzati dawn il-punti. L-ewwel nett, hemm il-kapaċità żejda limitata disponibbli fil-Federazzjoni Russa, li tista' tiġi assorbita minn domanda li qed tikber malajr fis-suq domestiku. It-tieni, il-produtturi Russi ma għandhomx kapaċitajiet li jipproduċu t-tipi kollha ta' ħbula u għalhekk il-pressjoni kompetittiva tagħhom fis-suq tal-Unjoni hija limitata. It-tielet, tnejn mit-tliet produtturi esportaturi magħrufa għandhom is-sussidjarji kollha kemm huma proprjetà tagħhom fl-Unjoni li jipproduċu l-prodott simili. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mill-kumpanija sussidjarja tal-produttur esportatur li kkoopera, wieħed jista' jara li l-prodott simili manifatturat mis-sussidjarja jinbiegħ primarjament fis-suq tal-Unjoni filwaqt li l-produttur esportatur tjipproduċi u jbigħ il-prodott simili l-aktar għas-suq Russu. Barra minn hekk, il-produtturi Russi li jesportaw għandhom rabtiet kummerċjali b'saħħithom b'mod partikolari mas-swieq ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari swieq tas-CIS, li huma aktar attraenti għall-esportaturi Russi minħabba li bħala medja l-prezzijiet imposti f'dawk is-swieq huma ogħla mill-prezzijiet imposti fl-Unjoni. Fuq din il-bażi ġie konkluż li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn Federazzjoni Russa huwa improbabbli li jikbru b'mod sostanzjali jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

## D. ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

(48) Matul il-PIR, l-SWR huma mmanifatturati minn aktar minn 30 produtturi tal-Unjoni. Għaldaqstant l-output ta' dawk il-produtturi (stabbilit abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-produtturi li kkooperaw u għall-produtturi l-oħra tal-Unjoni mid-dejta tal-applikant) jitqies għalhekk li jikkostitwixxi l-produzzjoi tal-Unjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(49) Kif spjegat fil-premessa (12), minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni, intgħażel kampjun. Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, l-indikaturi tal-ħsara ġew stabbiliti fiż-żewġ livelli li ġejjin:

— l-elementi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-prezzijiet medji tal-unità, id-daqs tad-dumping) ġew ivvalutati fil-livell tal-produzzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi, u dan abbażi tat-tagħrif miġbur mill-produtturi li kkooperaw u għall-produtturi l-oħra tal-Unjoni ntużat stima bbażata fuq id-dejta tal-applikant;

— l-analiżi tal-elementi mikroekonomiċi (jiġifieri stokkijiet, pagi, profittabbiltà, dħul mill-investimenti, fluss tal-likwidità, l-abbiltà li żżid il-kapital u l-investimenti) saret għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun abbażi tal-informazzjoni li kienet ivverifikata.

## E IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI

### 1. Il-konsum tal-Unjoni

(50) Il-konsum tal-Unjoni żdied bi 8 % minn 195 426 tunnellata għal 211 380 tunnellata bejn l-2009 u l-PIR.

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Konsum tal-Unjoni (f'tunnellati) | 195 426 | 206 940 | 213 350 | 211 380 |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *109* | *108* |

### 2. Importazzjonijiet attwali mill-Federazzjoni Russa

#### 2.1. *Il-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa*

(51) Skont id-dejta tal-Eurostat, il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Federazzjoni Russa żdied minn 2 005 tunnellata għal 2 343 tunnellata beween l-2009 u l-PIR. Minkejja din iż-żieda, dawn il-volumi huma inqas mill-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa matul l-aħħar investigazzjoni, fejn l-importazzjonijiet kienu 2 908 tunnellata għall-2005 u 3 323 tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006 (l-aħħar PIR). Barra minn hekk, sa mit-tmiem il-PIR, l-importazzjonijiet mir-Russja juru xejra li qed tonqos (tnaqqis ta' 20 %).

(52) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-Russja kien ta' 1,03 % fl-2009 u 1,11 % fil-PIR.

(53) Safejn huma kkonċernati l-prezzijiet tal-importazzjoni, dawn żdiedu b'mod stabbli b'12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjoni (f'tunnellati) | 2 005 | 2 197 | 2 549 | 2 343 |
| *indiċi* | *100* | *110* | *127* | *117* |
| Sehem mis-suq | 1,03 % | 1,06 % | 1,19 % | 1,11 % |
| *indiċi* | *100* | *103* | *116* | *108* |
| Prezz tal-importazzjoni | 1 054 | 1 084 | 1 171 | 1 178 |
| *indiċi* | *100* | *103* | *111* | *112* |

### 2.2. *Twaqqigħ tal-prezz*

(54) It-twaqqigħ tal-prezz ġie stabbilit bl-użu tal-prezzijiet tal-esportazzjoni li produttur Russu li kkoopera, mingħajr id-dazju anti-dumping, u nstab li kien ivarja bejn 54,7 % sa 69,0 % jiddependi fuq tip ta' prodott b'marġni ta' twaqqigħ b'medja peżata ta' 63,4 %. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' volumi ta' importazzjoni mill-Federazzjoni Russa u bosta tipi differenti ta' SWR li jeżistu, it-twaqqigħ tal-prezz seta' jiġi stabbilit biss fuq il-bażi ta' ftit tipi ta' prodotti identiċi b'volumi baxxi (19,9 tunnellata). Għalhekk, il-marġni tat-twaqqigħ jista' jiġi kkunsidrat biss bħala indikattiv.

## 3. **Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra**

### 3.1. *Volum, sehem tas-suq u prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra*

(55) L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra minbarra l-Federazzjoni Russa żdiedu b'10,6 % matul il-perjodu kkunsidrat, li hija ċifra aktar għolja miż-żieda fil-konsum fis-suq tal-Unjoni (+ 8 %). Minkejja l-qligħ tas-sehem mis-suq tal-Unjoni minn pajjiżi oħra għajr l-Federazzjoni Russa, l-ishma tas-suq rispettivi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala stabbli.

(56) Il-pajjiżi esportaturi ewlenin matul il-PIR kienu l-Korea t'isfel b'16 % tas-sehem mis-suq segwiti minn mir-RPĊ (1,78 %), it-Tajlandja b'madwar 1,65 % tas-sehem mis-suq, u l-Federazzjoni Russa (ara hawn fuq, b'1,11 % tas-sehem mis-suq) filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien qrib is-60 %.

| Pajjiżi/ Importazzjonijiet f'tunnellati | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-Korea t'Isfel | 32 027 | 23 926 | 28 906 | 34 798 |
| Iċ-Ċina | 5 797 | 4 067 | 5 174 | 3 765 |
| It-Tajlandja | 3 673 | 3 815 | 5 348 | 3 499 |
| Pajjiżi Oħra | 34 938 | 38 974 | 39 376 | 42 444 |
| **Subtotal (esklużа l-Federazzjoni Russa)** | **76 435** | **70 782** | **78 804** | **84 506** |
| Ir-Russja | 2 005 | 2 197 | 2 548 | 2 343 |
| **Importazzjonijiet totali (inkluża l-Federazzjoni Russa)** | **78 440** | **72 979** | **81 352** | **86 849** |

### 3.2. *Twaqqigħ tal-prezz*

(57) Il-prezzijiet medji ġenerali tal-importazzjonijiet tal-prodott simili minn pajjiżi oħra baqgħu stabbli u ma nbidlux matul il-perjodu kkunsidrat u waqqgħu il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 57 %.

## 4. **Is-sitwazzjoni tal-Industrija tal-Unjoni**

(58) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċi rilevanti kollha li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

### 4.1. *Il-kummenti preliminari*

(59) Fid-dawl tal-fatt li t-teħid ta' kampjuni ntuża fir-rigward tal-industrija tal-Unjoni, il-ħsara ġiet evalwata fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura fuq il-livell tal-industrija tal-Unjoni kollha ("IU") (elementi makroekonomiċi kif stabbilit fil-premessa (49)) u fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun (elementi mikroekonomiċi kif definit fil-premessa (49)).

(a) Il-produzzjoni

(60) Il-produzzjoni tal-IU żdiedet b'6 % bejn l-2009 u l-PIR, jiġifieri minn 214 475 tunnellata għal 228 368 tunnellata. F'kuntest ta' żieda fil-konsum (+ 8 %), kif imsemmi fil-premessa (52), l-industrija tal-Unjoni naqqset il-volum tal-produzzjoni b' 6 %.

| UI | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (f'tunnellati) | 214 475 | 223 385 | 224 559 | 228 368 |
| *indiċi* | *100* | *104* | *105* | *106* |

(b) Kapaċità u rati tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità

(61) Iż-żieda f'Konsum tal-Unjoni (+ 8 %) pprovokat żieda fil-produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni b' 6 %.

| UI | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-Kapaċità | 348 852 | 371 187 | 366 976 | 369 134 |
| *indiċi* | *100* | *106* | *105* | *106* |
| Użu tal-kapaċità | 61,5 % | 60,2 % | 61,2 % | 61,9 % |
| *indiċi* | *100* | *98* | *100* | *101* |

(c) Il-volum tal-bejgħ

(62) Il-bejgħ mill-IU fis-suq tal-Unjoni zdied b'7 % bejn l-2009 u l-PIR.

| UI | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Bejgħ lil partijiet mhux relatati fl-Unjoni (f'tunnellati) | 116 902 | 133 824 | 131 085 | 124 524 |
| *indiċi* | *100* | *114* | *112* | *107* |

(d) Sehem mis-suq

(63) l-IU irnexxielha żżomm is-sehem tagħha mis-suq relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri 60 % fl-2009 u 59 % matul il-PIR.

| UI | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Sehem mis-suq | 60 % | 65 % | 61 % | 59 % |
| *indiċi* | *100* | *108* | *102* | *98* |

(e) It-tkabbir

(64) Bejn l-2009 u l-PIR, meta l-konsum tal-Unjoni żdied b'8 %, il-volum tal-bejgħ tal-IU żdied ukoll b'7 %. Is-sehem mis-suq tal-IU għalhekk jista' jkun ikkunsidrat bħala stabbli, minkejja li tilfet kemxejn is-sehem mis-suq, filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa żdiedu bi ftit.

(f) Impjiegi

(65) Filwaqt li produtturi tal-Unjoni fil-kampjun urew żieda ta' 5 % matul il-perjodu kkunsidrat, l-istima mill-applikant tal-livell tal-impjiegi tal-IU kollha huwa differenti u turi xejra negattiva, peress li hemm tnaqqis ta' 6 % bejn l-2009 u l-PIR.

| UI | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Impjiegi | 3 763 | 3 776 | 3 688 | 3 544 |
| *indiċi* | *100* | *100* | *98* | *94* |

(g) Daqs tal-marġni tad-dumping

(66) F'dak li jirrigwarda l-impatt fiq il-UI tal-kobor tal-marġini attwali ta' dumping li nstab (4,7 %), meta wieħed iqis il-volum relattivament baxx tal-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa u l-marġini ta' dumping relattivament baxx, dan l-impatt ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sinjifikanti.

(h) L-istokkijiet

(67) Il-livell tal-ħażniet tal-għeluq tal-IU naqas bejn l-2009 u l-PIR.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Ħażna tal-għeluq (f'tunnellati) | 11 723 | 10 240 | 9 813 | 10 489 |
| *indiċi* | *100* | *87* | *84* | *89* |

(i) Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi

(68) Il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità tal-IU żdiedu bi 8 % bejn l-2009 u l-PIR. Dan l-iżvilupp fil-prezzijiet huwa marbut mal-fatt li l-IU kienet kapaċi tgħaddi ż-żieda fl-ispiża tal-produzzjoni (bi 8 %) għal fuq l-utenti. Huwa relatat ukoll mal-migrazzjoni progressiva tal-IU lejn dijametru akbar tal-SWR u aktar attenzjoni lejn il-kejbils għal użu speċifiku.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz tal-bejgħ medju għal kull unità fl-UE (EUR/tunnellata) | 3 625 | 3 658 | 3 809 | 3 911 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *105* | *108* |

(j) Pagi

(69) Bejn l-2009 u l-PIR, is-salarju medju għal kull ekwivalenti għal full-time (FTE) żdied b'20 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara r-ristrutturar ta' xi kumpaniji fil-kampjun, il-proporzjon tal-impjegati tal-moħħ versu l-impjegati tal-id żdied matul il-perjodu kkunsidrat, li hu rifless fiż-żieda fil-paga medja tal-ispiża għal kull impjegat.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Pagi għal kull FTE (EUR) | 42 393 | 45 174 | 48 718 | 51 052 |
| *indiċi* | *100* | *107* | *115* | *120* |

(k) Il-produttività

(70) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-IU, imkejla bħala l-output għal FTE impjegati kull sena, kienet volatili matul il-perjodu kkunsidrat hekk kif naqset fl-2010 qabel ma reġgħet żdiedet fl-2011 u fil-PIR.

| UI | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-produttività | 58 | 52 | 53 | 55 |
| *indiċi* | *100* | *88* | *90* | *94* |

(l) Investimenti u abbiltà li jinkiseb il-kapital

(71) L-investimenti fl-SWR zdiedu b'271 % matul il-perjodu kkunsidrat, kienu sinifikanti u kienu jammontaw għal madwar minn EUR 16 miljun. Il-produtturi fil-kampjun ma kellhom l-ebda diffikultà biex iżidu l-kapital matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, proporzjon kbir ta' investimenti setgħu jiġu ffinanzjati minn flussi ta' flus iġġenerati minnhom stess.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Investimenti (1 000 EUR) | 5 845 | 6 025 | 12 656 | 15 839 |
| *indiċi* | *100* | *103* | *217* | *271* |

(m) Profitabbiltà fis-suq tal-Unjoni

(72) Il-produtturi fil-kampjun irnexxielhom jiksbu profitti matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Il-profitti miksuba mill-2009 sal-PIR - minkejja l-waqgħa meta mqabbel mal-2009 - kienu 'l fuq sew mill-profitt fil-mira ta' 5 % stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Profitabbiltà fis-suq tal-Unjoni | 14,8 % | 10,1 % | 10,6 % | 10,6 % |
| *indiċi* | *100* | *68* | *72* | *72* |

(n) Redditu mill-investimenti

(73) Ir-redditu fuq l-investimenti (ROI), espress bħala l-profitt totali ġġenerat mill-attività tal-SWR f'perċentwal tal-valur nett skont il-kotba tal-assi direttament u indirettament relatati mal-produzzjoni tal-SWR, segwit mix-xejriet ta' profitabbiltà ta' hawn fuq matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Minkejja l-waqgħa, dan l-indikatur għadu pjuttost għoli.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| ROI | 37,7 % | 23,4 % | 25 % | 23 % |
| *indiċi* | *100* | *62* | *66* | *61* |

(o) Fluss tal-flus

(74) Is-sitwazzjoni tal-flussi ta' flus b'mod ġenerali tibqa' pożittiva ferm, minkejja li marret ftit lura bejn l-2009 u l-PIR: dan isegwi sa ċertu punt ix-xejriet ta' profittabbiltà matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

| Produtturi fil-kampjun | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Fluss tal-flus (EUR 1 000) | 57 545 | 40 640 | 38 297 | 43 380 |
| *indiċi* | *100* | *71* | *67* | *75* |

(p) Irkupru mill-effetti tad-dumping fl-imgħoddi

(75) Il-maġġoranza tal-indikaturi turi li l-IU adattat it-tagħmir tal-produzzjoni tagħha biex tiffaċċja aħjar l-ambjent ekonomiku ġdid u tkun kapaċi taħtaf l-opportunitajiet fis-swieq tal-Unjoni u dawk li mhumiex tal-Unjoni, f'segmenti fejn jistgħu jinltaħqu marġini għoljin. It-titjib fis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-IU, flimkien mal-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fl-2001, juru li l-miżuri huma effettivi u li l-IU irkuprat mill-effetti tal-prattiki tad-dumping tal-passat.

4.2. ***Konklużjoni***

(76) Matul il-perjodu meqjus l-IU irnexxiela bejnwieħed u ieħor li żżomm is-sehem mis-suq tagħha, il-prezzijiet żdiedu bi 8 %, il-ħażniet baqgħu f'livell raġonevoli filwaqt li l-volum tal-produzzjoni u l-konsum żdied. l-IU għamlet profitt matul il-perjodu kkunsidrat, minkejja li l-profitti kienu f'livell iktar baxx fil-PIR milli fl-2009. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-IU ma ġarrbitx ħsara materjali matul il-perjodu kkunsidrat.

F. **IL-PROBABILITÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNI**

(77) Ġie eżaminat ukoll jekk ir-rikorrenza tal-ħsara materjali tkunx probabbli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Huwa vvalutat li aktarx dan ma jiġrix minħabba r-raġunijiet imfissra hawn taħt.

(78) Kif ġie enfasizzat fil-premessa (54), il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa nstab li kienu baxxi u inqas mill-prezzijiet tal-UE. Madankollu, minħabba l-volumi baxxi ta' tqabbil tipi ta' prodotti, il-marġini tat-twaqqigħ preenti jista' jitqies biss bħala indikattiv.

(79) Kif spjegat fil-premessa (51), il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-Federazzjoni Russa kien ta' 2 005 tunnellata fl-2009 u 2 343 tunnellata matul il-PIR, li jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' 1,03 % u 1,11 % rispettivament.

(80) Kif spjegat fil-premessi (43) u (45), it-total tal-kapaċità Russa huwa stmat li hu madwar 158 000 tunnellata, filwaqt li, matul l-aħħar investigazzjoni dan kien stmat li hu fil-livell tal-konsum totali tal-UE, jiġifieri 220 000 tunnellata. Barra minn hekk, bħalissal-kapaċitajiet żejda jidhru li huma limitati.

(81) Matul l-aħħar investigazzjoni, is-suq Russu kien ivvalutat bħala mhux kapaċi jassorbi l-livell tal-provvista. Bħalissa, kif spjegat fil-premessa (36), il-konsum domestiku tal-SWR fir-Russja għadda minn tkabbir konsiderevoli bi 38 % tul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, it-tbassir ekonomiku disponibbli pubblikament jistma tkabbir b'saħħtu tal-PDG fil-Federazzjoni Russa fis-snin li ġejjin. Il-kapaċità żejda Russa, kif imsemmi fil-premessa (45), huwa għalhekk probabbli li jiġi assorbit mis-suq Russu li qed jikber hekk kif il-prezzijiet fir-Russja huma madwar 11 % ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-UE. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Russi lejn swieq oħra, notevolment lejn il-pajjiżi tal-KSI huma bħala medja 5,6 % ogħla mill-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn l-UE. Għalhekk huwa probabbli li kwantitajiet sostanzjali jew tal-kapaċità żejda jew tal-bejgħ attwali tagħhom fis-suq domestiku li hu ta'benefiċċju akbar u/jew is-swieq tal-pajjiżi tal-CIS sej jkun dirett mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni.

(82) Fid-dawl ta'dan ta'hawnfuq, huwa konkluż li r-revoka tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Federazzjoni Russl fil-probabbiltà kollha ma jirriżultawx fir-rikorrenza ta' ħsara għall-IU fl-intier tagħha.

## G. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(83) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-SWR mill-Federazzjoni Russa għandhom jiġu revokati u l-proċediment attwali tterminat skont l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(84) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien previst li jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jiġu tterminati firrigward tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa. Ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar. Waslu kummenti minn parti interessata waħda li wkoll talbet u ngħatat seduta fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-miżuri antidumpung li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar inklużi l-ħbula koljaturi maqfula, esklużi ħbula u kejbils tal-azzar li ma jissaddadx, b'dimensjoni massima ta' wisa' li taqbeż it-3 mm, bil-fittings magħhom jew mingħajrhom li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċijiet NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 huma b'dan revokati u l-proċediment li jikkonċerna dawn l-importazzjonijiet huwa terminat.

*Artikolu 2*

Il-proċedura tar-reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar inklużi l-ħbula koljaturi maqfula, esklużi ħbula u kejbils tal-azzar li ma jissaddadx, b'dimensjoni massima ta' wisa' li taqbeż it-3 mm, bil-fittings magħhom jew mingħajrhom, attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċijiet NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 u li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa, mibdija taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, hija b'dan terminata.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. NEVEROVIC

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1343/2013

## tat-12 ta’ Diċembru 2013

## li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta’ peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta’ skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (“ir-Regolament bażiku”), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 11(2), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

### 1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2007 [2] impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (“ir-RPĊ”), it-Tajwan u l-Istati Uniti tal-Amerika (“l-investigazzjoni oriġinali” u “il-miżuri oriġinali”). Il-miżuri fir-rigward tar-RPĊ ħadu l-forma ta’ dazju *ad valorem* ta’ 71,8 % għall-kumpaniji kollha ħlief żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi li ġew mogħtija dazji individwali.

### 2. Bidu ta’ reviżjoni ta’ skadenza

(2) Fl-10 ta’ Ottubru 2012, il-Kummissjoni ħabbret b’avviż (“Notifika ta’ bidu”) [3], ippubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li kienet se tinbeda reviżjoni ta’ skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta’ peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw mir-RPĊ.

(3) Ir-reviżjoni nbdiet wara li ġiet ippreżentata talba ssostanzjata minn żewġ produtturi Ewropej, RheinPerChemie GmbH&Co. KG and United Initiators GmbH&Co. KG (“l-applikanti”) li tirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta’ peroxosulphates (persulphates).

(4) It-talba kienet ibbażata fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri x’aktarx tirriżulta f’issoktar ta’ dumping u ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

### 3. L-investigazzjoni

#### 3.1. *Perjodu tal-investigazzjoni ta’ reviżjoni u l-perjodu kkunsidrat*

(5) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta’ Ottubru 2011 sat-30 ta’ Settembru 2012 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni tar-reviżjoni” jew “PIR”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta’ kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-ħsara kien ikopri l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2009 sal-aħħar tal-PIR (“il-perjodu kkunsidrat”).

#### 3.2. *Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni*

(6) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-applikanti, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lil importaturi u utenti mhux relatati magħrufa li huma kkonċernati, produtturi f’pajjiżi analogi potenzjali kif ukoll lir-rappreżentanti tar-RPĊ bil-bidu tar-reviżjoni ta’ skadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta’ Bidu.

(7) Fid-dawl tal-għadd apparentament kbir ta’ produtturi esportaturi fir-RPĊ u importaturi mhux relatati fl-Unjoni involuti fl-investigazzjoni, ġie ppjanat it-teħid ta’ kampjuni għal dawn il-partijiet fin-Notifika ta’ Bidu, taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista’ tiddeċiedi jekk it-teħid ta’ kampjuni jkunx meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq intalbu, taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, biex jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviż ta’ bidu u jipprovdu l-informazzjoni mitluba fin-Notifika ta’ bidu lill-Kummissjoni.

(8) L-ebda wieħed mill-importaturi ma ppreżenta ruħu.

(9) Produttur esportatur wieħed biss mir-RPĊ wieġeb il-kwestjonarju. Għaldaqstant, ma kienx hemm bżonn li jintgħażel kampjun ta’ produtturi esportaturi.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 265, 11.10.2007, p. 1.
[3] ĠU C 305, 10.10.2012, p. 15.

(10) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa kkonċernati u lil dawk li ppreżentaw irwieħhom fl-iskadenzi stabbiliti fin-Notifika ta' bidu. Waslu tweġibiet mingħand żewġ produtturi tal-Unjoni, produttur esportatur wieħed fir-RPĊ u produttur wieħed fit-Turkija, ikkunsidrat bħala pajjiż analogu potenzjali.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà tal-issoktar jew ir-rikorrenza ta' dumping u l-ħsara li tirriżulta minnu u d-determinazzjoni ta' dak li hu fl-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin.

(a) Produtturi tal-Unjoni

— RheinPerChemie GmbH & Co. KG, il-Ġermanja

— United Initiators GmbH & Co. KG, il-Ġermanja

(b) Produttur esportatur fir-RPĊ

United Initiators (Shanghai) Co. Ltd, Shanghai [1]

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

(12) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak kopert mill-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri peroxosulphates (persulphates), inkluż il-potassium peroxymonosulphate sulphate ("il-prodott ikkonċernat"), li bħalissa huwa kklassifikat fil-kodiċijiet NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80.

(13) Il-prodott ikkonċernat jintuża bħala inizjatur jew aġent ossidanti f'numru ta' applikazzjonijiet. Xi eżempji jinkludu l-użu tiegħu bħala inizjatur tal-polimerizzazzjoni fil-produzzjoni tal-polimeri, bħala aġent ta' inċiżjoni fil-produzzjoni tal-pannelli taċ-ċirkwiti stampati, fil-kożmetiċi tax-xagħar, fil-proċess ta' ssiġġallar tal-pori tat-tessuti, fil-manifattura tal-karta, bħala aġent ta' tindif tad-dentaturi u bħala diżinfettant.

(14) L-investigazzjoni kkonfermat li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott ikkonċernat u dak manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ, kif ukoll dak immanifatturat u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi bażiġiet, u għalhekk huma kkunsidrati li huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. **IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' DUMPING**

1. **Rimarki ġenerali**

(15) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qed isseħħ fil-preżent u jekk kienx probabbli li d-dumping jissokta jew jerġa' jseħħ jekk possibbilment jiskadu l-miżuri fis-seħħ fuq ċerti importazzjonijiet mir-RPĊ.

(16) Kif spjegat fil-premessa (9), produttur esportatur Ċiniż wieħed biss ikkoopera fl-investigazzjoni u huwa ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PIR. Kif huwa msemmi hawn skont il-premessa (22) u kif spjegat fid-dettall fil-premessi minn (51) sa (53), l-investigazzjoni wriet li bażikament l-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ matul il-PIR kienu magħmula minn esportatur wieħed li nstab li ma kienx qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali, u li mhuwiex soġġett għar-reviżjoni attwali. Għalhekk, l-ebda analiżi ma jista' jsir fuq id-dumping f'dan il-każ.

2. **L-iżvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li l-miżuri jitħassru**

(17) Sabiex tkun valutata l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping, l-informazzjoni pprovduta mill-produttur esportatur Ċiniż li kkopera, l-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u l-fatti disponibbli fir-rigward tal-produtturi esportaturi li ma kkooperawx kienu kkunsidrati. Il-fatti disponibbli nstabu fit-talba għar-reviżjoni ta' skadenza, fl-informazzjoni ppubblikata fil-qafas ta' reviżjoni ta' skadenza mibdija f'Marzu 2013 mill-Istati Uniti tal-Amerika [2], fl-istatistika disponibbli għall-Kummissjoni jiġifieri d-dejta ta' kull xahar mibgħuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-dejta 14.6") u dejta dwar l-importazzjoni tal-Eurostat.

(a) Il-prezzijiet u l-volum ta' importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ u minn pajjiżi terzi oħra

(18) Id-dejta disponibbli fl-investigazzjoni wriet li bażikament l-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ matul il-PIR kienu magħmula minn esportatur Ċiniż wieħed li ma nstabx li kien qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali [3]. Dawk l-importazzjonijiet għalhekk mhumiex suġġetti għall-miżuri anti-dumping. Il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet baqgħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul dak il-perjodu.

[1] Huwa mfakkar li skont ir-Regolament (KE) Nru 1184/2007 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, it-Tajwan u l-Istati Uniti, l-isem il-kumpanija United Initiators Shanghai Co., Ltd kienet Degussa-AJ Inizjaturi (Shanghai) Co., Ltd, Shanghai. Il-bidla fl-isem kienet minħabba bidla fis-sjieda fl-2008.

[2] Nru A-570-847 (Reviżjoni)

[3] Il-kumpanija msemmija f'din il-Premessa mhijiex eżaminata mill-ġdid fl-investigazzjoni tar-reviżjoni ta' skadenza kurrenti minħabba li l-investigazzjoni oriġinali stabbilixxiet dazju żero għal din il-kumpanija (Regolament (KE) Nru 1184/2007).

(19) Minkejja li l-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi fl-Unjoni żdied b'29 % matul il-perjodu kkunsidrat, dawn kienu għadhom baxxi u kienu qed iwaqqgħu l-prezz tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR. Il-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdiedu wkoll iżda b'pass ħafna inqas qawwi b'rata ta' 7 %.

(20) L-uniku esportatur Ċiniż li kkoopera li huwa soġġett għall-miżuri attwali ta' anti-dumping u li ma kienx qed jesporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PIR. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li kien qed jesporta bi prezzijiet suġġetti għal dumping lejn swieq ta' pajjiżi terzi u li l-prezzijiet tiegħu kienu saħansitra iktar baxxi minn dawk ta' importazzjonijiet attwali mir-RPĊ fis-suq tal-Unjoni. Din hija indikazzjoni li l-esportaturi fiċ-Ċina qegħdin ikomplu jeżerċitaw id-dumping u li l-prezzijiet tagħhom huma baxxi.

(21) Is-suq tal-Unjoni jikkonsisti bejn wieħed u l-ieħor f'importazzjonijiet minn tliet pajjiżi: Iċ-Ċina, it-Turkija u l-Istati Uniti, u kull wieħed jirrappreżenta bejn 8 % u 10 % tas-sehem fis-suq u żewġ produtturi tal-Unjoni b'sehem mis-suq ta' madwar 65 % sa 75 %. L-investigazzjoni wriet li l-Istati Uniti komplew ikunu preżenti fis-suq tal-Unjoni u kienu jirrappreżentaw madwar terz tal-importazzjonijiet totali matul il-PIR. Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Istati Uniti kienu bħala medja 10 % aktar mill-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ. Din l-iskoperta, flimkien ma' tnaqqis osservat tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, tindika li l-importazzjonijiet Ċiniżi komplew jeżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni.

(22) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (18), l-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-PIR kienu magħmula minn esportatur wieħed li nstab li ma kienx qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali. Bejn l-2009 u l-PIR, il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet żdied b'24 % u s-sehem tas-suq korrispondenti żdied minn 8 % għal 9,6 % tal-konsum totali fl-Unjoni fl-istess perjodu.

(23) Notevolment ta' min iffakkar li fis-snin mill-1995 sal-2001 kienu imposti l-miżuri anti-dumping kontra peroxosulphates (persulphates) mir-RPĊ. Billi dawn il-miżuri ġew revokati, il-volum tal-importazzjoni mir-RPĊ żdied minn ftit anqas minn 200 tunnellata fl-2001 għal aktar minn 4 000 tunnellata fl-2003 u aktar mid-doppju għal kważi 9 000 tunnellata fl-2006. Fi kliem ieħor, l-importazzjonijiet Ċiniżi ħadu aktar minn 20 % tas-suq tal-Unjoni fi ftit snin. Matul il-perjodu 2003-2006, filwaqt li l-konsum żdied b'7 %, is-sehem tas-suq Ċiniż irdoppja. Dan juri li l-esportaturi Ċiniżi jistgħu jieħdu sehem konsiderevoli fis-suq tal-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping.

(24) Fid-dawl tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, b'mod partikolari r-reazzjoni Ċiniża għar-revoka tal-miżuri fis-suq tal-Unjoni fl-2001, il-livell tal-prezzijiet Ċiniżi matul il-PIR u l-prattiċi ta' dumping kontinwi fi swieq ta' pajjiżi terzi, huwa kkunsidrat li hemm probabbiltà li f'qasir żmien l-importazzjonijiet irħas Ċiniżi jerġgħu jissoktaw fi kwantitajiet kbar fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri attwali jiġu revokati.

(b) L-imġiba fl-ipprezzar tal-produtturi Ċiniżi fuq swieq oħra tal-esportazzjoni

(25) Kif imsemmi fil-premessa (16) hawn fuq, kumpanija Ċiniża li kkooperat ma esportatx lejn l-Unjoni matul il-PIR, u ma kienx possibbli li jitqabblu l-valuri normali tagħha fis-suq domestiku mal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Madankollu ġie vvalutat, kif imsemmi fil-premessa (24) hawn fuq, jekk l-esportazzjonijiet tal-kumpanija lejn pajjiżi terzi saru bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping matul il-PIR. Għall-kumpanija li ngħatat TES fl-investigazzjoni oriġinali, il-valuri normali ġew stabbiliti abbażi tad-dejta tagħha.

(26) Għat-tliet tipi tal-prodott ikkonċernat fejn il-bejgħ domestiku kien rappreżentattiv u sar fil-kummerċ normali, il-valuri normali medji ġew stabbiliti abbażi tal-prezzijiet li tħallsu mill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku. Għal tip wieħed, il-valur normali kellu jkun mibni fuq il-kost tal-produzzjoni, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. L-ispejjeż tal-manifattura u tal-bejgħ u l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (SG& A) u l-profitt miksub fuq bejgħ domestiku li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku kienu użati sabiex jiġi stabbilit il-valur normali ta' dak it-tip.

(27) It-tqabbil bejn il-valur normali medju peżat u l-prezz medju peżat tal-esportazzjoni, fuq bażi ex works lil pajjiżi terzi stabbiliti fuq il-bażi tad-dejta rappurtata u verifikata, wera marġini tad-dumping medju ta' 9,4 %.

(28) Fir-rigward tal-imġiba fl-ipprezzar, l-eżistenza tal-miżuri anti-dumping mill-Indja u mill-Istati Uniti tal-Amerika hija wkoll indikazzjoni ċara ta' prattiċi ta' dumping mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fuq swieq oħra.

(c) Attrattività tas-suq tal-Unjoni

(29) L-investigazzjoni wriet li kumpanija Ċiniża li kkooperat esportat lejn varjetà wiesgħa ta' pajjiżi terzi bħal Brażil, l-Indoneżja, il-Malasja, l-Afrika t'Isfel, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Emirati Għarab Magħquda. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-kumpanija Ċiniża li kkooperat lejn swieq terzi ġew imqabbla għal-livell ta'

prezzjiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-prezz tal-importazzjoni għar-RPĊ matul il-PIR fis-suq tal-Unjoni. Dan it-tqabbil wera li l-esportatur Ċiniż li kkoopera kien qed iwaqqa' b'mod sinifikanti, sa 40 %, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR.

(30) Din l-analiżi turi min-naħa l-waħda, li l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni huma ogħla u għaldaqstant attraenti ħafna, u, min-naħa l-oħra, li l-prezzijiet offruti minn esportatur Ċiniż ieħor huma inqas minn dawk attwali tal-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni.

(31) Ta' min jinnota wkoll li l-valuri normali tal-kumpanija li kkooperat matul il-PIR kienu ġeneralment aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dan jikkonferma l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni hekk kif ċertament tiġġenera profitti ogħla għall-produtturi Ċiniżi. Il-livell baxx tal-prezzijiet fiċ-Ċina ma jidhirx li hu bbażat fuq kwalunkwe raġuni barra mill-kapaċità abbundanti u l-offerta tal-prodott ikkonċernat.

(32) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (28), ċerti swieq ta' pajjiżi terzi, bħall-Istati Uniti u l-Indja, saru inqas attraenti għall-esportaturi Ċiniżi minħabba l-eżistenza tal-miżuri anti-dumping. Barra minn hekk, f'termini relattivi, swieq oħra ta' pajjiżi terzi nstabu li jaħdmu f'livelli ta' prezzijiet aktar baxxi minn dawk fis-suq tal-Unjoni. Fir-rigward ta' swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, li ma jaqgħux taħt il-miżuri, dawn huma ġa fornuti minn kumpaniji li huma preżenti f'dawk is-swieq, u hekk kwalunkwe kapaċità żejda fir-RPĊ x'aktarx tintuża għal esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni.

(33) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, huwa mistenni li l-importazzjonijiet Ċiniżi jerġgħu jissoktaw f'volumi akbar u jagħmlu pressjoni ikbar fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri attwali jitneħħew.

(d) Kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità żejda disponibbli għall-esportazzjonijiet

(34) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fin-nuqqas ta' informazzjoni oħra disponibbli, l-analiżi tal-kapaċità żejda fir-RPĊ kienet ibbażata fuq il-fatti disponibbli, jiġifieri l-informazzjoni limitata mogħtija mill-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera dwar is-sitwazzjoni tas-suq fir-RPĊ, mill-industrija tal-Unjoni u minn informazzjoni disponibbli pubblikament fil-livell ta' ħames produtturi ewlenin identifikati fir-RPĊ u d-dejta miġbura fl-istadju tal-bidu. L-informazzjoni mogħtija minn dawn is-sorsi nstabet li kienet konsistenti.

(35) Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, huwa preżunt li aktar minn 100 000 tunnellata tal-kapaċità ta' produzzjoni hija disponibbli fir-RPĊ, li tirrappreżenta madwar tliet darbiet il-volum tal-konsum tal-Unjoni tul il-PIR.

(36) Ibbażat fuq ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-produttur li kkoopera, ġie konkluż li hemm kapaċitajiet potenzjalment sinifikanti disponibbli fir-RPĊ li jistgħu jintużaw biex tiżdied il-produzzjoni u tiġi diretta mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni fil-każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu.

(e) Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping

(37) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie kkunsidrat li hemm probabbiltà li se jerġa' jseħħ dumping jekk il-miżuri attwali jitħallew jiskadu. B'mod partikolari l-livell tal-valuri normali stabbiliti fiċ-Ċina, l-aġir ta' dumping tal-produttur li kkoopera fi swieq ta' pajjiżi terzi, l-estensjoni tal-miżuri anti-dumping kontra esportaturi Ċiniżi fl-Indja u l-Istati Uniti, l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni meta mqabbel ma' swieq oħra u d-disponibbiltà ta' kapaċità ta' produzzjoni sinifikanti fir-RPĊ kollha jippuntaw lejn il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping f'każ li l-miżuri attwali jiġu revokati.

## D. SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI

### 1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(38) L-investigazzjoni attwali kkonfermat li l-peroxosulphates (persulphates) huma mmanifatturati minn żewġ produtturi fl-Unjoni biss. Huma jikkostitwixxu 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR. Iż-żewġ produtturi appoġġaw it-talba għal reviżjoni kif ukoll ikkooperaw fl-investigazzjoni.

(39) Dawn iż-żewġ kumpaniji jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għalihom bħala l-"industrija tal-Unjoni".

### 2. Kumment preliminari

(40) Sabiex tkun imħarsal-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, id-dejta relatata maż-żewġ produtturi tal-Unjoni hija ppreżentata f'forma ta' indiċi jew firxiet.

(41) Informazzjoni dwar l-importazzjonijiet ġiet analizzata fil-livell tal-kodiċi NM għat-tliet tipi ewlenin tal-prodott simili, persulfat tal-ammonju, persulfat tas-sodju, persulfat tal-potassju, fuq il-livell tal-kodiċi TARIC għar-raba' tip, il-potassium peroxymonosulphate. L-analiżi tal-importazzjonijiet ġiet ssupplimentata mid-dejta miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.

### 3. Il-konsum tal-Unjoni

(42) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u dejta tal-importazzjoni mill-Eurostat, f'kodiċi NM u l-livell tal-kodiċi TARIC.

(43) Il-konsum tal-Unjoni matul il-PIR kien kemxejn ogħla milli fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Kien hemm żieda ta' 22 % osservata bejn l-2009 u l-2010 iżda aktar fuq il-konsum li naqas b'rata stabbli b'madwar 18 %.

*Tabella 1*

**Konsum**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Konsum (tunnellati) | 25 000 – 35 000 | 35 000 – 45 000 | 35 000 – 45 000 | 25 000 – 35 000 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *122* | *114* | *103* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju, Eurostat, bażi ta' dejta tal-Artikolu 14(6)

## 4. Volum, Prezzijiet u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

(44) Il-volumi u l-ishma tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu analizzati abbażi ta' dejta tal-Eurostat u dejta miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.

(45) It-tqabbil tal-bażijiet tad-dejta msemmija hawn fuq jindika li l-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ joriġinaw minn kumpanija waħda li nstabet li ma kinitx qed tagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali. Bħala konsegwenza, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet dumped mir-RPĊ u l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ma jistgħux jiġu analizzati.

(46) Barra minn hekk, peress li l-produtturi esportaturi Ċiniżi sottomessi għal miżuri tal-anti-dumping ma kinux jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PIR, ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat it-twaqqigħ tal-prezz għar-RPĊ.

## 5. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn

(47) Il-volum ta' importazzjonijiet u prezzijiet u s-sehem tas-suq minn pajjiżi oħrajn matul il-perjodu kkunsidrat qed jintwera fit-tabella hawn taħt. Dawn ġew stabbiliti abbażi tal-informazzjoni statistika pprovduta f'livell ta' Kodiċi NM u TARIC. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kif spjegat fil-premessa (40) hawn fuq iċ-ċifri tas-sehem tas-suq huma żvelati taħt forma indiċizzata.

*Tabella 2*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| **It-Turkija** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 2 326 | 3 002 | 2 360 | 3 026 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *129* | *101* | *130* |
| Il-prezz, EUR/tunnellata | 1 137 | 1 010 | 1 130 | 1 158 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *89* | *99* | *102* |
| Sehem mis-suq *Indiċi* | 100 | 106 | 89 | 126 |
| **L-Istati Uniti** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 3 662 | 3 951 | 4 156 | 2 556 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *108* | *114* | *70* |
| Il-prezz, EUR/tunnellata | 1 053 | 1 170 | 1 201 | 1 099 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *111* | *114* | *104* |
| Sehem mis-suq *Indiċi* | 100 | 88 | 100 | 68 |
| **Pajjiżi terzi oħra** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 1 652 | 1 605 | 1 420 | 1 105 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *97* | *86* | *67* |
| Il-prezz, EUR/tunnellata | 1 443 | 1 518 | 1 605 | 1 738 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *105* | *111* | *120* |
| Sehem mis-suq *Indiċi* | 100 | 80 | 76 | 65 |
| **Total ta' pajjiżi terzi** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 7 640 | 8 558 | 7 936 | 6 687 |

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *112* | *104* | *88* |
| Il-prezz, EUR/tunnellata | 1 163 | 1 179 | 1 252 | 1 231 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *101* | *108* | *106* |
| Sehem mis-suq *Indiċi* | 100 | 92 | 91 | 85 |

*Sors*: Eurostat u Taric

(48) Il-volumi ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra lejn is-suq tal-Unjoni naqsu b'madwar 12 % matul il-perjodu kkunsidrat, u l-prezz medju żdied b'6 % matul l-istess perjodu. Is-sehem mis-suq mitluf minn pajjiżi terzi oħrajn ġie parzjalment meħud mill-importazzjonijiet Ċiniżi u l-industrija tal-Unjoni. Matul l-istess perjodu l-industrija tal-Unjoni żiedet il-prezzijiet tagħha b'medja ta' 7 % kif iddikjarat fil-premessa (64) iktar 'l isfel.

## 6. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

### 6.1. *Kummenti preliminari*

(49) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li għandhom piż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

### 6.2. *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(50) Il-volum ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Din iż-żieda kienet osservata partikolarment bejn l-2009 u l-2010 meta l-produzzjoni żdiedet bi 32 punt perċentwali. Din baqgħet stabbli wara, b'tnaqqis żgħir bejn l-2011 u l-PIR.

*Tabella 3*

**Produzzjoni totali tal-Unjoni**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni (tunnellati) | 20 000 – 30 000 | 25 000 – 35 000 | 25 000 – 35 000 | 25 000 – 35 000 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *132* | *135* | *125* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(51) Il-kapaċità ta' produzzjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Hekk kif il-produzzjoni żdiedet fil-perjodu 2009–2011, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità wriet żieda ġenerali ta' 34 %. Din it-tendenza nbidlet fil-PIR minhabba li t-tnaqqis fil-produzzjoni rriżulta wkoll fi tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità minn sitt punti perċentwali kif muri hawn taħt:

*Tabella 4*

**Kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 35 000 – 45 000 | 35 000 – 45 000 | 35 000 – 45 000 | 35 000 – 45 000 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *101* | *101* | *101* |
| Użu tal-kapaċità | 60 % | 79 % | 81 % | 75 % |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *131* | *134* | *124* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.3. *L-istokkijiet*

(52) Għalkemm il-livell tal-ħażniet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod sostanzjali bejn l-2009 u l-PIR, il-livell tagħha jibqa' relattivament baxx fir-rigward il-livell ta' produzzjoni.

*Tabella 5*

**Stokk tal-għeluq**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Stokk tal-għeluq (f'tunnellati) | 500 – 1 500 | 1 000 – 2 000 | 2 000 – 3 000 | 1 500 – 2 500 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *144* | *227* | *184* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.4. *Il-volum tal-bejgħ*

(53) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni għal konsumaturi mhux relatati segwa x-xejra ta' konsum b'quċċata fl-2010 u mbagħad xejra ta' tnaqqis fis-snin ta' wara, sa tmiem il-PIR. Matul il-perjodu kkunsidrat dan żdied b'6 %.

*Tabella 6*

**Bejgħ lil klijenti mhux relatati**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum (tunnellati) | 15 000 – 25 000 | 20 000 – 30 000 | 20 000 – 30 000 | 15 000 – 25 000 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *122* | *113* | *106* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.5. *Sehem mis-suq*

(54) Hekk kif il-volumi tal-bejgħ lejn l-Unjoni segwew ix-xejra tal-konsum, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli fil-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 7*

**Sehem tas-suq tal-Unjoni**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni | 65 % – 75 % | 65 % – 75 % | 65 % – 75 % | 65 % – 75 % |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *100* | *100* | *103* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju, l-Eurostat u Taric

6.6. *It-tkabbir*

(55) Kif spjegat hawn fuq, it-tkabbir fil-konsum fl-Unjoni kien limitat għal tliet punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni rnexxielha bi ftit iżżid il-volumi tal-bejgħ u tas-sehem tagħha mis-suq matul l-istess perjodu.

6.7. *Impjiegi u produttività*

(56) Il-livell ta' impjiegi tal-industrija Komunitarja baqa' stabbli bejn l-2009 u l-PIR. Madankollu, il-produttività ta' kull impjegat, mkejla bħala l-produzzjoni f'tunnellati għal kull impjegat, żdiedet b'mod viżibbli f'dan il-perjodu skont ix-xejra tal-produzzjoni. Id-dejta dettaljata tidher hawn taħt:

*Tabella 8*

**Impjiegi u produttività totali tal-Unjoni**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi ta' impjegati | 100 | 100 | 103 | 101 |
| Indiċi ta' produttività | 100 | 132 | 131 | 124 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.8. *Prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità*

(57) Il-prezzijiet ta' bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied b'7 % bejn l-2009 u l-PIR. Din iż-żieda ta' 7 % fil-prezz tal-bejgħ medju tal-industrija tal-Unjoni tista' tiġi spjegata minn din il-bidla fit-taħlita tal-prodott li kienu qed ibiegħu matul il-perjodu kkunsidrat. Dan il-prezz, anki meta wieħed iqis id-differenza potenzjali fit-taħlita tal-prodott, kien ferm ogħla mill-prezz mitlub mill-produttur Ċiniż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

*Tabella 9*

**Prezz ta' unità tal-bejgħ tal-Unjoni**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Prezz ta' unità tal-bejgħ fl-Unjoni (EUR/tunnellata) | 1 100 – 1 300 | 1 100 – 1 300 | 1 200 – 1 400 | 1 200 – 1 400 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *100* | *105* | *107* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.9. *Profittabbiltà*

(58) Fl-2009, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet qrib bilanċ bejn il-qligħ u t-telf. Sussegwentement, fil-perjodu 2010 — il-PIR, il-profittabbiltà baqgħet ogħla minn 10 %. Il-qabża f'daqqa fl-indiċi tal-profittabbiltà bejn l-2009 u l-2010 għalhekk tirriżulta minn livell ta' bażi baxx ħafna fl-2009 li kienet sena kritika għall-industrija tal-Unjoni. Fl-2011 il-profittabbiltà għolja rriżultat minn episodju straordinarju ta' ffrankar tal-ispejjeż, li mhux se jerġa' jseħħ fil-futur. Dan hu diġà rifless fil-profittabbiltà mnaqqsa fil-PIR, li tkompli tkun it-tendenza.

*Tabella 10*

**Profittabbiltà**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità ta' profittabilità tal-bejgħ tal-Unjoni *Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *2 400* | *3 336* | *1 854* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.10. *Investiment u dħul mill-investiment*

(59) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm livell għoli ta' investimenti fil-perjodu kollu kkunsidrat.

(60) Redditu fuq l-investiment segwit mill-qrib mit-tendenza ta' profittabbiltà fl-2009 u fl-2011 mhuwiex rappreżentattiv kif spjegat fil-premessa (58) hawn fuq.

*Tabella 11*

**Investimenti u Redditu mill-Investiment**

| Indiċi (2009 = 100) | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| *L-investimenti* | *100* | *71* | *110* | *99* |
| *Dħul fuq l-investiment* | 100 | 3 166 | 4 647 | 2 455 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.11. *Fluss tal-flus u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital*

(61) Il-fluss ta' flus, li jaffettwa l-kapaċità tal-industrija li tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, muri bħala perċentwali tal-fatturat tal-prodott ikkonċernat, segwa xejra simili għal dik tal-profittabbiltà. Tjieb b'mod sinifikanti sal-2011 u naqas matul il-PIR.

*Tabella 12*

**Fluss tal-flus**

| | 2009 | 2010 | 2011 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Fluss tal-flus<br>*Indiċi (2009 = 100)* | *100* | *288* | *381* | *172* |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

6.12. *Pagi*

(62) Filwaqt li l-għadd ta' nies impjegati mill-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli, il-pagi tagħhom żdiedu bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

6.13. *Daqs tal-marġni tad-dumping*

(63) Kif spjegat hawn fuq ma kienx hemm importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ matul il-perjodu kkunsidrat, u b'hekk id-daqs tal-marġni tad-dumping ma setax jiġi vvalutat.

6.14. *Irkupru minn dumping fil-passat*

(64) Filwaqt li titqies in-nuqqas ta' importazzjonijiet dumped bi prezz baxx mir-RPĊ, l-utilizzazzjoni relattivament għolja ta' kapaċità u l-qligħ fis-sehem tas-suq miksub mill-industrija tal-Unjoni, il-livell tagħha ta' profitabbiltà u l-iżvilupp pożittiv ta' ċerti indikaturi finanzjarji, huwa konkluż li l-industrija tal-Unjoni rkuprat mill-effetti ta' dumping fl-imgħoddi matul il-perjodu kkunsidrat. L-irkupru huwa madankollu riċenti u kien osservat tnaqqis f'diversi indikaturi ta' ħsara bħalma huma l-profittabbiltà, il-fluss tal-likwidità, ir-redditu fuq l-investiment u l-investiment fis-suq tal-Unjoni matul il-PIR.

## 7. **Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(65) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mir-RPĊ waqfu milli jaslu fis-suq tal-Unjoni dritt wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali fl-2007 u li dawn ma kinux preżenti matul il-perjodu kkunsidrat jew fil-PIR. L-importazzjonijiet mir-RPĊ preżenti fis-suq tal-Unjoni joriġinaw mill-uniku produttur Ċiniż li nstab li ma kienx qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali. Dan ippermetta lill-industrija tal-Unjoni li tikseb livell għoli ta' produzzjoni, iżżid il-volum tal-bejgħ tagħha, il-prezz medju tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-profitabbiltà u biex ittejjeb il-qagħda finanzjarja globali tagħha.

(66) Huwa għalhekk konkluż li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara materjali matul il-PIR. Minħabba t-tnaqqis fil-konsum u d-deterjorament f'ċerti indikaturi tal-ħsara kif deskritt hawn fuq matul il-PIR, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni għadha vulnerabbli.

## E. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA**

### 1. **Kummenti preliminari**

(67) Għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-impatt potenzjali tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq is-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni kien analizzat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku.

(68) L-analiżi ffukat fuq l-kapaċità żejda fir-RPĊ u l-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi f'swieq ta' pajjiżi terzi u fis-suq tal-Unjoni.

### 2. **kapaċità żejda fir-RPĊ**

(69) Skont l-informazzjoni miġbura u vverifikata matul l-investigazzjoni, huwa stmat li madwar 100 000 tunnellata ta' kapaċità ta' produzzjoni għall-prodott ikkonċernat huwa disponibbli fiċ-Ċina. Barra minn hekk, hemm diversi prodotturi żgħar mifruxa fil-pajjiż li jagħmlu din iċ-ċifra saħansitra ogħla.

(70) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi, ma hemm l-ebda dejta disponibbli li tindika l-perċentwal preċiż ta' din il-kapaċità li hija żejda u li tista' tintuża biex il-prodott ikkonċernat jiġi esportat lejn is-suq tal-Unjoni. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-uniku produttur Ċiniż li kkoopera għandu kapaċità żejda ta' madwar 30 %. L-estrapolazzjoni ta' din l-informazzjoni lill-kumpaniji Ċiniżi kollha tkun tfisser li bħalissa teżisti kapaċità żejda ta' aktar minn 30 000 tunnellata fir-RPĊ.

(71) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, anke jekk il-kumpaniji Ċiniżi ma jaħdmux bil-kapaċità sħiħa tagħhom, 20 000–25 000 tunnellata tal-prodott ikkonċernat ikun disponibbli għall-esportazzjoni fir-RPĊ. Minħabba l-iskoperti magħmula u l-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi minn (22) sa (44) ta' hawn fuq, huwa ċar li f'każ li l-miżuri ma jiġux estiżi, il-kapaċità żejda disponibbli fiċ-Ċina se tkun intiża għall-esportazzjoni tagħha lejn is-suq tal-Unjoni. Dan il-volum tal-esportazzjoni addizzjonali potenzjali għandu jitqies fil-kuntest tal-konsum tal-Unjoni ta' madwar 25 000–35 000 tunnellata fil-PIR.

### 3. Esportazzjonijiet mir-RPĊ

(72) Kif imsemmi fil-premessa (20) hawn fuq, l-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi saru bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Barra minn hekk, ir-riżultati ta' reviżjonijiet ta' skadenza mwettqa mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Uniti u fl-Indja waslu għall-konklużjoni li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq il-peroxosulphates (persulphates) mir-RPĊ għandhom jiġu estiżi. F'din is-sitwazzjoni huwa mistenni li l-kapaċità ta' produzzjoni libera tal-esportaturi Ċiniżi se tibda tintuża l-aktar għall-produzzjoni għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Kif spjegat fil-premessa (32) hawn fuq, minħabba li l-provvista lejn swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi, mhux skont miżuri, diġà hija assigurata minn kumpaniji li huma preżenti f'dawk is-swieq, kwalunkwe kapaċità żejda disponibbli fir-RPĊ x'aktarx tintuża għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn is-suq tal-Unjoni.

(73) B'kunsiderazzjoni tal-prattika tad-dumping tal-imgħoddi mill-esportaturi Ċiniżi li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ u l-imġiba ta' dumping attwali tagħhom f'pajjiżi terzi, jista' jiġi konkluż li dawn il-volumi ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni se jsiru bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(74) Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (23) hawn fuq, hu mfakkar li fis-snin mill-1995 sal-2001, miżuri anti-dumping kienu imposti kontra l-esportazzjoni ta' peroxosulphates (persulphates) mir-RPĊ. Peress li dawn il-miżuri ma ġewx estiżi, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu minn ftit anqas minn 200 tunnellata fl-2001 għal kważi 10 000 tunnellata fl-2006, u għalhekk ħadu iktar minn 20 % tas-suq tal-Unjoni.

### 4. Konklużjoni

(75) Fid-dawl tal-iskoperti tal-investigazzjoni, jiġifieri l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fir-RPĊ, il-kontinwazzjoni ta' dumping Ċiniż lejn pajjiżi terzi, il-kapaċità limitata tal-esportaturi Ċiniżi li jbigħu fis-swieq ta' pajjiżi terzi ewlenin oħra u l-ħila ppruvata tagħhom biex idawru l-volumi ta' esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni, huwa kkunsidrat li r-revoka tal-miżuri tista' ddgħajjef il-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq prinċipali tagħhom u l-ħsara mġarrba tixref mill-ġdid minħabba importazzjonijiet Ċiniżi probabbli bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li t-titjib tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-miżuri fis-seħħ jibqgħu jew jissaħħu jekk il-miżuri jiġu revokati. Għall-kuntrarju, hemm kundizzjonijiet favorevoli għal bidla probabbli tal-importazzjonijiet Ċiniżi lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u f'volumi konsiderevoli u li x'aktarx jipperikolaw l-iżviluppi pożittivi li ntlaħqu fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. L-importazzjonijiet dumped Ċiniżi li x'aktarx ikunu jistgħu jeżerċitaw pressjoni fuq il-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija u jġegħluha titlef sehem tas-suq u bħala konsegwenza jkollhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni li għadha vulnerabbli skont il-premessa (66) hawn fuq.

## F. INTERESS TAL-UNJONI

### 1. Introduzzjoni

(76) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi differenti involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(77) Minħabba li din l-investigazzjoni hija reviżjoni tal-miżuri eżistenti, hija tippermetti għal evalwazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq il-partijiet interessati.

### 2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(78) Ġie konkluż fil-premessa (70) hawn fuq li l-industrija tal-Unjoni aktarx tesperjenza deterjorazzjoni serja tas-sitwazzjoni tagħha fil-każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-kontinwazzjoni tal-miżuri tibbenefika lill-industrija tal-Unjoni minħabba li l-produtturi tal-Unjoni għandhom ikunu kapaċi jżommu l-volumi tagħhom tal-bejgħ, is-sehem fis-suq, il-profittabbiltà u s-sitwazzjoni ekonomika pożittiva ġenerali tagħha. B'kuntrast, il-waqfien tal-miżuri jheddu serjament il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni għax ikun hemm raġunijiet biex wieħed jistenna bidla tal-importazzjonijiet Ċiniżi lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u f'volumi konsiderevoli li jikkawżaw rikorrenza ta' ħsara.

3. **Interess tal-utenti**

(79) L-ebda mill-44 utent ikkuntattjat ma wieġeb għall-kwestjonarju jew ikkoopera. L-utenti ma kkooperawx fl-investigazzjoni oriġinali wkoll. Fin-nuqqas ta' interess minn utenti, ġie konkluż li miżuri ma jkunux kontra l-interess tal-utenti biex jinżammu. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li l-impatt tal-prodott ikkonċernat fuq l-ispejjeż tal-prodotti li jiġu wara fil-katina tas-suq hija pjuttost marġinali u ż-żamma tal-miżuri mhix se jkollha impatt negattiv fuq l-industrija tal-utenti. L-investigazzjoni żvelat ukoll li minħabba n-natura tal-prodott kif ukoll minħabba d-diversi sorsi ta' provvisti disponibbli fis-suq, l-utenti jistgħu faċilment jibdlu l-fornitur.

4. **L-interess tal-importaturi**

(80) L-ebda mill-14-il importatur ikkuntattjat ma wieġeb għall-kwestjonarju jew ikkoopera. L-importaturi ma kkooperawx fl-investigazzjoni oriġinali wkoll. Fin-nuqqas ta' interess mill-importaturi, ġie konkluż li ma jkunx kontra l-interess tal-utenti biex jinżammu l-miżuri. L-investigazzjoni wriet li l-importaturi jistgħu faċilment jixtru minn sorsi differenti li huma attwalment disponibbli fis-suq, b'mod partikolari mill-industrija tal-Unjoni, l-esportaturi tal-Istati Uniti u l-esportaturi Ċiniżi li jbiegħu bi prezzijiet li mhumiex oġġett ta' dumping.

5. **Konklużjoni**

(81) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li ma hemmx raġunijiet konvinċenti ta' interess għall-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping attwali.

G. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(82) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara dak l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien ġustifikat.

(83) Minn dan isegwi li, kif provdut fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw fir-RPĊ, imposti bir-Regolament (KE) Nru 1184/2007, għandhom jinżammu.

(84) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' evażjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping. Dawn il-miżuri speċjali, li japplikaw għal kumpaniji li għalihom tkun introdotta rata individwali tad-dazju, jinkludu dan li ġej: il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'tali fattura għandhom ikunu suġġetti għad-dazju tal-anti-dumping residwu li japplika għall-produtturi l-oħra kollha,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan huwa impost dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates), inkluż il-potassium peroxymonosulphate sulphate, li attwalment jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80 (TARIC 2842 90 80 20) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju tal-anti-dumping definittiva applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

| Kumpanija | Dazju Anti-dumping | Kodiċi Addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| ABC Chemicals (Shanghai) Co., Ltd, Shanghai | 0,0 % | A820 |
| United Initiators Shanghai Co., Ltd | 24,5 % | A821 |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 71,8 % | A999 |

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness. Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. NEVEROVIC

---

*ANNESS*

Għandha tidher dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali, fil-format li ġej, fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3):

(1) L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali.

(2) Id-dikjarazzjoni segwenti: "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li (l-volum) ta' peroxosulphates mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni Ewropea, li huwa kopert minn din il-fattura, kien manifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (Kodiċi Addizzjonali TARIC) fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."

Data u firma

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1344/2013

## tat-12 ta’ Diċembru 2013

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-kavalli fiż-żona IVa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u partikolarment l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta’ Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f’ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta’ stokkijiet ta’ ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk li hemm referenza għalihom fl-Anness ta’ dan ir-Regolament li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru li hemm referenza għalih hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2013.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-Kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta’ dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f’dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta’ dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f’dak l-Anness. B’mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 73/TQ40 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Stokk | MAC/*4A |
| Speċi | Kavalli (*Scomber scombrus*) |
| Żona | IVa |
| Data tal-għeluq | 27.11.2013 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1345/2013

## tat-12 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIf u VIIg minn bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u partikolarment l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk li hemm referenza għalihom fl-Anness ta' dan ir-Regolament li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru li hemm referenza għalih hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2013.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-Kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 78/TQ39 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Stokk | PLE/7FG. |
| Speċi | Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) |
| Żona | Iż-żoni VIIf u VIIg |
| Data tal-għeluq | 27.11.2013 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1346/2013

## tat-12 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-marlin blu fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati [2], jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk li hemm referenza għalihom fl-Anness għal dan ir-Regolament li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru li hemm referenza għalih hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2013.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istati Membri msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 72/TQ40 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | BUM/ATLANT |
| Speċi | Marlin blu (*Makaira nigricans*) |
| Żona | L-Oċean Atlantiku |
| Data tal-għeluq | 21.11.2013 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1347/2013

## tat-13 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-kavalli fiż-żoni IIIa u IVbc minn bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u partikolarment l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk li hemm referenza għalihom fl-Anness ta' dan ir-Regolament li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru li hemm referenza għalih hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2013.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-Kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 74/TQ40 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Stokk | MAC/*3A4BC |
| Speċi | Kavalli (*Scomber scombrus*) |
| Żona | Iż-żoni IIIa u IVbc |
| Data tal-għeluq | 27.11.2013 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1348/2013

## tas-16 ta' Diċembru 2013

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 113(1)(a) u l-punti (a) u (h) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 121 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 [2] jiddefinixxi l-karatteristiċi kimiċi u organolettiċi taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ u jistabbilixxi l-metodi għall-valutazzjoni ta' dawk il-karatteristiċi. Dawk il-metodi u l-valuri ta' limitu għall-karatteristiċi taż-żjut għandhom jiġu aġġornati abbażi tal-opinjoni tal-esperti kimiċi u skont il-ħidma mwettqa fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (l-IOC).

(2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-aktar standards internazzjonali riċenti li ġew stabbiliti mill-IOC, ċerti metodi ta' analiżi u ċerti valuri ta' limitu għall-karatteristiċi taż-żjut stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 għandhom jiġu aġġornati.

(3) Għalhekk, il-valuri ta' limitu għall-istigmastadini, ix-xama', l-aċidu miristiku u l-esteri tal-alkil tal-aċidi xaħmin għandhom jiġu adattati u ċerti dijagrammi tad-deċiżjonijiet li jintużaw biex jiġi vverifikat jekk kampjun taż-żejt taż-żebbuġa jkunx konsistenti mal-kategorija ddikjarata jew le għandhom jiġu emendati kif xieraq. Għandhom jiddaħħlu dijagrammi tad-deċiżjonijiet għall-kampesterol u d-delta-7-stigmastenol flimkien ma' parametri aktar restrittivi sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u tiġi żgurata l-awtentiċità taż-żejt taż-żebbuġa sabiex jitħarsu l-konsumaturi. Il-metodu tal-analiżi marbut mal-kompożizzjoni u l-kontenut tal-isteroli u mal-istabbiliment tal-konċentrazzjoni ta' eritrodiol u uvaol għandu jinbidel b'metodu aktar affidabbli li jkopri wkoll id-dialkoħol tat-triterpen. Huwa xieraq ukoll li tiġi analizzata mill-ġdid il-valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebbuġa u li jiddaħħal metodu li jippermetti li tiġi nnutata l-preżenza ta' żjut veġetali barranin fiż-żjut taż-żebbuġa.

(4) Fid-dawl tal-iżviluppi marbutin mal-proċeduri tal-verifiki tal-konformità taż-żjut, il-metodu tat-teħid tal-kampjuni taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ għandu jiġi adattat kif xieraq.

(5) Għalhekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(6) Sabiex jitħalla perjodu taż-żmien għall-aġġustament mar-regoli l-ġodda, u biex jingħata żmien biex jiddaħħlu l-mezzi għall-applikazzjoni tagħhom u jiġi evitat li jiġu ddisturbati t-tranżazzjonijiet kummerċjali, l-emendi li jsiru permezz ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu 2014. Għall-istess raġunijiet, għandhom isiru dispożizzjonijiet biex iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ li jiġu mmanifatturati u ttikkettati legalment fl-Unjoni jew li jiddaħħlu legalment fl-Unjoni u jiġu rrilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa qabel dik id-data jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sa ma jispiċċaw il-ħażniet kollha.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Il-karatteristiċi taż-żjut stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu stabbiliti skont il-metodi ta' analiżi li ġejjin:

(a) biex jiġu stabbiliti l-aċidi xaħmin liberi, mogħtija bħala perċentwali ta' aċidu olejku, il-metodu stabbilit fl-Anness II;

(b) biex jiġi stabbilit l-indiċi tal-perossidu, il-metodu stabbilit fl-Anness III;

(c) biex jiġi stabbilit l-ammont ta' xama', il-metodu stabbilit fl-Anness IV;

(d) biex jiġu stabbiliti l-kompożizzjoni u l-kontenut tal-isteroli u d-dialkoħol tat-triterpen permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari, il-metodu stabbilit fl-Anness V;

(e) biex tiġi stabbilita l-perċentwali ta' 2-gliċeril monopalmitat, il-metodu stabbilit fl-Anness VII;

(f) għall-analiżi spettrofotometrika, il-metodu stabbilit fl-Anness IX;

(g) biex tiġi stabbilita l-kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin, il-metodu stabbilit fl-Anness X A u fl-Anness X B;

(h) biex jiġu stabbiliti s-solventi aloġenati volatili, il-metodu stabbilit fl-Anness XI;

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti (ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1).

(i) biex jiġu evalwati l-karatteristiċi organolettiċi taż-żejt taż-żebbuġa verġni, il-metodu stabbilit fl-Anness XII;

(j) biex jiġu stabbiliti l-istigmastadini, il-metodu stabbilit fl-Anness XVII;

(k) biex jiġi stabbilit l-ammont ta' trigliċeridi b'ECN42, il-metodu stabbilit fl-Anness XVIII;

(l) biex jiġi stabbilit l-ammont ta' alkoħol alifatiku, il-metodu stabbilit fl-Anness XIX;

(m) biex jiġi stabbilit l-ammont ta' xama', ta' esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin u ta' esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin, il-metodu stabbilit fl-Anness XX.

Sabiex tiġi nnutata l-preżenza ta' żjut veġetali barranin fiż-żjut taż-żebbuġa, għandu jintuża l-metodu ta' analiżi stabbilit fl-Anness XXa.

2. L-awtoritajiet nazzjonali jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom iwettqu l-verifika tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa verġni permezz ta' bordijiet li jduqu ż-żjut approvati mill-Istati Membri.

Il-karatteristiċi organolettiċi taż-żejt imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu li jkunu konformi mal-kategorija ddikjarata jekk il-bord approvat mill-Istat Membru jikkonferma din il-klassifikazzjoni.

Jekk il-bord ma jikkonfermax il-kategorija tal-karatteristiċi organolettiċi ddikjarata, l-awtoritajiet nazzjonali jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom iwettqu żewġ kontrovalutazzjonijiet permezz ta' bordijiet approvati oħrajn mingħajr dewmien, fuq talba tal-parti kkonċernata, u mill-inqas waħda minn dawn il-kontrovalutazzjonijiet trid titwettaq minn bord li jkun approvat mill-Istat Membru kkonċernat fejn ikun ġie prodott iż-żejt. Il-karatteristiċi kkonċernati għandhom jitqiesu li jkunu konformi mal-karatteristiċi ddikjarati jekk iż-żewġ kontrovalutazzjonijiet jikkonfermaw il-klassifika ddikjarata. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-parti interessata jkollha tħallas l-ispejjeż tal-kontrovalutazzjonijiet.

3. Meta l-awtoritajiet nazzjonali jew ir-rappreżentanti tagħhom iwettqu l-verifiki tal-karatteristiċi organolettiċi kif previst fil-paragrafu 1, il-kampjuni għandhom jittieħdu skont l-istandards internazzjonali EN ISO 661 u EN ISO 5555 għat-tħejjija tal-kampjuni għat-testijiet u għat-teħid tal-kampjuni rispettivament. Madankollu, minkejja l-punt 6.8 tal-istandard EN ISO 5555, fil-każ tal-lottijiet tat-tali żjut f'pakketti għall-konsum, il-kampjun għandu jittieħed skont l-Anness Ia ta' dan ir-Regolament. Fil-każ taż-żjut bl-ingrossa li għalihom il-kampjuni ma jistgħux jittieħdu skont l-istandard EN ISO 5555, il-kampjuni għandhom jittieħdu skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Mingħajr ħsara għall-istandard EN ISO 5555 u għall-Kapitolu 6 tal-istandard EN ISO 661, il-kampjuni meħudin għandhom jitpoġġew kemm jista' jkun malajr f'post fid-dlam' il bogħod mis-sħana qawwija u għandhom jintbagħtu lil-laboratorju għall-analiżi mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol wara li jittieħdu, inkella l-kampjuni għandhom jinżammu b'tali mod li ma tonqosx il-kwalità tagħhom jew li ma jsofrux ħsara waqt it-trasport jew il-ħażna qabel ma jintbagħtu lil-laboratorju.

4. Għall-għanijiet tal-verifika prevista fil-paragrafu 3, fil-każ tal-prodotti fil-pakketti, l-analiżi msemmija fl-Annessi II, III, IX, XII u XX u, fejn ikun applikabbli, kull kontroanaliżi meħtieġa skont il-liġijiet nazzjonali, għandha titwettaq qabel id-data minima tad-durabbiltà. Fil-każ tat-teħid ta' kampjuni taż-żjut bl-ingrossa, dawn l-analiżi għandhom jitwettqu mhux aktar tard minn sitt xhur wara x-xahar li fih ikun ittieħed il-kampjun.

M'għandu japplika l-ebda limitu taż-żmien għall-analiżi l-oħra previsti f'dan ir-Regolament.

Sakemm il-kampjun ma jkunx ittieħed inqas minn xahrejn qabel id-data minima tad-durabbiltà, jekk ir-riżultati tal-analiżi ma jkunux jaqblu mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa jew taż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ iddikjarata, il-parti kkonċernata għandha tiġi nnotifikata b'dan mhux aktar tard minn xahar qabel ma jintemm il-perjodu stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

5. Sabiex jiġu stabbiliti l-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa bil-metodi previsti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, ir-riżultati tal-analiżi għandhom jitqabblu direttament mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament."

(2) L-Anness I għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness Ia għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness Ib għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness V għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Anness VI għandu jitħassar.

(7) L-Anness XII għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

(8) L-Anness XXa, li t-test tiegħu huwa mogħti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, għandu jiżdied wara l-Anness XX.

*Artikolu 2*

Il-prodotti li ġew immanifatturati u ttikkettati legalment fl-Unjoni jew li ddaħħlu legalment fl-Unjoni u ġew irrilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa qabel l-1 ta' Marzu 2014 jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sa ma jispiċċaw il-ħażniet kollha.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*L-ANNESS I*

*"ANNESS 1*

## KARATTERISTIĊI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

| Kategorija | Esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin (FAEEs) f'mg/kg (*) | Aċidità (f'perċentwali) (*) | Indiċi tal-perossidu f'mEq $O_2$/kg (*) | Xama' f'mg/kg (**) | 2-gliċeril monopalmitat (f'perċentwali) | Stigmastadini f'mg/kg [1] | Id-differenza bejn il-valur ta' ECN42 (li joħroġ mill-HPLC) u l-valur ta' ECN42 [2] (li joħroġ mill-kalkolu teoretiku) | $K_{232}$ (*) | $K_{268}$ jew $K_{270}$ (*) | Delta-K (*) | Evalwazzjoni organolettika Valur medjan tad-difett (Md) (*) | Evalwazzjoni organolettika Valur medjan tat-togħma tal-frott (Mf) (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. Żejt taż-żebbuġa straverġni | FAEEs ≤ 40 (is-sena tal-ħsad tal-2013 sal-2014) [3]<br>FAEEs ≤ 35 (is-sena tal-ħsad tal-2014 sal-2015)<br>FAEEs ≤ 30 (is-snin tal-ħsad wara l-2015) | ≤ 0,8 | ≤ 20 | $C_{42} + C_{44} + C_{46} \leq 150$ | ≤ 0,9 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' ≤ 14 %<br>≤ 1,0 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' > 14 % | ≤ 0,05 | ≤ \|0,2\| | ≤ 2,50 | ≤ 0,22 | ≤ 0,01 | Md = 0 | Mf > 0 |
| 2. Żejt taż-żebbuġa verġni | — | ≤ 2,0 | ≤ 20 | $C_{42} + C_{44} + C_{46} \leq 150$ | ≤ 0,9 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' ≤ 14 %<br>≤ 1,0 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' > 14 % | ≤ 0,05 | ≤ \|0,2\| | ≤ 2,60 | ≤ 0,25 | ≤ 0,01 | Md ≤ 3,5 | Mf > 0 |
| 3. Żejt taż-żebbuġa *lampante* | — | > 2,0 | — | $C_{40} + C_{42} + C_{44} + C_{46} \leq 300$ [4] | ≤ 0,9 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' ≤ 14 %<br>≤ 1,1 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' > 14 % | ≤ 0,50 | ≤ \|0,3\| | — | — | — | Md > 3,5 [5] | — |
| 4. Żejt taż-żebbuġa raffinat | — | ≤ 0,3 | ≤ 5 | $C_{40} + C_{42} + C_{44} + C_{46} \leq 350$ | ≤ 0,9 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' ≤ 14 %<br>≤ 1,1 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' > 14 % | — | ≤ \|0,3\| | — | ≤ 1,10 | ≤ 0,16 | — | — |

| Kategorija | Esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin (FAEEs) f'mg/kg (*) | Aċidità (f'perċentwali) (*) | Indiċi tal-perossidu f'mEq $O_2$/kg (*) | Xama' f'mg/kg (**) | 2-gliċeril monopalmitat (f'perċentwali) | Stigmastadini f'mg/kg (1) | Id-differenza bejn il-valur ta' ECN42 (li joħroġ mill-HPLC) u l-valur ta' ECN42 (2) (li joħroġ mill-kalkolu teoretiku) | $K_{232}$ (*) | $K_{268}$ jew $K_{270}$ (*) | Delta-K (*) | Evalwazzjoni organolettika Valur medjan tad-difett (Md) (*) | Evalwazzjoni organolettika Valur medjan tat-togħma tal-frott (Mf) (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żejt taż-żebbuġa verġni | — | ≤ 1,0 | ≤ 15 | $C_{40} + C_{42} + C_{44} + C_{46} \leq 350$ | ≤ 0,9 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' ≤ 14 % | — | ≤ \|0,3\| | — | ≤ 0,90 | ≤ 0,15 | — | — |
| | | | | | ≤ 1,0 jekk il-perċentwali tal-aċidu palmitiku kollu jkun ta' > 14 % | | | | | | | |
| 6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ | — | — | — | $C_{40} + C_{42} + C_{44} + C_{46} > 350$ (6) | ≤ 1,4 | — | ≤ \|0,6\| | — | — | — | — | — |
| 7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ | — | ≤ 0,3 | ≤ 5 | $C_{40} + C_{42} + C_{44} + C_{46} > 350$ | ≤ 1,4 | — | ≤ \|0,5\| | — | ≤ 2,00 | ≤ 0,20 | — | — |
| 8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ | — | ≤ 1,0 | ≤ 15 | $C_{40} + C_{42} + C_{44} + C_{46} > 350$ | ≤ 1,2 | — | ≤ \|0,5\| | — | ≤ 1,70 | ≤ 0,18 | — | — |

(1) L-isomeri kollha li setgħu (jew li ma setgħux) jiġu sseparati permezz tal-kolonna kapillari.
(2) Iż-żejt taż-żebbuġa jrid ikun konformi mal-metodu stabbilit fl-Anness XXa.
(3) Dan il-limitu japplika għaż-żjut taż-żebbuġa prodotti mill-1 ta' Marzu 2014 'il quddiem.
(4) Iż-żjut li jkollhom bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg ta' xama' jitqiesu bħala żjut taż-żebbuġa *lampante* jekk l-ammont totali ta' alkoħol alifatiku fihom ikun ta' 350 mg/kg jew inqas jew jekk il-perċentwali ta' eritrodiol u uvaol fihom ikun ta' 3,5 % jew inqas.
(5) Jew meta l-valur medjan tad-difett ikun ta' iktar minn 3,5 jew ikun ta' 3,5 jew inqas u l-valur medjan tat-togħma tal-frott ikun ta' 0.
(6) Iż-żjut li jkollhom bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg ta' xama' jitqiesu bħala żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ jekk l-ammont totali ta' alkoħol alifatiku fihom ikun ta' iktar minn 350 mg/kg u jekk il-perċentwali ta' eritrodiol u uvaol fihom ikun ta' iktar minn 3,5 %.

| Kategorija | Kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin (1) | | | | | | Ammont totali ta' isomeri tranżolejċi (f%) | Ammont totali ta' isomeri tranżlinolejċi u isomeri tranżlinoleniċi (f%) | Kompożizzjoni tal-isteroli | | | | | | Ammont totali ta' steroli (f'mg/kg) | Eritrodiol u uvaol (f%) (**) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Aċidu miristiku (f%) | Aċidu linoleniku (f%) | Aċidu arakidiku (f%) | Aċidu ejkosenojku (f%) | Aċidu beħeniku (f%) | Aċidu linjoċeriku (f%) | | | Kolesterol (f%) | Brassikasterol (f%) | Kampesterol (2) (f%) | Stigmasterol (f%) | App β–sitosterol (f%) (3) | Delta-7-stigmastenol (2) (f%) | | |
| 1. Żejt taż-żebbuġa straverġni | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,05 | ≤ 0,05 | ≤ 0,5 | ≤ 0,1 | ≤ 4,0 | < Kampesterol | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 000 | ≤ 4,5 |
| 2. Żejt taż-żebbuġa verġni | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,05 | ≤ 0,05 | ≤ 0,5 | ≤ 0,1 | ≤ 4,0 | < Kampesterol | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 000 | ≤ 4,5 |
| 3. Żejt taż-żebbuġa *lampante* | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,10 | ≤ 0,10 | ≤ 0,5 | ≤ 0,1 | ≤ 4,0 | — | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 000 | ≤ 4,5 (4) |
| 4. Żejt taż-żebbuġa raffinat | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,30 | ≤ 0,5 | ≤ 0,1 | ≤ 4,0 | < Kampesterol | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 000 | ≤ 4,5 |

| Kategorija | Kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin (1) | | | | | | Ammont totali ta' isomeri tranżolejċi (f'%) | Ammont totali ta' isomeri tranżlinolejċi u isomeri tranżlinoleniċi (f'%) | Kompożizzjoni tal-isteroli | | | | | | Ammont totali ta' steroli (f'mg/kg) | Eritrodiol u uvaol (f%) (**) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Aċidu miristiku (f'%) | Aċidu linoleniku (f'%) | Aċidu arakidiku (f'%) | Aċidu ejkosenojku (f'%) | Aċidu beheniku (f'%) | Aċidu linjoċeriku (f'%) | | | Kolesterol (f'%) | Brassikasterol (f'%) | Kampesterol (2) (f'%) | Stigmasterol (f'%) | App β–sitosterol (f'%) (3) | Delta-7-stigmastenol (2) (f'%) | | |
| 5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żejt taż-żebbuġa verġni | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,30 | ≤ 0,5 | ≤ 0,1 | ≤ 4,0 | < Kampesterol | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 000 | ≤ 4,5 |
| 6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,30 | ≤ 0,20 | ≤ 0,20 | ≤ 0,10 | ≤ 0,5 | ≤ 0,2 | ≤ 4,0 | — | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 2 500 | > 4,5 (5) |
| 7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,30 | ≤ 0,20 | ≤ 0,40 | ≤ 0,35 | ≤ 0,5 | ≤ 0,2 | ≤ 4,0 | < Kampesterol | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 800 | > 4,5 |
| 8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ | ≤ 0,03 | ≤ 1,00 | ≤ 0,60 | ≤ 0,40 | ≤ 0,30 | ≤ 0,20 | ≤ 0,40 | ≤ 0,35 | ≤ 0,5 | ≤ 0,2 | ≤ 4,0 | < Kampesterol | ≥ 93,0 | ≤ 0,5 | ≥ 1 600 | > 4,5 |

(1) Il-kontenut ta' aċidi xaħmin oħrajn (f'perċentwali): aċidu palmitiku: 7,50-20,00; aċidu palmitolejku: 0,30-3,50; aċidu ettadekanojku: ≤ 0,30; aċidu ettadekenojku: ≤ 0,30; aċidu steariku: 0,50-5,00; aċidu olejku: 55,00-83,00; aċidu linolejku: 3,50-21,00.
(2) Ara l-Appendiċi ta' dan l-Anness.
(3) App β-sitosterol: Delta-5,23-stigmastadienol+klerosterol+beta-sitosterol+sitostanol+delta-5-avenasterol+delta-5,24-stigmastadienol.
(4) Iż-żjut li jkollhom bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg ta' xama' jitqiesu bħala żjut taż-żebbuġa *lampante* jekk l-ammont totali ta' alkoħol alifatiku fihom ikun ta' 350 mg/kg jew inqas jew jekk il-perċentwali ta' eritrodiol u uvaol fihom ikun ta' 3,5 % jew inqas.
(5) Iż-żjut li jkollhom bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg ta' xama' jitqiesu bħala żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ jekk l-ammont totali ta' alkoħol alifatiku fihom ikun ta' iktar minn 350 mg/kg u jekk il-perċentwali ta' eritrodiol u uvaol fihom ikun ta' iktar minn 3,5 %.

*Noti:*

(a) Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jingħataw bl-istess għadd ta' ċifri wara l-punt deċimali bħal dak użat għal kull karatteristika. L-aħħar ċifra trid tiżdied b'unità waħda jekk iċ-ċifra ta' warajha tkun ta' iktar minn 4.

(b) Jekk karatteristika waħda biss ma tkunx konformi mal-valuri ddikjarati, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-kategorija taż-żejt tista' tinbidel jew iż-żejt jista' jiġi ddikjarat bħala żejt li mhux pur.

(c) Jekk karatteristika tkun immarkata b'asterisk (*), dan ifisser dan li ġej b'referenza għall-kwalità taż-żejt: - għaż-żejt taż-żebbuġa *lampante*, jista' jkun li ż-żewġ limiti rilevanti jkunu differenti mill-valuri ddikjarati fl-istess ħin, - għaż-żjut taż-żebbuġa verġni, jekk mill-inqas wieħed minn dawn il-limiti jkun differenti mill-valuri ddikjarati, il-kategorija taż-żejt tinbidel, għalkemm iż-żjut xorta waħda jibqgħu kklassifikati f'waħda mill-kategoriji taż-żejt taż-żebbuġa verġni.

(d) Jekk karatteristika tkun immarkata b'żewġ asterisks (**), dan ifisser li, għat-tipi kollha ta' żejt mir-residwi taż-żebbuġ, iż-żewġ limiti rilevanti jistgħu jkunu differenti mill-valuri ddikjarati fl-istess ħin.

*Appendiċi*

**Dijagramma tad-deċiżjonijiet**

Dijagramma tad-deċiżjonijiet għall-**kampesterol** għaż-żejt taż-żebbuġa verġni u ż-żejt taż-żebbuġa straverġni:




Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Dijagramma tad-deċiżjonijiet għad-**delta-7-stigmastenol**:

— għaż-żejt taż-żebbuġa straverġni u ż-żejt taż-żebbuġa verġni:




Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

— għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ (raffinati u mhux):



*L-ANNESS II*

*"ANNESS Ia*

**IT-TEĦID TA' KAMPJUNI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA JEW TAŻ-ŻEJT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEBBUĠ MOGĦTIJA F'PAKKETTI GĦALL-KONSUM**

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni jintuża għal-lottijiet taż-żejt taż-żebbuġa jew taż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ imqiegħda fil-pakketti għall-konsum. Japplikaw metodi differenti tat-teħid tal-kampjuni, skont jekk il-pakkett għall-konsum ikunx jaqbeż il-ħames litri jew le.

"Lott" għandha tfisser sett ta' unitajiet tal-bejgħ li jiġu prodotti, immanifatturati u ppakkjati f'ċirkustanzi li jkunu tali li ż-żejt li jkun f'kull unità tal-bejgħ jitqies li jkun omoġenju f'termini tal-karatteristiċi analitiċi kollha tiegħu. L-individwazzjoni ta' lott trid issir skont id-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

"Żieda" għandha tfisser il-kwantità ta' żejt li tinsab f'pakkett għall-konsum u li tittieħed minn punt aleatorju tal-lott.

1. IL-KONTENUT TAL-KAMPJUN EWLIENI

1.1. **Il-pakketti għall-konsum li ma jaqbżux il-ħames litri**

Għall-pakketti għall-konsum li ma jaqbżux il-ħames litri, "kampjun ewlieni" għandha tfisser l-għadd ta' żidiet meħudin minn lott, bi qbil mat-Tabella 1.

*It-Tabella 1*

**Id-daqs minimu tal-kampjun primarju jrid ikun fih dan li ġej**

| Meta l-pakkett għall-konsum ikollu kapaċità ta' | Il-kampjun ewlieni jrid ikun fih żejt |
|---|---|
| (a) litru jew aktar | (a) minn pakkett wieħed għall-konsum |
| (b) inqas minn litru | (b) mill-għadd minimu ta' pakketti b'kapaċità totali ta' mill-anqas litru |

Kull Stat Membru jista' jżid l-għadd ta' pakketti msemmi fit-Tabella 1 li għandu jikkostitwixxi kampjun ewlieni skont il-ħtiġijiet tiegħu (pereżempju l-valutazzjoni organolettika minn laboratorju differenti minn dak li jkun wettaq l-analiżi kimika, il-kontroanaliżi, eċċ.).

1.2. **Il-pakketti għall-konsum li jaqbżu l-ħames litri**

Għall-pakketti għall-konsum li jaqbżu l-ħames litri, "kampjun ewlieni" għandha tfisser parti rappreżentattiva miż-żidiet kollha miksubin permezz ta' proċess ta' tnaqqis, bi qbil mat-Tabella 2. Il-kampjun ewlieni jrid ikun magħmul minn diversi eżempji.

"Eżempju" ta' kampjun ewlieni għandha tfisser kull pakkett li jifforma l-kampjun ewlieni.

*It-Tabella 2*

**L-għadd minimu ta' żidiet li għandhom jintgħażlu**

| L-għadd ta' pakketti fil-lott | L-għadd minimu ta' żidiet li għandhom jintgħażlu |
|---|---|
| Sa 10 pakketti | 1 |
| Minn … 11 sa 150 | 2 |
| Minn … 151 sa 500 | 3 |
| Minn … 501 sa 1 500 | 4 |
| Minn … 1 501 sa 2 500 | 5 |
| iktar minn 2 500 pakkett għal kull 1 000 pakkett | żieda waħda żejda |

([1]) Id-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjeni oġġett tal-ikel (ĠU L 334, 16.12.2011, p. 1).

Sabiex jitnaqqas il-volum tat-teħid tal-kampjuni tal-pakketti għall-konsum, il-kontenut taż-żidiet tat-teħid tal-kampjuni huwa omoġenizzat għat-tħejjija tal-kampjun ewlieni. Il-porzjonijiet taż-żidiet differenti jitferrgħu f'kontenitur wieħed biex jiġu omoġenizzati billi jitħawdu, sabiex il-kampjun jitħares bl-aħjar mod mill-arja.

Il-kontenut tal-kampjun ewlieni għandu jitferra' f'sensiela ta' pakketti ta' kapaċità minima ta' litru, li kull wieħed minnhom ikun jikkostitwixxi eżempju tal-kampjun ewlieni.

Kull Stat Membru jista' jżid l-għadd ta' kampjuni ewlenin skont il-ħtiġijiet tiegħu (pereżempju l-valutazzjoni organolettika minn laboratorju differenti minn dak li jkun wettaq l-analiżi kimika, il-kontroanaliżi, eċċ.).

Kull pakkett irid jimtela b'tali mod li jitnaqqas kemm jista' jkun is-saff tal-arja fil-wiċċ tiegħu u mbagħad irid jingħalaq u jiġi ssiġġillat kif xieraq biex ikun żgurat li ma jkunx jista' jitbagħbas.

Dawn l-eżempji għandhom jiġu ttikkettati biex tkun żgurata l-identifikazzjoni korretta tagħhom.

2. L-ANALIŻI U R-RIŻULTATI

2.1. Kull kampjun ewlieni għandu jinqasam mill-ġdid f'kampjuni tal-laboratorju, skont il-punt 2.5 tal-istandard EN ISO 5555, u għandu jiġi analizzat fl-ordni mogħtija fid-dijagramma tad-deċiżjonijiet stabbilita fl-Anness Ib jew f'kull ordni aleatorja oħra.

2.2. Meta r-riżultati kollha tal-analiżi jikkonformaw mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt iddikjarata, il-lott kollu għandu jiġi ddikjarat bħala konformi.

Meta riżultat wieħed tal-analiżi ma jkunx jikkonforma mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt iddikjarata, il-lott kollu għandu jiġi ddikjarat bħala mhux konformi.

3. VERIFIKA TAL-KATEGORIJA TAL-LOTT

3.1. Sabiex l-awtorità kompetenti tivverifika l-kategorija tal-lott, hija tista' żżid in-numru ta' kampjuni ewlenin meħudin f'punti differenti tal-lott skont it-tabella li ġejja:

*It-Tabella 3*

**L-għadd ta' kampjuni ewlenin stabbilit skont id-daqs tal-lott**

| Id-daqs tal-lott (f'litri) | L-għadd ta' kampjuni ewlenin |
|---|---|
| Inqas minn 7 500 litru | 2 |
| Minn 7 500 litru sa inqas minn 25 000 litru | 3 |
| Minn 25 000 litru sa inqas minn 75 000 litru | 4 |
| Minn 75 000 litru sa inqas minn 125 000 litru | 5 |
| 125 000 litru u iktar | 6 + 1 għal kull 50 000 litru iktar |

Kull żieda li tikkostitwixxi kampjun ewlieni trid tittieħed minn post kontinwu fil-lott; il-post ta' kull kampjun ewlieni jrid jiġi nnutat u jrid jiġi identifikat mingħajr ambigwità.

Il-formazzjoni ta' kull kampjun ewlieni trid titwettaq skont il-proċeduri msemmija fil-punti 1.1 u 1.2.

Kull kampjun ewlieni mbagħad isirulu l-analiżi msemmija fl-Artikolu 2(1).

3.2. Meta wieħed mir-riżultati tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' mill-inqas kampjun ewlieni wieħed ma jkunx jikkonforma mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt iddikjarata, il-lott kollu tal-kampjuni għandu jiġi ddikjarat bħala mhux konformi."

*L-ANNESS III*

*"ANNESS Ib*

**DIJAGRAMMA TAD-DEĊIŻJONIJIET BIEX JIĠI VVERIFIKAT JEKK KAMPJUN TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA JKUNX KONSISTENTI MAL-KATEGORIJA DDIKJARATA JEW LE**

*It-Tabella 1*




*≤ 40 mg/kg fl-2013/l-2014
≤ 35 mg/kg fl-2014/l-2015
≤ 30 mg/kg mis-sena tal-ħsad tal-2015/l-2016

*It-Tabella 2*


Żjut taż-żebbuġa verġni
(kriterji tal-kwalità)
L-aċidità f ' perċentwali
≤ 2,0
> 2,0
Il-valur tal-perossidu f ' mEq O2/kg
≤ 20
> 20
L-ispettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola
K270 ≤ 0,25
K270 > 0,25
L-ispettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola
Δ K ≤ 0,01
Δ K > 0,01
L-ispettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola
K232 ≤ 2,60
K232 > 2,60
Il-valutazzjoni organolettika
Valur medjan tat-togħma tal-frott > 0 u valur medjan tad- difetti ≤ 3,5
Valur medjan tat-togħma tal-frott = 0 jew valur medjan tat-togħma tal-frott > 0 valur medjan tad- difetti > 3,5
Iż-żejt mhux konsis-tenti mal- kategorija ddikjarata
(a)
Il-valuri tal-parametri t ' hawn fuq jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità taż-żejt taż-żebbuġa straverġni?
(it-Tabella 1)
LE
IVA
Iż-żejt mhux konsistenti mal-kategorija ddikjarata
(b)
Tip ta ' żejt kif iddikjarat b ' rabta mal-kriterji tal-kwalità
Mur għat-Tabella 3 (il-kriterji tal-purità)

*It-Tabella 3*


Żjut taż-żebbuġa verġni u stra verġni
(kriterji tal-purità)
Il-kriterji tal-kwalità (it-Tabelli 1 u 2)
IVA
LE
Iż-żejt mhux konsistenti mal-kategorija ddikjarata
3,5-Stigmastadini f ' mg/kg
≤ 0,05
> 0,05
L-isomeri trans tal-aċidi xaħmin f ' perċentwali
tC18:1 ≤ 0,05
t(C18:2 + C18:3) ≤ 0,05
tC18:1 > 0,05
t(C18:2 + C18:3) > 0,05
Iż-żejt mhux konsis-tenti mal- kategorija ddikjarata
(a)
Kontenut ta ' aċidi xaħmin
IVA
LE
Δ ECN42
≤ |0,2|
> |0,2|
Iż-żejt mhux konsis-tenti mal-kategorija ddikjarata
Kompożizzjoni tal-isteroli u ammont totali ta
IVA
LE
Eritrodiol + uvaol f ' perċentwali
≤ 2,0
2,0 > E+U ≤ 4,5
> 4,5
Xama '1 f ' mg/kg
≤ 150
> 150
Iż-żejt mhux konsis-tenti mal- kategorija ddikjarata
(b)
It-tip ta ' żejt huwa konsistenti mal-kategorija ddikjarata
1C42+C44+C46

*Appendiċi 1*

**Tabella ta' ekwivalenza bejn l-Annessi ta' dan ir-Regolament u l-analiżi speċifikati fid-dijagramma tad-deċiżjonijiet**

| | | |
|---|---|---|
| — L-aċidità | L-Anness II | L-istabbiliment tal-aċidi xaħmin liberi, metodu bil-kesħa |
| — Il-valur tal-perossidu | L-Anness III | L-istabbiliment tal-valur tal-perossidu |
| — L-ispettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola | L-Anness IX | L-analiżi spettrofotometrika |
| — Il-valutazzjoni organolettika | L-Anness XII | Valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebbuġa verġni |
| — L-esteri etiliċi | L-Anness XX | Metodu biex jiġi stabbilit l-ammont ta' xama', ta' esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin u ta' esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari |
| — 3,5-Stigmastadini | L-Anness XVII | Metodu biex jiġu stabbiliti l-istigmastadini fiż-żjut veġetali |
| L-isomeri *trans* tal-aċidi xaħmin | L-Anness X A u | L-analiżi tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża |
| | l-Anness X B | It-tħejjija tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin |
| — Il-kontenut tal-aċidi xaħmin | L-Anness X A u | L-analiżi tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża |
| | l-Anness X B | It-tħejjija tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin |
| — ΔECN42 | L-Anness XVIII | L-istabbiliment tal-kompożizzjoni tat-trigliċeridi b'ECN42 (id-differenza bejn id-dejta tal-HPLC u l-kontenut teoretiku) |
| — Il-kompożizzjoni tal-isteroli u l-ammont totali ta' steroli<br>— L-eritrodiol u l-uvaol | L-Anness V | L-istabbiliment tal-kompożizzjoni u l-kontenut tal-isteroli u d-dialkoħol tat-triterpen permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari |
| — Ix-xama' | L-Anness IV | L-istabbiliment tal-ammont ta' xama' permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari |
| — L-alkoħol alifatiku | L-Anness XIX | L-istabbiliment tal-ammont ta' alkoħol alifatiku permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari |
| — L-aċidi xaħmin issaturati fit-tieni pożizzjoni | Anness VII | L-istabbiliment tal-perċentwali ta' 2-gliċeril monopalmitat" |

*L-ANNESS IV*

*"ANNESS V*

**L-ISTABBILIMENT TAL-KOMPOŻIZZJONI U L-KONTENUT TAL-ISTEROLI U D-DIALKOĦOL TAT-TRITERPEN PERMEZZ TAL-KROMATOGRAFIJA B'FAŻI GASSUŻA F'KOLONNA KAPILLARI**

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Il-metodu jiddeskrivi proċedura biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-isteroli individwali, tal-isteroli kollha u tad-dialkoħol tat-triterpen fiż-żjut taż-żebbuġa u fiż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ.

2. IL-PRINĊIPJU

Iż-żejt, li jkollu l-α-kolestanol miżjud bħala standard intern, jinbidel f'sapun bl-idrossidu tal-potassju f'soluzzjoni etanolika u s-sustanzi li ma jistgħux jinbidlu f'sapun jiġu estratti bl-etere etiliku.

Il-frazzjoni tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen tinfired minn mas-sustanzi li ma jistgħux jinbidlu f'sapun permezz tal-kromatografija b'saff irqiq fuq pjanċa bażika ta' ġell tas-silika. Il-frazzjonijiet irkuprati mill-ġell tas-silika jinbidlu f'eteri tat-trimetilsilil u mbagħad jiġu analizzati permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari.

3. L-APPARAT

L-apparat tas-soltu tal-laboratorju u b'mod partikulari dan li ġej:

3.1. Flask ta' 250 ml b'kondensatur ta' rifluss b'ġonot tal-ħġieġ żmeriljat.

3.2. Lembut ta' separazzjoni ta' 500 ml.

3.3. Fliexken ta' 250 ml.

3.4. Apparat komplut għall-analiżi bil-kromatografija b'saff irqiq bl-użu ta' pjanċi tal-ħġieġ ta' 20 ċm b'20 ċm.

3.5. Lampa tar-radjazzjoni ultravjola b'tul ta' mewġa ta' 254 nm jew 366 nm.

3.6. Mikrosiringi ta' 100 µl u 500 µl.

3.7. Lembut b'filtru forma ta' ċilindru b'septum poruż ta' G3 (b'porożità ta' 15-il µm sa 40 µm) li jkollu dijametru ta' madwar 2 ċm u jkun fond 5 ċm, li jkun adattat għall-filtrazzjoni f'vakwu b'ġonta interna tal-ħġieġ żmeriljat.

3.8. Flask Erlenmeyer b'vakwu ta' 50 ml b'ġonta esterna tal-ħġieġ żmeriljat, li jista' jitwaħħal mal-lembut b'filtru (imsemmi fil-punt 3.7.).

3.9. Tubu tat-testijiet ta' 10 ml bil-qiegħ li jidjieq u tapp tal-ħġieġ li jissiġilla.

3.10. Kromatografu b'fażi gassuża li jkun jista' jintuża ma' kolonna kapillari, li jkollu sistema ta' injezzjoni maqsuma u li jkun magħmul minn:

3.10.1. kompartiment termostatiku għall-kolonni li jifilħu jżommu t-temperatura mixtieqa bi preċiżjoni ta' ± 1 °C;

3.10.2. unità ta' injezzjoni b'temperatura li tista' tiġi adattata li jkollha element ta' vaporizzazzjoni tal-ħġieġ persilanizzat u sistema maqsuma;

3.10.3. individwatur tal-jonizzazzjoni bi fjamma (FID);

3.10.4. sistema biex tinkiseb id-dejta li tkun tista' tintuża mal-individwatur tal-jonizzazzjoni bi fjamma (imsemmi fil-punt 3.10.3.), li jkollha l-kapaċità tal-integrazzjoni manwali.

3.11. kolonna kapillari tas-silika mdewba li tkun twila bejn 20 u 30 m, li jkollha dijametru intern ta' 0,25 mm sa 0,32 mm, u tkun miksija b'5 % difenil u 95 % dimetilpolisilossan (il-fażi stazzjonarja ta' SE-52 jew SE-54 jew fażi ekwivalenti), hekk li jkollha ħxuna uniformi ta' bejn 0,10 µm u 0.30 µm.

3.12. Mikrosiringa ta' 10 µl għall-kromatografija b'fażi gassuża, b'labra mkaħħla li tkun adattata għall-injezzjoni maqsuma.

3.13. Dessikatur tad-diklorur tal-kalċju

4. REAĠENTI

4.1. Konċentrazzjoni minima ta' idrossidu tal-potassju ta' 85 %.

4.2. Madwar 2 N ta' soluzzjoni etanolika tal-idrossidu tal-potassju.

Dewweb 130 g ta' idrossidu tal-potassju (imsemmi fil-punt 4.1.) permezz tat-tkessiħ f'200 ml ta' ilma ddistillat u mbagħad żidu bl-etanol (imsemmi fil-punt 4.10.) sa ma jkollok litru. Żomm is-soluzzjoni fi fliexken tal-ħġieġ skur magħluqin sewwa b'tapp u maħżuna għal mhux aktar minn jumejn.

4.3. Etere etiliku għall-kwalità tal-analiżi.

4.4. Madwar 0,2 N ta' soluzzjoni etanolika tal-idrossidu tal-potassju.

Dewweb 13-il g ta' idrossidu tal-potassju (imsemmi fil-punt 4.1.) f'20 ml ta' ilma ddistillat u żidu bl-etanol (imsemmi fil-punt 4.10.) sa ma jkollok litru.

4.5. Sulfat tas-sodju anidru għall-kwalità tal-analiżi.

4.6. Pjanċi tal-ħġieġ (ta' 20 ċm b'20 ċm) miksijin bil-ġell tas-silika, mingħajr indikatur tal-fluworexxenza, u li jkunu ħoxnin 0,25 mm (dawn jinsabu għall-bejgħ lesti għall-użu).

4.7. Toluwen għall-kwalità tal-kromatografija.

4.8. Aċeton għall-kwalità tal-kromatografija.

4.9. n-eżan għall-kwalità tal-kromatografija.

4.10. Etere etiliku għall-kwalità tal-kromatografija.

4.11. Etanol ta' kwalità analitika.

4.12. Aċitat etiliku ta' kwalità analitika.

4.13. Soluzzjoni ta' referenza għall-kromatografija b'saff irqiq: kolesterol jew sterol tal-pjanti u soluzzjoni ta' 5 % ta' eritrodiol fl-aċitat etiliku (imsemmi fil-punt 4.11.).

4.14. 2,7-diklorofluworoxxina, 0,2 % f'soluzzjoni etanolika. Ġib ir-reaġent ftit iktar bażiku billi żżid xi qtar tas-soluzzjoni alkoħolika ta' 2 N tal-idrossidu tal-potassju (imsemmija fil-punt 4.2.).

4.15. Piridina anidruża għall-kwalità tal-kromatografija (ara n-Nota numru 5).

4.16. Disilażan tal-eżametil ta' kwalità analitika.

4.17. Trimetilklorosilan ta' kwalità analitika.

4.18. Mudelli tas-soluzzjonijiet tal-eteri tat-trimetilsilil tal-isteroli.

Dawn għandhom jitħejjew fil-ħin tal-użu mill-isteroli u l-eritrodiol miksubin miż-żjut li jkun fihom dawn is-sustanzi.

4.19. α-kolestanol ta' purità ta' iktar minn 99 % (il-purità trid tiġi ċċekkjata permezz ta' analiżi tal-kromatografija b'fażi gassuża).

4.20. soluzzjoni bl-α-kolestanol bħala standard intern, soluzzjoni ta' 0,2 % (m/V) fl-aċitat etiliku (imsemmi fil-punt 4.11.).

4.21. Soluzzjoni tal-fenolftaleina, 10 g/l fl-etanol (imsemmi fil-punt 4.10.).

4.22. Gass trasportatur: l-idroġenu jew l-elju, pur għall-kromatografija tal-gass.

4.23. Gassijiet awżiljarji: l-idroġenu, l-elju, in-nitroġenu u l-arja, li jkunu puri għall-kromatografija tal-gass.

4.24. Taħlita ta' 65:35 (V/V) ta' n-eżan/etere etiliku (imsemmija fil-punti 4.9. u 4.10 rispettivament).

4.25. reaġent ta' sililazzjoni, li tikkonsisti f'taħlita ta' 9:3:1 (V/V/V) ta' piridina/disilażan tal-eżametil/trimetilklorosilan.

5. PROĊEDURA

5.1. Tħejjija tas-sustanzi li ma jistgħux jinbidlu f'sapun

5.1.1. Filwaqt li tuża mikrosiringa ta' 500 μl (imsemmija fil-punt 3.6), fil-flask ta' 250 ml (imsemmi fil-punt 3.1) daħħal volum tas-soluzzjoni bl-α-kolestanol bħala standard intern (imsemmija fil-punt 4.20) li jkun fiha ammont ta' kolestanol li jikkorrispondi ma' madwar 10 % tal-kontenut tal-isteroli tal-kampjun. Pereżempju, żid 500 μl tas-soluzzjoni bl-α-kolestanol (imsemmija fil-punt 4.20) għal kampjun taż-żejt taż-żebbuġa ta' 5 g u 1 500 μl għal kampjun taż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ. Ħallih jevapora f'banju ta' ilma fietel permezz ta' kurrent ħafif tan-nitroġenu sa ma jinxef, u wara li tkun berridt il-flask, iżen ħames ± 0,01 g tal-kampjun niexef iffiltrat fl-istess flask.

*Nota 1*: Iż-żjut u x-xaħmijiet tal-annimali jew veġetali li jkun fihom kwantitajiet kbar ta' kolesterol jistgħu juru quċċata li l-ħin ta' żamma tagħha jkun jixbah lil dak tal-kolestanol. Jekk dan iseħħ, il-frazzjoni tal-isteroli jkollha tiġi analizzata darbtejn, bl-istandard intern u mingħajru.

5.1.2. Żid 50 ml ta' 2 N ta' soluzzjoni etanolika tal-idrossidu tal-potassju (imsemmija fil-punt 4.2) u xi ftit ħaffiefa, poġġi l-kondensatur ta' rifluss u saħħan it-taħlita sakemm din tibda tagħli bil-mod u sa ma s-soluzzjoni ssir qisha sapun (sa ma ssir ċara). Kompli saħħan għal 20 minuta oħra mbagħad żid 50 ml ta' ilma ddistillat mill-parti ta' fuq tal-kondensatur, aqla' l-kondensatur u kessaħ il-flask sa ma jkollu bejn wieħed u ieħor temperatura ta' 30 °C.

5.1.3. Ittrasferixxi l-kontenut tal-flask b'mod kwantitattiv f'lembut ta' separazzjoni ta' 500 ml (imsemmi fil-punt 3.2) billi tuża diversi porzjonijiet ta' ilma ddistillat (ta' 50 ml). Żid bejn wieħed u ieħor 80 ml ta' etere etiliku (imsemmi fil-punt 4.10), ħawwad sew għal madwar 60 sekonda, filwaqt li tirrilaxxa l-pressjoni b'mod regolari billi taqleb il-lembut ta' separazzjoni ta' taħt fuq u tiftaħ it-tapp. Ħalli t-taħlita toqgħod sa ma jkun hemm separazzjoni kompluta taż-żewġ fażijiet (ara n-Nota 2).

Imbagħad neħħi s-soluzzjoni tas-sapun b'mod kemm jista' jkun komplut u poġġieha f'lembut tas-separazzjoni ieħor. Bl-istess mod, agħmel żewġ estrazzjonijiet oħra tal-fażi tal-ilma u l-alkoħol billi tuża 60 sa 70 ml ta' etere etiliku (imsemmi fil-punt 4.10).

*Nota 2*: Kwalunkwe emulsjoni tista' tiġi distrutta biż-żieda ta' kwantitajiet żgħar ta' etanol (imsemmi fil-punt 4.11).

5.1.4. Ħallat it-tliet estratti tal-etere f'lembut tas-separazzjoni wieħed li jkun fih 50 ml ta' ilma. Kompli aħsel bl-ilma (50 ml) sakemm l-ilma tal-ħasil ma jibqax jagħti kulur roża meta tiżdiedlu qatra ta' soluzzjoni tal-fenolftaleina (imsemmija fil-punt 4.12).

Meta jkun tneħħa l-ilma tal-ħasil, iffiltra bis-sulfat tas-sodju anidru (imsemmi fil-punt 4.5) fi flask ta' 250 ml li jkun intiżen minn qabel, filwaqt li taħsel il-lembut u l-filtru bi kwantitajiet żgħar tal-etere etiliku (imsemmi fil-punt 4.10).

5.1.5. Ħalli s-solvent jevapora permezz tad-distillazzjoni fuq evaporatur rotatorju fi 30 °C f'vakwu. Żid 5 ml ta' aċeton u neħħi s-solvent volatili għalkollox f'kurrent ħafif tal-arja. Nixxef il-fdalijiet fil-forn f'temperatura ta' 103 °C ± 2 °C għal kwarta, kessaħ f'dessikaturi u iżen sal-eqreb 0.1 mg.

5.2. Separazzjoni tal-frazzjoni tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen (l-eritrodiol u l-uvaol)

5.2.1. Ipprepara l-pjanċi bażiċi tal-kromatografija b'saff irqiq. Għaddas il-pjanċi tal-ġell tas-silika (imsemmija fil-punt 4.6) madwar 4 ċm fis-soluzzjoni etanolika tal-idrossidu tal-potassju ta' 0,2 N (imsemmija fil-punt 4.5) għal għaxar sekondi, imbagħad ħallihom sagħtejn jinxfu f'kabinett għad-dħaħen u fl-aħħar poġġihom f'forn f'temperatura 100 °C għal siegħa.

Neħħihom mill-forn u żommhom f'dessikatur tal-klorur tal-kalċju sa ma jkun hemm bżonn jintużaw (il-pjanċi li jkunu għaddew minn din il-proċedura jridu jintużaw fi żmien ħmistax).

*Nota 3*: Meta jintużaw il-pjanċi bażiċi tal-ġell tas-silika biex tiġi sseparata l-frazzjoni tal-isteroli, il-frazzjoni li ma tistax tinbidel f'sapun m'hemmx għalfejn tiġi ttrattata bl-ossidu tal-aluminju. B'dan il mod il-komposti kollha ta' natura aċida (l-aċidi xaħmin u oħrajn) jinżammu fuq il-linja ta' rilevament u l-faxxa tal-isteroli tinfired b'mod ċar mill-faxxa tal-alkoħol alifatiku u tat-triterpen.

5.2.2. Poġġi t-taħlita tal-eżan u tal-etere etiliku (imsemmija fil-punt 4.24) (ara n-Nota 4) fil-kamra tal-iżvilupp, f'fond ta' madwar ċentimetru. Agħlaq il-kamra bl-għatu x-xieraq u ħalliha hekk għal mill-inqas nofsiegħa f'post kiesaħ sabiex jiġi stabbilit bilanċ bejn il-likwidu u l-fwar. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kamra jistgħu jitqiegħdu strixxi ta' karta filtru li jkunu mgħaddsin fl-elwent. Dan inaqqas il-ħin tal-iżvilupp bejn wieħed u ieħor b'terz u jwassal għal elużjoni aktar uniformi u regolari tal-komponenti.

*Nota 4*: It-taħlita li tkun qed tiżviluppa trid tinbidel għal kull test, sabiex jinkisbu kundizzjonijiet tal-elużjoni li jkunu perfettament riproduċibbli, u bħala solvent alternattiv tista' tintuża t-taħlita ta' 50:50 (V/V) ta' n-eżan/etere etiliku.

5.2.3. Ipprepara soluzzjoni ta' madwar 5 % tas-sustanzi li ma jistgħux jinbidlu f'sapun (imsemmija fil-punt 5.1.5) fl-aċitat etiliku (imsemmi fil-punt 4.12) u, bl-użu ta' mikrosiringa ta' 100 µl, poġġi 0.3 ml minn din is-soluzzjoni fi strixxa dejqa u uniformi fin-naħa t'isfel (2 ċm) tal-pjanċa kromatografika (imsemmija fil-punt 5.2.1). F'linja waħda mal-istrixxa qiegħed 2 sa 3 µl tas-soluzzjoni ta' referenza tal-materjal (imsemmija fil-punt 4.13) sabiex il-faxxa tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen tkun tista' tiġi identifikata wara li tiżviluppa.

5.2.4. Qiegħed il-pjanċa fil-kamra tal-iżvilupp imħejji kif speċifikat fil-punt 5.2.2. It-temperatura ambjentali għandha tinżamm bejn 15 u 20 °C (ara n-Nota 5). Agħlaq il-kamra mal-ewwel bl-għatu u ħalli l-proċess ta' elużjoni jseħħ sa ma l-parti ta' quddiem tas-solvent tasal madwar ċentimetru mit-tarf ta' fuq tal-pjanċa. Neħħi l-pjanċa mill-kamra tal-iżvilupp u ħalli s-solvent jevapora f'kurrent ta' arja sħuna jew billi tħalli l-pjanċa għal ftit ħin taħt għata.

*Nota 5:* Temperatura ogħla minn hekk tista' tgħarraq is-separazzjoni.

5.2.5. Sprejja l-pjanċa kemm kemm u b'mod uniformi bis-soluzzjoni ta' 2,7-diklorofluworoxxina (imsemmija fil-punt 4.14) u mbagħad ħalliha ħa tinxef. Meta l-pjanċa tiġi osservata f'dawl ultravjola, il-faxex tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen ikunu jistgħu jiġu identifikati billi jiġu allinjati mat-tbajja' miksubin permezz tas-soluzzjoni ta' referenza (imsemmija fil-punt 4.13). Immarka l-limiti tal-faxex mat-truf tal-fluworexxenza b'lapes iswed (ara l-pjanċa tal-kromatografija b'saff irqiq mogħtija fil-figura 3).

5.2.6. Obrox il-ġell tas-silika minn fuq il-parti mmarkata billi tuża spatula tal-metall. Poġġi l-materjal mitħun b'mod fin li jkun tneħħa fil-lembut b'filtru (imsemmi fil-punt 3.7). Żid 10 ml ta' aċitat etiliku sħun (imsemmi fil-punt 4.12), ħawdu bil-mod bl-ispatula tal-metall u ffiltrah f'vakwu, filwaqt li tiġbor il-filtrat fil-flask Erlenmeyer (imsemmi fil-punt 3.8.) li jkun imwaħħal mal-lembut b'filtru.

Aħsel il-fdal fil-flask tliet darbiet bl-etere etiliku (imsemmi fil-punt 4.3) (madwar 10 ml kull darba), filwaqt li tiġbor il-filtrat fl-istess flask imwaħħal mal-lembut, evapora l-filtrat sa ma jintlaħaq volum ta' 4 sa 5 ml, ittrasferixxi s-soluzzjoni li jibqa' għal ġot-tubu tat-testijiet ta' 10 ml li jkun intiżen minn qabel (imsemmi fil-punt 3.9), evaporah permezz tat-tisħin ħafif f'kurrent ħafif tan-nitroġenu sa ma jinxef, erġa' oħolqu mill-ġdid billi tuża ftit qtar tal-aċeton (imsemmi fil-punt 4.8) u evaporah għal darb'oħra sa ma jinxef.

Il-fdal li jibqa' fit-tubu tat-testijiet irid ikun magħmul mill-frazzjonijiet tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen.

5.3. Tħejjija tal-eteri tat-trimetilsilil

5.3.1. Żid ir-reaġent ta' sililazzjoni (imsemmi fil-punt 4.25) (ara n-Nota 6), bil-proporzjon ta' 50 µl għal kull milligramma ta' steroli u dialkoħol tat-triterpen, fit-tubu tat-testijiet li jkun fih il-frazzjoni tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen, filwaqt li tevita kwalunkwe assorbiment tal-umdità (ara n-Nota 7).

*Nota 6*: Wieħed jista' jsib għall-bejgħ soluzzjonijiet lesti għall-użu. Wieħed jista' jsib ukoll reaġenti ta' sililazzjoni oħrajn bħal, pereżempju, il-bistrimetilsilil trifluwor aċetammid + 1 % trimetilklorosilan, li jrid jiġi dilwit bl-istess volum ta' piridina anidruża.

Minflok il-piridina jista' jintuża l-istess ammont ta' aċetonitril.

5.3.2. Sodd it-tubu tat-testijiet u ħawdu bil-galbu (mingħajr ma taqilbu rasu 'l isfel) sakemm il-komponenti jinħallu għalkollox. Ħallih joqgħod għal mill-inqas kwarta f'temperatura ambjentali u mbagħad ħawdu b'azzjoni ċentrifuga għal ftit minuti. Is-soluzzjoni ċara tkun lesta biex tiġi analizzata bil-kromatografija b'fażi gassuża.

*Nota 7*: L-opalexxenza ħafifa li tista' tirriżulta hija normali u ma toħloq l-ebda anomalija. Il-formazzjoni ta' bjuda jew l-apparenza ta' kulur roża jindikaw il-preżenza ta' umdità jew deterjorament tar-reaġent. Jekk dan iseħħ, it-test irid jerġa' jsir (jekk jintuża l-eżametildisilażan jew it-trimetilklorosilan biss).

5.4. Analiżi bil-kromatografija b'fażi gassuża

5.4.1. L-operazzjonijiet preliminari, il-kundizzjonament tal-kolonna kapillari.

5.4.1.1. Waħħal il-kolonna (imsemmija fil-punt 3.11) fil-kromatografu b'fażi gassuża billi tqabbad it-tarf ta' ġewwa mal-apparat għall-injezzjoni maqsuma u t-tarf ta' barra mal-individwatur.

Wettaq kontrolli ġenerali fuq il-kromatografu b'fażi gassuża (għat-tnixxijiet miċ-ċirkwiti tal-gass, l-effiċjenza tal-individwatur, l-effiċjenza tas-sistema ta' separazzjoni u s-sistema ta' reġistrazzjoni, eċċ.).

5.4.1.2. Jekk il-kolonna tkun qed tintuża għall-ewwel darba, huwa rrakkomandat li din isirilha proċess ta' kundizzjonament, jiġifieri li jingħadda kurrent ħafif ta' gass mill-kolonna nnifisha, imbagħad li jitqabbad il-kromatografu b'fażi gassuża u jibda t-tisħin b'mod gradwali sa ma tintlaħaq temperatura li tkun mill-inqas 20 °C iktar mit-temperatura ta' tħaddim (ara n-Nota 8). Żomm din it-temperatura għal mill-inqas sagħtejn, imbagħad qiegħed l-apparat kollu fil-modalità tat-tħaddim (l-aġġustament tal-kurrenti tal-gass u tas-sistema ta' separazzjoni, it-tqabbid tal-fjamma, il-konnessjoni mas-sistema tal-kompjuter, l-aġġustament tat-temperatura tal-kolonna, tal-individwatur u tal-apparat għall-injezzjoni, eċċ.) u mbagħad irreġistra s-sinjal b'sensittività li tkun mill-inqas darbtejn iktar minn dik maħsuba għall-analiżi. Ir-rotta tal-linja ta' referenza trid tkun lineari, mingħajr ebda quċċata, u m'għandhiex turi devjazzjonijiet.

Devjazzjoni f'linja dritta negattiva tindika tnixxija mill-ġonot tal-kolonna, waqt li devjazzjoni pożittiva tindika li l-kundizzjonament tal-kolonna ma kienx biżżejjed.

*Nota 8*: It-temperatura tal-kundizzjonament dejjem trid tkun mill-inqas 20 °C inqas mit-temperatura massima speċifikata għall-fażi stazzjonarja użata.

5.4.2. Għażla tal-kundizzjonijiet tat-tħaddim.

5.4.2.1. Il-kundizzjonijiet tat-tħaddim huma dawn li ġejjin:

— it-temperatura tal-kolonna: 260 ± 5 °C;

— it-temperatura tal-apparat għall-injezzjoni: 280 sa 300 °C;

— it-temperatura tal-individwatur: 280 sa 300 °C;

— il-veloċità lineari tal-gass trasportatur: l-elju - 20 sa 35 cm/s; l-idroġenu - 30 sa 50 cm/s;

— il-proporzjon tas-separazzjoni: minn 1:50 sa 1:100;

— is-sensittività tal-istrumenti: minn 4 sa 16-il darba l-attenwazzjoni minima;

— is-sensittività tar-reġistrazzjonijiet: 1 sa 2 mV bi skala sħiħa;

— ammont ta' sustanza injettata: 0,5 sa 1 μl tas-soluzzjoni tal-eteri tat-trimetilsilil (TMSE).

Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinbidlu skont il-karatteristiċi tal-kolonna u tal-kromatografu b'fażi gassuża sabiex jinkisbu kromatogrammi li jilħqu r-rekwiżiti li ġejjin:

— il-ħin ta' żamma għall-quċċata tal-ß-sitosterol għandu jkun ta' 20 minuta ± 5 minuti;

— il-quċċata tal-kampesterol għandha tkun: għaż-żejt taż-żebbuġa (b'kontenut medju ta' 3 %) 20 ± 5 % tal-iskala sħiħa; u għaż-żejt tal-fażola tas-sojja (b'kontenut medju ta' 20 %) 80 ± 10 % tal-iskala sħiħa;

— l-isteroli kollha li jkun hemm iridu jiġu sseparati. Barra milli jkunu mifrudin, il-qċaċet iridu jkunu wkoll maqtugħin għal kollox, jiġifieri l-linja tal-quċċata għandha tmur lura lejn il-linja ta' referenza qabel ma titlaq għall-quċċata li jmiss. Madankollu, jista' jkun hemm riżoluzzjoni mhux sħiħa, dejjem jekk il-quċċata f'RRT 1,02 (is-sitostanol) tkun tista' tiġi kkwantifikata permezz tal-linja perpendikulari.

5.4.3. Il-proċedura analitika

5.4.3.1. Ħu 1 μl ta' eżan billi tuża l-mikrosiringa ta' 10 μl, iġbed għal ġo fiha 0,5 μl ta' arja u mbagħad 0,5 μl sa 1 μl tas-soluzzjoni tal-kampjun. Għolli l-planġer tas-siringa iktar sabiex il-labra tiżvojta. Imbotta l-labra fil-membrejn tal-apparat għall-injezzjoni u wara sekonda jew tnejn injetta malajr, imbagħad neħħi l-labra bil-mod wara madwar ħames sekondi.

Jista' jintuża wkoll apparat awtomatiku għall-injezzjoni.

5.4.3.2. Irreġistra sakemm ikun hemm elużjoni sħiħa tal-eteri tat-trimetilsilil (it-TMSE) tad-dialkoħol tat-triterpen preżenti. Il-linja ta' referenza trid tkompli tilħaq ir-rekwiżiti meħtieġa (ara l-punt 5.4.1.2).

5.4.4. L-identifikazzjoni tal-qċaċet

Identifika l-qċaċet individwali fuq il-bażi tal-ħin ta' żamma u billi tqabbel mat-taħlita tal-eteri tat-trimetilsilil (it-TMSE) tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen analizzati bl-istess kundizzjonijiet (ara l-Appendiċi).

L-elużjoni tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen isseħħ fl-ordni li ġejja: kolesterol, brassikasterol, ergosterol, 24-metilin-kolesterol, kampesterol, kampestanol, stigmasterol, Δ7-kampesterol, Δ5,23-stigmastadienol, klerosterol, ß-sistosterol, sitostanol, Δ5-avenasterol, Δ5,24-stigmastadienol, Δ7-stigmastenol, Δ7-avenasterol, eritrodiol u uvaol.

Il-ħinijiet ta' żamma għall-ß-sitosterol għall-kolonni SE-52 u SE-54 jidhru fit-Tabella 1.

Il-Figuri 1 u 2 juru l-kromatogrammi tipiċi għal xi żjut.

5.4.5. L-evalwazzjoni kwantitattiva.

5.4.5.1. Ikkalkula l-erjas tal-α-kolestanol u l-qċaċet tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen billi tuża s-sistema tal-kompjuter. Tagħtix każ tal-qċaċet għal kwalunkwe sustanza komposta li mhix inkluża fost dawk imniżżlin fit-Tabella 1 (l-ergosterol ma jridx jiġi kkalkulat). Il-fattur tat-tweġiba għall-α-kolestanol għandu jitqies li huwa ta' 1.

5.4.5.2. Ikkalkula l-konċentrazzjoni ta' kull sterol individwali f'mg/kg ta' materjal xaħmi kif ġej:

$$l - \text{isterol } x = \frac{A_x \times m_s \times 1\,000}{A_s \times m}$$

fejn:

$A_x$ = l-erja tal-quċċata tal-isterol x f'unitajiet tas-sistema tal-kompjuter;

$A_s$ = l-erja tal-quċċata tal-α-kolestanol f'unitajiet tas-sistema tal-kompjuter;

$m_s$ = il-massa tal-α-kolestanol miżjud f'milligrammi;

m = il-massa tal-kampjun użat għall-istabbiliment tal-karatteristiċi fi grammi.

6. L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

6.1. Agħti l-konċentrazzjonijiet tal-isteroli individwali f'mg/kg ta' materjal xaħmi u l-għadd totali tagħhom bħala "l-isteroli kollha".

Il-kompożizzjoni ta' kull sterol individwali u tal-eritrodiol u l-uvaol għandha tingħata bħala numru b'ċifra waħda wara l-punt deċimali.

Il-kompożizzjoni tal-isteroli kollha għandha tingħata bħala numru mingħajr ċifri wara l-punt deċimali.

6.2. Ikkalkula l-perċentwali ta' kull sterol individwali mill-proporzjon tal-erja tal-quċċata rilevanti meta mqabbla mal-erja totali tal-qċaċet tal-isteroli u tal-eritrodiol u l-uvaol:

$$l - \text{isterol } x = \frac{A_x}{\Sigma A} \times 100$$

fejn:

$A_x$ = l-erja tal-quċċata tal-isterol x;

$\Sigma A$ = l-erja totali tal-qċaċet tal-isteroli.

6.3. β-sitosterol evidenti: Δ5-23-stigmastadienol + klerosterol + β-sitosterol + sitostanol + Δ5-avenasterol + Δ5-24-stigmastadienol.

6.4. Ikkalkula l-perċentwali tal-eritrodiol u l-uvaol:

$$\text{eritrodiol} + \text{uvaol} = \frac{Er + Uv}{Er + Uv + \Sigma A} \times 100$$

fejn:

$\Sigma A$ = l-erja totali tal-isteroli f'unitajiet tas-sistema tal-kompjuter;

Er = l-erja tal-eritrodiol f'unitajiet tas-sistema tal-kompjuter;

Uv = l-erja tal-uvaol f'unitajiet tas-sistema tal-kompjuter.

*Appendiċi*

**L-istabbiliment tal-veloċità lineari tal-gass**

Filwaqt li tissettja l-kromatografu b'fażi gassuża f'kundizzjonijiet normali tat-tħaddim, injetta 1 sa 3 µl ta' metan (jew propan) u kejjel il-ħin li l-gass jieħu biex jgħaddi mill-kolonna mill-ħin tal-injezzjoni sal-ħin li fih tidher il-quċċata (tM).

Il-veloċità lineari f'ċm/s tinkiseb permezz tal-formola L/tM, fejn L huwa t-tul tal-kolonna f'ċentimetri u tM huwa l-ħin imkejjel f'sekondi.

*It-Tabella 1*

**Il-ħinijiet relattivi ta' żamma għall-isteroli**

| Il-quċċata | L-identifikazzjoni | | Il-ħin relattiv ta' żamma | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Il-kolonna SE-54 | Il-kolonna SE-54 |
| 1 | Kolesterol | Δ-5-kolesten-3ß-ol | 0,67 | 0,63 |
| 2 | Kolestanol | 5α-kolestan-3ß-ol | 0,68 | 0,64 |
| 3 | Brassikasterol | [24S]-24-metil-Δ-5,22-kolestadien-3ß-ol | 0,73 | 0,71 |
| * | Ergosterol | [24S] 24 metil Δ5-7-22 kolestatrien 3β-ol | 0,78 | 0,76 |
| 4 | 24-metilin-kolesterol | 24-metilin-Δ-5,24-kolestadien-3ß-o1 | 0,82 | 0,80 |
| 5 | Kampesterol | (24R)-24-metil-Δ-5-kolesten-3ß-ol | 0,83 | 0,81 |
| 6 | Kampestanol | (24R)-24-metil-kolestan-3ß-ol | 0,85 | 0,82 |
| 7 | Stigmasterol | (24S)-24-etil-Δ-5,22-kolestadien-3ß-ol | 0,88 | 0,87 |
| 8 | Δ-7-kampesterol | (24R)-24-metil-Δ-7-kolesten-3ß-ol | 0,93 | 0,92 |
| 9 | Δ-5,23-stigmastadienol | (24R,S)-24-etil-Δ-5,23-kolestadien-3ß-ol | 0,95 | 0,95 |
| 10 | Klerosterol | (24S)-24-etil-Δ-5,25-kolestadien-3ß-ol | 0,96 | 0,96 |
| 11 | ß-sitosterol | (24R)-24-etil-Δ-5-kolesten-3ß-ol | 1,00 | 1,00 |
| 12 | Sitostanol | 24-etil-kolestan-3ß-ol | 1,02 | 1,02 |
| 13 | Δ-5-avenasterol | (24Z)-24-etilidin-Δ-kolesten-3ß-ol | 1,03 | 1,03 |
| 14 | Δ-5-24-stigmastadienol | (24R,S)-24-etil-Δ-5,24-kolestadien-3ß-ol | 1,08 | 1,08 |
| 15 | Δ-7-stigmastenol | (24R,S)-24-etil-Δ-7-kolesten-3ß-ol | 1,12 | 1,12 |
| 16 | Δ-7-avenasterol | (24Z)-24-etilidin-Δ-7-kolesten-3ß-ol | 1,16 | 1,16 |
| 17 | Eritrodiol | 5α olean-12en-3β28 diol | 1,41 | 1,41 |
| 18 | Uvaol | Δ12-ursen-3β28 diol | 1,52 | 1,52 |

*Il-Figura 1*

**Kromatogramma f'fażi gassuża tal-frazzjoni tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen ta' żejt taż-żebbuġa lampante (miżjud bl-istandard intern)**



*Il-Figura 2*

**Kromatogramma f'fażi gassuża tal-frazzjoni tal-isteroli u tad-dialkoħol tat-triterpen ta' żejt taż-żebbuġa raffinat (miżjud bl-istandard intern)**



*Il-Figura 3*

**Pjanċa tal-kromatografija b'saff irqiq ta' żejt mir-residwi taż-żebbuġ, li turi l-parti li trid tinbarax biex jiġu stabbiliti l-isteroli u d-dialkoħol tat-triterpen**




1 – Skwalin

2 – Alkoħol tat-triterpen u alkoħol alifatiku

3 – Steroli u dialkoħol tat-triterpen

4 – Aċidi xaħmin inizjali u aċidi xaħmin liberi"

*L-ANNESS V*

*"ANNESS XII*

**IL-METODU TAL-KUNSILL INTERNAZZJONALI TAŻ-ŻEBBUĠ GĦALL-VALUTAZZJONI ORGANOLETTIKA TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI**

1. L-GĦAN U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu internazzjonali għandu l-għan li jistabbilixxi l-proċedura għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żejt taż-żebbuġa verġni, fi ħdan it-tifsira tal-punt 1 tal-Anness XVI tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u li jistabbilixxi l-metodu għall-klassifikazzjoni ta' dan iż-żejt abbażi ta' dawk il-karatteristiċi. Il-metodu fih ukoll indikazzjonijiet dwar it-tikkettar fakultattiv.

Il-metodu deskritt japplika biss għaż-żejt taż-żebbuġa verġni u għall-klassifika jew it-tikkettar ta' dan it-tip ta' żejt skont l-intensità tad-difetti perċepiti u tat-togħma tal-frott, kif stabbiliti minn grupp ta' dewwieqa magħżula, mħarrġa u ttestjati, magħquda f'bord.

Il-metodu jipprevedi wkoll indikazzjonijiet dwar it-tikkettar fakultattiv.

L-istandards tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (l-IOC) imsemmija f'dan l-Anness jintużaw fl-aħħar verżjoni disponibbli tagħhom.

2. IL-VOKABULARJU ĠENERALI BAŻIKU GĦALL-ANALIŻI SENSORJA

Ara l-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 4 msejjaħ "L-analiżi sensorja: il-vokabularju ġenerali bażiku".

3. IL-VOKABULARJU SPEĊIFIKU

3.1. **Attributi negattivi**

*Immuffat/bin-naqal mhux ċar* Togħma karatteristika taż-żejt miksub minn żebbuġ li jkun tpoġġa fuq xulxin jew inħażen f'kundizzjonijiet hekk li jkun għadda minn stat avvanzat ta' fermentazzjoni anerobika jew taż-żejt li jkun tħalla f'kuntatt man-naqal li jkun trabba fil-btieti u t-tankijiet ta' taħt l-art u li wkoll ikun għadda minn proċess ta' fermentazzjoni anerobika.

*Imnawwar-umdu-togħma ta' ħamrija* Togħma karatteristika taż-żjut miksubin minn frott li fih ikunu trabbew għadd kbir ta' fungi minħabba li jkun inħażen f'post umdu għal diversi ġranet jew taż-żejt miksub minn żebbuġ li jkun inġabar bil-ħamrija u t-tajn fuqu u ma jkunx inħasel.

*Togħma ta' nbid-togħma ta' ħall-aċiduż-qares* Togħma karatteristika ta' ċerti żjut li tfakkrek fl-inbid jew fil-ħall. Din it-togħma tiġi l-iktar mill-proċess ta' fermentazzjoni bl-arja taż-żebbuġ jew tal-pejst taż-żebbuġ li jkun tħalla fuq il-matts tal-għasir li ma jkunux inħaslu sewwa u li jkunu wasslu għall-formazzjoni tal-aċidu aċetiku, tal-aċitat etiliku u tal-etanol.

*Misnieħ* Togħma taż-żjut li jkunu għaddew minn proċess qawwi ta' ossidazzjoni.

*Togħma ta' żebbuġ mimsus bil-ġlata (injam imxarrab)* Togħma karatteristika taż-żjut miksubin minn żebbuġ li jkun intmess bil-ġlata qabel ma nqata'.

3.2. **Attributi negattivi oħrajn**

*Imsaħħan jew* Togħma karatteristika taż-żjut li tiġi minn tisħin żejjed u/jew fit-tul

*Maħruq* waqt l-ipproċessar, l-iktar meta l-pasta titħawwad bis-sħana, jekk dan ma jsirx f'kundizzjonijiet termali adattati.

*Togħma ta' ħuxlief–Togħma ta' injam* Togħma karatteristika ta' ċerti żjut li jsiru minn żebbuġ li jkun nixef.

*Mhux fin* Is-sensazzjoni ta' xi ħaġa ħoxna u magħquda, qisha pejst, li jħallulek f'ħalqek ċerti żjut qodma.

*Grass* Togħma taż-żejt li tfakkrek fid-dijżil, fil-griż jew fiż-żejt minerali.

*Togħma ta' ilma tal-ħaxix* Togħma li ż-żejt jeħodha wara kuntatt fit-tul ma' ilma tal-ħaxix li jkun għadda minn proċessi ta' fermentazzjoni.

*Togħma ta' salmura* Togħma taż-żejt miksub minn żebbuġ li jkun ġie ppriżervat fis-salmura.

*Togħma ta' metall* Togħma li tfakkrek fil-metall. Din hija t-togħma tipika taż-żejt li jkun ilu żmien twil f'kuntatt ma' wċuħ tal-metall waqt il-proċessi tat-tħin, it-taħlit, l-għasir jew il-ħżin.

*Togħma ta' ħalfa* Togħma karatteristika taż-żejt miksub minn żebbuġ magħsur fuq matts ġodda tal-ħalfa. It-togħma tista' tvarja skont jekk il-matts ikunux magħmulin mill-ħalfa ħadra jew mill-ħalfa mnixxfa.

*Imdewwed* Togħma taż-żejt miksub minn żebbuġ li jkunu attakkawh bil-kbir id-dwied tad-dubbiena taż-żebbuġ (*Bactrocera oleae*).

*Togħma ta' ħjar* Togħma li tiġi meta ż-żejt idum wisq ippakkjat b'mod ermetiku, l-iktar f'reċipjenti tal-landa, u li tiġi mill-formazzjoni tat-2,6 nonadienal.

3.3. **Attributi pożittivi**

*Togħma ta' frott* Sett ta' sensazzjonijiet marbutin mas-sens tax-xamm li huma tipiċi għaż-żejt, li jiddependu mill-varjetà taż-żebbuġ u li jiġu miż-żebbuġ frisk u b'saħħtu, kemm meta dan ikun sar u kemm meta jkun għadu ma sarx. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-imnieħer.

*Morr* Togħma karatteristika ewlenija taż-żejt miksub miż-żebbuġ aħdar jew miż-żebbuġ li jkun qed jiskura. Din tiġi nnutata mill-papilli kalċiformi li jinsabu fil-parti "V" tal-ilsien.

*Togħma qawwija* Sensazzjoni tattili ta' ħruq li hija tipika għaż-żjut li jkunu prodotti fil-bidu tas-sena tal-ħsad, l-iktar minn żebbuġ li jkun għadu ma sarx. Din tinħass fil-ħalq kollu, l-iktar fil-ġerżuma.

3.4. **Terminoloġija fakultattiva għall-finijiet tat-tikkettar**

Fuq talba, il-kap tal-bord jista' jiċċertifika li ż-żjut li ġew ivvalutati huma konformi mad-definizzjonijiet u l-gradi li jikkorrispondu mat-termini u l-aġġettivi li ġejjin, skont l-intensità u l-perċezzjoni tal-attributi.

*Attributi pożittivi (togħma ta' frott, morr u togħma qawwija)*: Skont l-intensità tal-perċezzjoni:

— *qawwija*, meta l-valur medjan tal-attribut ikun ta' iktar minn 6;

— *medja*, meta l-valur medjan tal-attribut ikun ta' bejn 3 u 6;

— *ħafifa*, meta l-valur medjan tal-attribut ikun ta' inqas minn 3.

*Togħma ta' frott* Sett ta' sensazzjonijiet marbutin mas-sens tax-xamm li huma tipiċi għaż-żejt, li jiddependu mill-varjetà taż-żebbuġ u li jiġu miż-żebbuġ frisk u b'saħħtu, u li fihom la tiddomina t-togħma tal-frott aħdar u lanqas dik tal-frott li jkun sar. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-imnieħer.

*Togħma ta' frott aħdar* Sett ta' sensazzjonijiet marbutin mas-sens tax-xamm li huma tipiċi għaż-żejt u li jfakkruk fil-frott aħdar, li jiddependu mill-varjetà taż-żebbuġ u li jiġu miż-żebbuġ aħdar frisk u b'saħħtu. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-imnieħer.

*Togħma ta' frott li jkun sar* Sett ta' sensazzjonijiet marbutin mas-sens tax-xamm li huma tipiċi għaż-żejt u li jfakkruk fil-frott li jkun sar, li jiddependu mill-varjetà taż-żebbuġ u li jiġu miż-żebbuġ frisk u b'saħħtu. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-imnieħer.

*Togħma bbilanċjata* Żejt li ma jurix nuqqas ta' bilanċ, jiġifieri s-sensazzjoni tattili u marbuta mas-sens tax-xamm u tat-togħma li fiha l-valur medjan tal-attributi tat-togħma morra u/jew qawwija jkun żewġ punti ogħla minn dak tat-togħma tal-frott.

*Żejt mhux qawwi* Żejt li l-valur medjan tal-attributi tat-togħma morra u qawwija tiegħu jkun ta' 2 jew inqas.

4. IT-TAZZA GĦAD-DEWQAN TAŻ-ŻEJT

Ara l-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 5 msejjaħ "It-tazza għad-dewqan taż-żejt".

5. IL-KAMRA TAT-TESTIJIET

Ara l-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 6 msejjaħ "Gwida għall-installazzjoni ta' kamra tat-testijiet".

6. AĊĊESSORJI

L-aċċessorji li ġejjin, li dawk li jduqu ż-żjut għandhom bżonn biex iwettqu xogħolhom sewwa, jridu jiġu pprovduti f'kull kabina u jridu jkunu jistgħu jintlaħqu faċilment:

— tazzi (standardizzati) li jkun fihom il-kampjuni, mogħtija numru tal-kodiċi, mgħottija b'watch-glass u miżmuma f'temperatura ta' 28 °C ± 2 °C;

— folja tal-profil (ara l-Figura 1), stampata jew fuq il-kompjuter, dejjem jekk il-kundizzjonijiet tal-folja tal-profil jiġu ssodisfati, flimkien mal-istruzzjonijiet għall-użu tagħha jekk dan ikun meħtieġ;

— pinna jew linka li ma titħassarx;

— gabarrejiet bil-biċċiet tat-tuffieħ u/jew ilma, ilma bil-gass u/jew biskuttelli;

— tazza ilma f'temperatura ambjentali;

— folja bi tfakkira tar-regoli ġenerali mniżżlin fit-taqsimiet 8.4 u 9.1.1;

— sputaturi.

## 7. IL-KAP TAL-BORD U D-DEWWIEQA

### 7.1. **Il-kap tal-bord**

Il-kap tal-bord għandu jkun persuna mħarrġa kif xieraq li jkollha għarfien espert tat-tipi ta' żjut li se tiltaqa' magħhom hija u twettaq xogħolha. Il-kapijiet huma l-persuni ewlenin tal-bord u huma responsabbli għall-organizzazzjoni u t-tmexxija tiegħu.

Ix-xogħol tal-kap tal-bord jitlob taħriġ bażiku fl-għodod tal-analiżi sensorja, ħila sensorja, akkuratezza fit-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twettiq tat-testijiet u ħila u sabar biex jiġu ppjanati t-testijiet u biex dawn jitwettqu b'mod xjentifiku.

Il-kapijiet huma l-uniċi persuni responsabbli għall-għażla tad-dewwieqa u għat-taħriġ u l-monitoraġġ tagħhom sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' kapaċità tagħhom. Għalhekk, huma responsabbli għall-valutazzjoni tad-dewwieqa, li dejjem trid tkun oġġettiva, u li għaliha jridu jiżviluppaw proċeduri speċifiċi bbażati fuq testijiet u fuq kriterji b'saħħithom ta' aċċettazzjoni u rifjut. Ara l-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 14 imsejjaħ "Gwida għall-għażla ta' dewwieqa tas-sengħa għaż-żejt taż-żebbuġa verġni u għat-taħriġ u l-monitoraġġ tagħhom".

Il-kapijiet tal-bord huma responsabbli għall-prestazzjoni tal-bord u għalhekk għall-evalwazzjoni tagħha, u jridu jagħtu provi affidabbli u oġġettivi tagħha. Fi kwalunkwe każ, huma jridu juru f'kull ħin li għandhom kontroll fuq il-metodu u d-dewwieqa. Hija rrakkomandata l-kalibrazzjoni perjodika tal-bord (ara l-paragrafu 5 tal-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 14).

Il-kapijiet għandhom ir-responsabbiltà aħħarija għaż-żamma tar-rekords tal-bord. Dawn ir-rekords iridu jkunu jistgħu jiġu ttraċċati dejjem. Huma jridu jħarsu r-rekwiżiti tal-assigurazzjoni u tal-kwalità stabbiliti fl-istandards internazzjonali għall-analiżi sensorja u jiżguraw l-anonimità tal-kampjuni f'kull ħin.

Huma għandhom ikunu responsabbli għall-inventarji u biex ikun żgurat li l-apparat u t-tagħmir meħtieġ għall-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ta' dan il-metodu jitnaddaf u jinżamm sewwa u għandhom iżommu prova bil-miktub ta' dan, kif ukoll tal-fatt li hemm konformità mal-kundizzjonijiet tat-testijiet.

Huma għandu jkollhom l-inkarigu li jirċievu u jaħżnu l-kampjuni malli dawn jaslu fil-laboratorju, kif ukoll li jaħżnuhom wara li jkunu ġew ittestjati. Meta jagħmlu dan, għandhom jiżguraw f'kull ħin li l-kampjuni jibqgħu anonimi u li dawn jinħażnu sewwa, u għal dan il-għan iridu jiżviluppaw proċeduri bil-miktub sabiex jiżguraw li l-proċess kollu jkun jista' jiġi ttraċċat u jkun joffri l-garanziji x-xierqa.

Barra minn hekk, huma responsabbli għat-tħejjija, il-kodifikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kampjuni lid-dewwieqa, skont disinn sperimentali xieraq f'konformità mal-protokolli stabbiliti minn qabel, kif ukoll għall-ġbir u l-ipproċessar statistiku tad-dejta miksuba mid-dewwieqa.

Huma għandu jkollhom l-inkarigu li jiżviluppaw u jfasslu kwalunkwe proċedura oħra li tista' tkun meħtieġa biex tikkumplimenta dan l-istandard u biex jiġi żgurat li l-bord jiffunzjona tajjeb.

Iridu jfittxu modi kif iqabblu r-riżultati tal-bord ma' dawk miksuba minn bordijiet oħrajn li jwettqu l-analiżi taż-żejt taż-żebbuġa verġni sabiex jiċċekkjaw jekk il-bord hux qed jaħdem kif suppost jew le.

Il-kap tal-bord għandu d-dmir jimmotiva l-membri tal-bord billi jħeġġeġ l-interess u l-kurżità tagħhom u billi jinkuraġġixxi spirtu kompetittiv bejniethom. Biex jagħmlu dan, il-kapijiet qed jingħataw parir qawwi li jiżguraw fluss reċiproku u bla problemi ta' informazzjoni mal-membri tal-bord billi jżommuhom infurmati dwar il-kompiti kollha li huma jwettqu u r-riżultati miksuba. Barra minn hekk, huma għandhom jiżguraw li l-opinjoni tagħhom ma tkunx magħrufa u għandhom jipprevjenu lill-kapijiet possibbli milli jasserixxu l-kriterji tagħhom fuq id-dewwieqa l-oħra.

Huma għandhom ilaqqgħu lid-dewwieqa bil-quddiem biżżejjed u jwieġbu għal kwalunkwe mistoqsija li dawn jista' jkollhom dwar it-twettiq tat-testijiet, iżda għandhom joqogħdu lura milli jissuġġerulhom kwalunkwe opinjoni fuq il-kampjun.

### 7.2. **Id-dewwieqa**

In-nies li jaġixxu bħala dewwieqa fit-testijet organolettiċi mwettqin fuq iż-żjut taż-żebbuġa jridu jagħmlu dan b'mod volontarju, u jaċċettaw il-konsegwenzi kollha li jiġu minn dan it-tali att volontarju f'termini tal-obbligi tagħhom u tan-nuqqas ta' ħlas finanzjarju. Għalhekk il-kandidati qed jingħataw parir jissottomettu applikazzjoni bil-miktub. Il-kandidati għandhom jingħażlu, jitħarrġu u jiġu mmonitorjati mill-kap tal-bord skont il-ħiliet tagħhom li jiddistingwu kampjuni simili minn ma' xulxin. Wieħed għandu jiftakar li t-taħriġ se jżidilhom il-preċiżjoni tagħhom.

Id-dewwieqa jridu jaġixxu bħala osservaturi sensorji reali, u jridu jinsew il-gosti personali tagħhom waqt it-testijiet u jirrappurtaw biss is-sensazzjonijiet li jinnutaw. Biex jagħmlu dan, huma jridu jaħdmu dejjem fis-silenzju, b'mod rilassat u bla għaġla, filwaqt li jagħtu l-ikbar attenzjoni sensorja possibbli lill-kampjun li jkunu qed iduqu.

Għal kull test hemm bżonn ta' bejn 8 u 12-il dewwieq, għalkemm huwa għaqli li jkun hemm xi ftit aktar dewwieqa f'riżerva sabiex jiġu koperti l-assenzi li jista' jkun hemm.

8. KUNDIZZJONIJIET TAT-TESTIJIET

8.1. **Preżentazzjoni tal-kampjun**

Il-kampjun taż-żejt għall-analiżi għandu jiġi ppreżentat f'tazzi standardizzati għad-dewqan li jikkonformaw mal-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 5 msejjaħ "It-tazza għad-dewqan taż-żejt".

It-tazza għandu jkun fiha bejn 14 u 16-il ml żejt, jew bejn 12,8 u 14.6 g jekk il-kampjuni għandhom jintiżnu, u għandha tkun mgħottija b'watch-glass.

Kull tazza għandha tiġi mmarkata b'kodiċi magħmul minn ċifri jew minn kombinazzjoni ta' ittri u ċifri magħżulin b'mod aleatorju. Il-kodiċi se jiġi mmarkat b'sistema li ma jkollhiex irwejjaħ.

8.2. **Temperatura tat-test u tal-kampjun**

Il-kampjuni taż-żejt maħsubin għad-dewqan għandhom jinżammu fit-tazzi f'temperatura ta' 28 °C ± 2 °C matul it-test kollu. Din it-temperatura ntgħażlet għaliex din tagħmilha aktar faċli li wieħed josserva d-differenzi organolettiċi milli kieku t-test isir f'temperatura ambjentali u minħabba li f'temperaturi iktar baxxi, il-komposti aromatiċi partikulari għal dawn iż-żjut ma jsirux volatili sewwa filwaqt li temperaturi ogħla jwasslu għall-formazzjoni ta' komposti volatili partikuari għaż-żjut imsaħħnin. Ara l-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 5 msejjaħ "It-tazza għad-dewqan taż-żejt" għall-metodu li għandu jintuża biex il-kampjuni jissaħħnu meta jkunu fit-tazza.

Il-kamra fejn isiru t-testijiet irid ikollha temperatura li tkun bejn 20 °C u 25 °C (ara l-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 6).

8.3. **Ħinijiet tat-test**

L-aħjar ħin biex wieħed iduq iż-żjut huwa filgħodu. Ġie ppruvat li hemm perjodi ottimi għall-perċezzjoni tat-togħma u r-riħa matul il-jum. Qabel l-ikel ikun hemm perjodu ta' ħin li matulu tiżdied is-sensittività tas-sensi tax-xamm u tat-togħma, filwaqt li wara l-ikel din il-perċezzjoni tonqos.

Madankollu, dan il-kriterju m'għandux jinżamm sal-estrem li l-ġuħ itellef lid-dewwieqa f'xogħolhom u b'hekk tonqos il-kapaċità tagħhom li jiddistingwu l-kampjuni. Għaldaqstant, huwa rrakkomandat li s-sessjonijiet tad-dewqan isiru bejn l-għaxra ta' filgħodu u nofsinhar.

8.4. **Id-dewwieqa: regoli ġenerali ta' mġiba**

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-imġiba tad-dewwieqa matul xogħolhom.

Meta l-kap tal-bord isejħilhom biex jieħdu sehem f'test organolettiku, id-dewwieqa għandhom ikunu jistgħu jattendu fil-ħin stabbilit minn qabel u għandhom iħarsu r-regoli li ġejjin:

— M'għandhomx ipejpu jew jixorbu l-kafè għal mill-inqas 30 minuta qabel il-ħin stabbilit tat-test.

— Ma jridux jużaw fwejjaħ, kosmetiċi jew sapun li r-riħa tagħhom tista' ddum fuqhom sal-ħin tat-test. Iridu jużaw sapun mingħajr fwieħa biex jaħslu jdejhom u mbagħad għandhom ilaħalħuhom u jnixxfuhom kemm ikun hemm bżonn biex jeliminaw kull riħa.

— Għandhom isumu għal mill-inqas siegħa qabel id-dewqan.

— Jekk ma jkunux jifilħu, u b'mod partikulari jekk ikun effettwat is-sens tax-xamm u tat-togħma tagħhom, jew jekk ikunu qed isofru minn effetti psikoloġiċi li ma jħalluhomx jikkonċentraw fuq xogħolhom, id-dewwieqa m'għandhomx iduqu ż-żjut u għandhom jgħarrfu lill-kap tal-bord kif xieraq.

— Meta d-dewwieqa jkunu kkonformaw mar-regoli mogħtija hawn fuq, għandhom jieħdu posthom fil-kabina allokata għalihom fil-kwiet u bl-ordni.

— Huma għandhom jaqraw sewwa l-istruzzjonijiet mogħtija fuq il-folja tal-profil u għandhom jibdew jeżaminaw il-kampjun sa ma jkunu lesti għalkollox biex iwettqu l-kompitu tagħhom (jiġifieri sa ma jkunu rrilassati u mingħajr għaġla). Jekk ikollhom xi dubju, għandhom jikkonsultaw lill-kap tal-bord fil-privat.

— M'għandhomx jitkellmu huma u jwettqu xogħolhom.

— Għandhom iżommu l-mowbajl tagħhom mitfi l-ħin kollu sabiex ma jtellfux lill-kollegi tagħhom f'xogħolhom u ma jtellfulhomx il-konċentrazzjoni tagħhom.

9. IL-PROĊEDURA GĦALL-VALUTAZZJONI ORGANOLETTIKA TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI U GĦALL-KLASSIFIKA TIEGĦU

9.1. **It-teknika tad-dewqan**

9.1.1. Id-dewwieqa għandhom jaqbdu t-tazza, iżommuha mgħottija bil-watch-glass u jgħawġuha bil-mod; imbagħad għandhom idawru t-tazza kompletament f'din il-pożizzjoni sabiex ixarrbuha kemm jista' jkun minn ġewwa. Ladarba jlestu dan l-istadju, għandhom ineħħu l-watch-glass u jxommu l-kampjun, filwaqt li jieħdu nifsijiet fil-fond bil-mod sabiex jevalwaw iż-żejt. M'għandhomx idumu iktar minn 30 sekonda jxommu ż-żejt. Jekk f'dan il-ħin ma jkun irnexxielhom jaslu għall-ebda konklużjoni, għandhom jieqfu għal waqfa qasira ta' mistrieħ qabel ma jerġgħu jippruvaw.

Meta jitwettaq it-test tax-xamm, id-dewwieqa mbagħad jevalwaw is-sensazzjonijiet ta' ġol-ħalq (is-sensazzjonijiet ġenerali retronażali tax-xamm, tat-togħma u tattili). Sabiex jagħmlu dan, għandhom jieħdu bejn wieħed u ieħor 3 ml ta' żejt. Huwa importanti ħafna li ż-żejt jitqassam fil-kavità kollha tal-ħalq, mill-parti ta' quddiem tal-ħalq u tal-ilsien tul il-ġnub għall-parti ta' wara u għall-parti li tappoġġa l-palat u l-gerżuma, minħabba li huwa fatt magħruf li l-perċezzjoni tas-sensazzjonijiet tat-togħma u tattili jvarjaw fl-intensità tagħhom skont iż-żona tal-ilsien, tal-palat u tal-gerżuma.

Għandu jiġi enfasizzat li huwa essenzjali li jinfirex ammont suffiċjenti taż-żejt bil-mod ħafna fuq in-naħa ta' wara tal-ilsien lejn il-parti li tappoġġa l-palat u l-gerżuma waqt li d-dewwieq jikkonċentra fuq l-ordni li fiha jidhru l-istimuli tat-togħma morra u qawwija. Jekk dan ma jsirx, f'ċerti żjut dawn iż-żewġ stimuli jistgħu ma jiġux innutati jewinkella l-istimulu tat-togħma qawwija jista' jgħatti 'l dak tat-togħma morra.

Il-fatt li d-dewwieq jieħu nifsijiet qosra wieħed wara l-ieħor u jiġbed in-nifs mill-ħalq jippermettilu mhux biss li jifrex il-kampjun b'mod estensiv mal-ħalq kollu, iżda wkoll li jinnota l-komposti aromatiċi volatili permezz tan-naħa ta' wara tal-imnieħer billi jġiegħel lill-ġisem juża 'l dan il-kanal.

Għandha titqies is-sensazzjoni tattili ta' togħma qawwija. Għal dan il-għan huwa rrakkomandat li d-dewwieqa jibilgħu ż-żejt.

9.1.2. Meta tkun qed issir il-valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebbuġa verġni, huwa rrakkomandat li f'kull sessjoni jiġu vvalutati mhux aktar minn ERBA' KAMPJUNI, u li ma jsirux aktar minn tliet sessjonijiet kuljum, sabiex jiġi evitat l-effett ta' kuntrast li jista' jinħoloq meta wieħed iduq immedjatament kampjuni oħrajn.

Minħabba li d-dewqan suċċessiv jgħajja lid-dewwieqa u jwassal għal nuqqas ta' sensittività kkawżat mill-kampjuni ta' qabel, jeħtieġ jintuża prodott li jista' jneħħi ż-żejt li jibqa' fil-ħalq mis-sessjoni ta' dewqan ta' qabel.

Huwa rakkomandat li wieħed juża biċċa tuffieħa li, wara li d-dewwieq jomgħodha, tkun tista' tintrema fl-isputatur. Imbagħad id-dewwieq għandu jlaħlaħ ħalqu bi ftit ilma f'temperatura ambjentali. Għandu jkun hemm perjodu ta' mill-inqas 15-il minuta bejn tmiem sessjoni u l-bidu ta' oħra.

## 9.2. **L-użu tal-folja tal-profil min-naħa tad-dewwieqa**

Il-folja tal-profil li għandha tintuża mid-dewwieqa hija mogħtija fid-dettall fil-Figura 1 ta' dan l-Anness.

Kull dewwieq li jifforma parti mill-Bord għandu l-ewwel ixomm imbagħad itiegħem [1] iż-żejt ikkonċernat. Id-dewwieqa mbagħad għandhom idaħħlu l-intensità li biha jqisu kull attribut negattiv u pożittivi fuq l-iskala ta' 10-ċm murija fil-folja tal-profil mogħtija.

Jekk huma jinnutaw kwalunkwe attribut negattiv li mhux imniżżel fit-Taqsima 4, għandhom iniżżluhom fit-taqsima msejħa "Oħrajn", billi jużaw it-terminu jew it-termini li jiddeskrivu l-attributi bl-aktar mod preċiż.

## 9.3. **L-użu tad-dejta mill-kapijiet tal-bord**

Il-kap tal-bord għandu jiġbor il-folji tal-profil li kull dewwieq ikun mela u għandu janalizza mill-ġdid l-intensità assenjata lill-attributi differenti. Jekk isib xi anomalija, għandu jistieden lid-dewwieq jirrevedi l-folja tal-profil tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, jirrepeti t-test.

Il-kap tal-bord għandu jdaħħal id-dejta tal-valutazzjoni ta' kull membru tal-bord fi programm tal-kompjuter bħal dak mogħti fl-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 15 sabiex jikkalkula r-riżultati tal-analiżi b'mod statistiku abbażi tal-kalkolu tal-valur medjan tagħhom. Ara t-Taqsima 9.4 u l-Appendiċi ta' dan l-Anness. Id-dejta għal kampjun partikulari għandha tiddaħħal bl-għajnuna ta' matriċi li tinkludi disa' kolonni li jirrappreżentaw id-disa' attributi sensorjali u numru ta' linji n li jirrappreżentaw l-għadd n ta' membri tal-bord użati.

Meta jiġi nnutat difett u tal-inqas 50 % tal-bord idaħħlu fit-taqsima msejħa "Oħrajn", il-kap tal-bord għandu jikkalkula l-valur medjan tad-difett u għandu jasal għall-klassifika korrispondenti.

Il-valur tal-koeffiċjent b'saħħtu tal-varjazzjoni li jiddefinixxi l-klassifika (difett bl-akbar intensità u bl-attribut tat-togħma tal-frott) m'għandux ikun ta' aktar minn 20 %.

Jekk is-sitwazzjoni tkun bil-kontra, il-kap tal-bord għandu jirrepeti l-evalwazzjoni tal-kampjun speċifiku f'sessjoni oħra tad-dewqan.

Jekk din is-sitwazzjoni sseħħ kemm-il darba, huwa rrakkomandat li l-kap tal-bord jagħti lid-dewwieqa taħriġ addizzjonali speċifiku (ara l-paragrafu 5 tal-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 14) u li huwa juża l-indiċi tat-tennija u l-indiċi tad-devjazzjoni biex jiċċekkja l-prestazzjoni tal-bord (ara l-paragrafu 6 tal-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 14).

## 9.4. **Il-klassifika taż-żejt**

Iż-żejt għandu jiġi kklassifikat kif ġej, skont il-valur medjan tad-difetti u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma tal-frott. Il-valur medjan tad-difetti huwa ddefinit bħala l-valur medjan tad-difett innutat bl-akbar intensità. Il-*valur medjan* tad-difetti u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma tal-frott jingħataw bħala numri b'ċifra waħda wara l-punt deċimali.

(1) Huma jistgħu ma jduqux iż-żejt meta jinnutaw attribut negattiv intens ferm bis-sens dirett tax-xamm u f'dak il-każ għandhom iniżżlu din iċ-ċirkustanza eċċezzjonali fil-folja tal-profil.

Iż-żejt jiġi kklassifikat billi l-valur medjan tad-difetti u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma tal-frott jitqabblu mal-firxiet ta' valuri ta' referenza mogħtija hawn taħt. L-iżball tal-metodu tqies meta kienu qed jiġu stabbiliti l-limiti ta' dawn il-firxiet u allura dawn għandhom jitqiesu bħala assoluti. Il-programmi tal-kompjuter jippermettu li l-klassifika tintwera fil-forma ta' tabella bid-dejta statistika jew fil-forma ta' dijagramma.

Għaż-żejt taż-żebbuġa straverġni: il-valur medjan tad-difetti huwa ta' żero (0) u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma tal-frott huwa ta' iktar minn żero (0);

għaż-żejt taż-żebbuġa verġni: il-valur medjan tad-difetti huwa ta' iktar minn żero (0) iżda ta' mhux iktar minn 3.5 u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma tal-frott huwa ta' iktar minn żero (0);

għaż-żejt taż-żebbuġa *lampante*: il-valur medjan tad-difett huwa ta' iktar minn 3.5 jew huwa ta' 3.5 jew inqas u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma tal-frott huwa ta' żero (0).

*Nota 1*:

Meta l-valur medjan tal-attribut tat-togħma morra u/jew qawwija jkun ta' iktar minn 5.0, il-kap tal-bord għandu jiddikjara dan fuq iċ-ċertifikat tat-test.

*Il-Figura 1*

**IL-FOLJA TAL-PROFIL TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI**

| **L-intensità tal-perċezzjoni tad-difetti** | | |
|---|---|---|
| Immuffat/bin-naqal mhux ċar (*) | | |
| Imnawwar/umdu/togħma ta' ħamrija (*) | | |
| Togħma ta' nbid/togħma ta' ħall<br>Aċiduż/qares (*) | | |
| Togħma ta' żebbuġ mimsus bil-ġlata<br>(injam imxarrab) | | |
| Misnieħ | | |
| Attributi negattivi oħrajn | | |
| Deskrittur: | Togħma ta' metall ☐ Togħma ta' ħuxlief ☐ Imdewwed ☐ Mhux fin ☐<br>Togħma ta' salmura ☐ Imsaħħan jew maħruq ☐ Togħma ta' ilma tal-ħaxix ☐<br>Togħma ta' ħalfa ☐ Togħma ta' ħjar ☐ Grass ☐ | |

(*) *Ħassar skont il-bżonn.*

| **L-intensità tal-perċezzjoni tal-attributi pożittivi** | | |
|---|---|---|
| Togħma ta' frott | | |
| | Togħma ta' frott aħdar ☐ | Togħma ta' frott li jkun sar ☐ |
| Morr | | |
| Togħma qawwija | | |
| | | |
| Isem id-dewwieq: | | Il-kodiċi tad-dewwieq: |
| Il-kodiċi tal-kampjun: | Firma: | |

*Appendiċi*

**Metodu għall-kalkolu tal-valur medjan u tal-intervalli ta' kunfidenza**

**Il-valur medjan**

$$Me = [p\ (X < x_m) \leq ½ \wedge p\ (X \leq x_m) \geq ½]$$

Il-valur medjan huwa ddefinit bħala n-numru reali $X_m$ ikkaratterizzat mill-fatt li l-probabbiltà (*p*) li l-valuri ta' distribuzzjoni (X) ikunu inqas minn dan in-numru ($X_m$) hija ta' 0,5 jew inqas u mill-fatt li, fl-istess ħin, il-probabbiltà (*p*) li l-valuri ta' distribuzzjoni (X) ikunu daqs $X_m$ jew inqas hija ta' 0,5 jew iktar minn hekk. Definizzjoni iktar prattika hija li l-valur medjan huwa l-50 perċentil ta' distribuzzjoni tan-numri rranġati f'ordni dejjem tiżdied. F'termini aktar sempliċi, dan huwa l-valur tan-nofs ta' sett ordnat ta' numri bil-fard, jew il-medja ta' żewġ valuri tan-nofs ta' sett ordnat ta' numri biż-żewġ.

**Id-devjazzjoni standard b'saħħitha**

Sabiex wieħed jasal għal stima affidabbli tal-varjabbiltà madwar il-medja, jeħtieġ li wieħed jirreferi għad-devjazzjoni standard b'saħħitha kif stmata skont Stuart u Kendall (4). Il-formula tagħti d-devjazzjoni standard b'saħħitha asintotika, jiġifieri l-istima b'saħħitha tal-varjabbiltà tad-dejta kkunsidrata, fejn N huwa l-għadd ta' ossrvazzjonijiet u IQR hija l-firxa interkwartali li tiġbor fiha eżattament 50 % tal-każijiet ta' distribuzzjoni partikulari tal-probabbiltà:

$$s^* = \frac{1,25 \times IQR}{1,35 \times \sqrt{N}}$$

Il-firxa interkwartali tiġi kkalkulata billi wieħed jikkalkula d-daqs tad-differenza bejn il-75 perċentil u l-25 perċentil.

$$IQR = \text{il-75 perċentil} - \text{il-25 perċentil}$$

Fejn il-perċentil huwa l-valur $X_{pc}$ ikkaratterizzat mill-fatt li l-probabbiltà (*p*) li l-valuri ta' distribuzzjoni jkunu inqas minn $X_{pc}$ hija daqs valur wieħed minn mija speċifiku jew inqas u mill-fatt li, fl-istess ħin, il-probabbiltà (*p*) li l-valuri ta' distribuzzjoni jkunu daqs Xpc jew inqas hija daqs dak il-valur wieħed minn mija speċifiku jew iktar minn hekk. Il-valur wieħed minn mija jindika l-frazzjoni tad-distribuzzjoni magħżula. Fil-każ tal-valur medjan dan huwa ta' 50/100.

$$perċentil = [p\ (X < x_{pc}) \leq \frac{n}{100} \wedge p\ (X \leq x_{pc}) \rightleftharpoons \frac{n}{100}]$$

Għal skopijiet prattiċi, il-perċentil huwa l-valur ta' distribuzzjoni li jikkorrispondi għal erja speċifika li tiġi quddiem il-kurva tad-distribuzzjoni jew tad-densità. Pereżempju, il-25 perċentil jirrappreżenta l-valur tad-distribuzzjoni li jikkorrispondi għal erja ta' 0,25 jew ta' 25/100.

F'dan il-metodu, il-perċentili jiġu kkalkulati abbażi tal-valuri reali li jidhru fil-matriċi tad-dejta (il-proċedura għall-kalkolu tal-perċentili).

**Il-koeffiċjent b'saħħtu tal-varjazzjoni (f'perċentwali)**

Il-valur ta' *CVr%* jirrappreżenta numru pur li jindika l-perċentwali ta' varjabbiltà tas-sett ta' numri analizzat. Għalhekk, dan il-valur huwa utli ħafna biex wieħed jiċċekkja l-affidabbiltà tal-membri tal-bord.

$$CV_r = \frac{s^*}{Me} \times 100$$

**L-intervalli ta' kunfidenza tal-valur medjan f'95 %**

L-intervalli ta' kunfidenza f'95 % (valur tal-iżball tal-ewwel tip ta' 0.05 jew 5 %) jirrappreżentaw l-intervall li fih il-valur tal-valur medjan ikun jista' jvarja li kieku jkun possibbli li wieħed jirrepeti l-esperiment għal għadd infinit ta' drabi. Fil-prattika, dawn jindikaw l-intervall ta' varjabbiltà tat-test fil-kundizzjonijiet tat-tħaddim adottati, jekk wieħed jibda t-test bis-suppożizzjoni li huwa possibbli li dan jiġi ripetut diversi drabi. Bħal fil-każ tal-valur ta' CVr%, l-intervall jgħin biex wieħed jivvaluta l-affidabbiltà tat-test.

$$C.I._{superjuri} = Me + (c \times s^*)$$

$$C.I._{inferjuri} = Me - (c \times s^*)$$

fejn C = 1.96 għall-intervall ta' kunfidenza fil-livell ta' 95 %.

L-Anness I tal-istandard bir-referenza IOC/T 20/Doc. No 15 jagħti eżempju tal-folja tal-kalkolu.

*Referenzi*

(1) Wilkinson, L. 1990. Systat: The system for statistics (“Systat. Is-sistema għall-istatistika”). Evanston, IL.SYSTAT Inc.

(2) Cicchitelli, G. 1984. Probabilità e Statistica (“Il-probabbiltà u l-istatistika”). Maggioli Editore, Rimini.

(3) Massart, D.L.; Vandeginste, B.G.M.; Deming, Y.; Michotte, L. 1988. Chemometrics. A textbook (“Il-kimometrija. Ktieb akkademiku”). Elsevier. Amsterdam.

(4) Kendall, M.G.; Stuart, A. 1967. The advanced theory of statistics. Vol. 1 (“It-teorija avvanzata tal-istatistika. L-ewwel volum”). Hafner Publishing Co.

(5) McGill, R.; Tukey, J.W.; Larsen, W.A. 1978. Variation of Box Plots (“Il-varjazzjoni tal-plotts tal-kaxex”). The American Statistician, 32, (2), 12-16.

(6) IOC/T.28/Doc. No 1 ta’ Settembru tal-2007, Il-linji gwida għall-akkreditazzjoni tal-laboratorji għat-testijiet sensorji b’referenza partikulari għaż-żejt taż-żebbuġa verġni skont l-istandard tal-ISO/IEC 17025:2005.

(7) IOC/T.20/Doc. No 14.

(8) IOC/T.20/Doc. No 15.

(9) ISO/IEC 17025:05.”

*ANNESS VI*

*"ANNESS XXa*

**METODU BIEX JIĠU NNUTATI Ż-ŻJUT BARRANIN FIŻ-ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA**

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu jintuża biex tiġi nnutata l-preżenza ta' żjut veġetali barranin fiż-żjut taż-żebbuġa. Iż-żjut veġetali li fihom ħafna aċidu linolejku (bħaż-żjut tal-fażola tas-sojja, tal-kolza, taż-żerriegħa tal-ġirasol, eċċ.), u xi żjut veġetali li fihom ħafna aċidu olejku, bħaż-żjut tal-ġellewż, dawk taż-żerriegħa tal-ġirasol li fihom ħafna aċidu olejku u dawk mir-residwi taż-żebbuġ, jistgħu jiġu nnutati fiż-żjut taż-żebbuġa. Il-livell innutat jiddependi fuq it-tip ta' żejt barrani u l-varjetà taż-żebbuġ. Fil-każ taż-żejt tal-ġellewż, huwa komuni li jkun hemm livell ta' detezzjoni ta' bejn 5 u 15 %. Il-metodu ma jistax jidentifika t-tip ta' żejt barrani nnutat, u jindika biss jekk iż-żejt taż-żebbuġa hux ġenwin jew le.

2. IL-PRINĊIPJU

Iż-żejt jiġi ppurifikat permezz tal-estrazzjoni f'fażi solida fuq l-iskrataċ tal-ġell tas-silika. Il-kompożizzjoni tat-triaċilgliċerol (TAG) tiġi stabbilita permezz tal-kromatografija b'fażi likwida ta' riżoluzzjoni għolja f'fażi inversa bl-użu ta' individwatur tal-indiċi rifrattiv u l-propjonitril bħala l-fażi mobbli. L-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin (FAMEs) jitħejjew miż-żejt ippurifikat permezz tal-metilazzjoni b'soluzzjoni kiesħa ta' KOH fil-metanol (l-Anness X B) u mbagħad l-esteri jiġu analizzati permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari bl-użu ta' kolonni b'polarità għolja (l-Anness X A). Il-kompożizzjoni teoretika tat-triaċilgliċerol tiġi kkalkulata mill-kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin permezz ta' programm tal-kompjuter li jassumi distribuzzjoni aleatorja fil-pożizzjoni 1,3 jew 2 tal-aċidi xaħmin fit-triaċilgliċerol, b'restrizzjonijiet għall-aċidi xaħmin issaturati fil-pożizzjoni 2. Il-metodu tal-kalkolu huwa modifika tal-proċedura deskritta fl-Anness XVIII. Diversi algoritmi matematiċi huma kkalkulati mill-kompożizzjonijiet sperimentali u teoretiċi tat-triaċilgliċerol (li joħorġu mill-HPLC), u l-valuri li joħorġu minnhom jitqabblu ma' dawk li jinsabu f'bażi tad-dejta msejsa fuq dejta minn żjut taż-żebbuġa ġenwini.

3. MATERJALI U REAĠENTI

3.1. **Purifikazzjoni taż-żejt**

3.1.1. Flask Erlenmeyer ta' 25 ml.

3.1.2. Tubi tal-ħġieġ ta' 5 ml b'tapp tal-kamin u tappijiet b'ġonta tal-PTFE.

3.1.3. Skrataċ tal-ġell tas-silika ta' 1 g (6 ml) għall-estrazzjoni f'fażi solida (pereżempju, tad-ditta Waters li tinsab f'Massachusetts fl-Istati Uniti tal-Amerika).

3.1.4. *n*-eżan ta' kwalità analitika.

3.1.5. Taħlita tas-solvent magħmula minn eżan/etere dietiliku (87:13, v/v).

3.1.6. N-ettan ta' kwalità analitika.

3.1.7. Aċeton ta' kwalità analitika.

3.2. **Analiżi tat-triaċilgliċerol permezz tal-HPLC**

3.2.1. Mikrosiringi (ta' 50 μL) u labar għall-injezzjoni tal-HPLC.

3.2.2. Propjonitril ta' purità superjuri ferm jew ta' kwalità għall-HPLC (pereżempju, tad-ditta ROMIL li tinsab f'Cambridge fir-Renju Unit), użat bħala l-fażi mobbli.

3.2.3. Kolonna tal-HPLC (b'djiametru intern ta' 25 ċm b'4 mm), mimlija bil-fażi RP-18 (b'partikuli ta' 4 μm).

3.3. **Tħejjija tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin**

(ara l-Anness X B)

3.3.1. Metanol li ma jkunx fih iktar minn 0.5 % ilma.

3.3.2. Ettan ta' kwalità analitika.

3.3.3. Soluzzjoni ta' 2N tal-idrossidu tal-potassju fil-metanol. Dewweb 1.1 g ta' idrossidu tal-potassju f'10 ml ta' metanol.

3.3.4. Tubi tal-ħġieġ ta' 5 ml b'tapp tal-kamin u tappijiet li jkollhom ġonta tal-PTFE.

3.4. **Analiżi tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża**

(Ara l-metodu biex jiġu stabbiliti l-aċidi xaħmin mhux issaturati *trans* permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari stabbilit fl-Anness X A).

3.4.1 Mikrosiringi (ta' 5 μL) u labar għall-injezzjoni tal-kromatografija b'fażi gassuża.

3.4.2 L-idroġenu jew l-elju bħala gass trasportatur.

3.4.3 L-idroġenu u l-ossiġnu għall-individwatur tal-jonizzazzjoni bi fjamma.

3.4.4 In-nitroġenu jew l-elju bħala gass trasportatur awżiljarju.

3.4.5. Kolonna kapillari tas-silika mdewba (ta' 50 sa 60 m b'dijametru intern ta' 0,25 sa 0,30 mm), miksija b'fażijiet taċ-ċjanopropilpolisilossan jew taċ-ċjanopropilfenilsilossan (SP-2380 jew simili) li jkollha kisja bi ħxuna ta' bejn 0.20 u 0.25 μ.

4. L-APPARAT

4.1. Apparat b'vakwu għall-estrazzjoni f'fażi solida.

4.2. Evaporatur rotatorju.

4.3. Tagħmir tal-HPLC magħmul mill-elementi li ġejjin:

4.3.1. Apparat li jneħħi l-gass għall-fażi mobbli.

4.3.2. Valv għall-injezzjoni tad-ditta Rheodyne b'ċirkwit ta' 10 μL.

4.3.3. Pompa bi pressjoni għolja.

4.3.4. Forn termostatiku għall-kolonna tal-HPLC li jkun kapaċi jżomm temperaturi li jkunu inqas minn dawk ambjentali (ta' bejn 15 u 20 °C), (pereżempju, tat-tip Peltier).

4.3.5. Individwatur tal-indiċi rifrattiv.

4.3.6. Sistema kkompjuterizzata għall-kisba tad-dejta li jkollha programm ta' integrazzjoni.

4.4 It-tagħmir tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari deskritt fl-Anness X A, li jkun fih l-elementi li ġejjin:

4.4.1. Apparat għall-injezzjoni maqsuma.

4.4.2. Individwatur tal-jonizzazzjoni bi fjamma (FID).

4.4.3. Forn b'temperatura li tista' tiġi pprogrammata.

4.4.4. Sistema kkompjuterizzata għall-kisba tad-dejta li jkollha programm ta' integrazzjoni.

4.5. Kompjuter mgħammar bil-programm Microsoft EXCEL.

5. IL-PROĊEDURA ANALITIKA

5.1. **Purifikazzjoni taż-żejt**

Skartoċċ tal-ġell tas-silika tal-estrazzjoni f'fażi solida jitqiegħed f'apparat għall-elużjoni b'vakwu u jinħasel f'vakwu b'6 ml ta' eżan. Il-vakwu jiġi rrilaxxat sabiex jiġi evitat li l-kolonna tinxef u taħt l-iskartoċċ jitqiegħed flask Erlenmeyer. Fil-kolonna titferra' soluzzjoni magħmula miż-żejt (bejn wieħed u ieħor 0.12-il g) f'0.5 ml ta' eżan u s-soluzzjoni tingħadda minnha u mbagħad issirilha elużjoni f'vakwu b'10 ml tat-taħlita tas-solvent magħmula mill-eżan u l-etere dietiliku (87:13 v/v) (imsemmija fil-punt 3.1.5). Is-solvent li tkun saritlu elużjoni jiġi omoġenizzat u bejn wieħed u ieħor nofs il-volum jitferra' fi flask Erlenmeyer ieħor. Iż-żewġ soluzzjonijiet jiġu evaporati b'mod separat sa ma jinxfu f'evaporatur rotatorju fi pressjoni mnaqqsa u f'temperatura ambjentali. Għall-analiżi tat-triaċilgliċerol, wieħed mir-residwi jiddewweb f'millilitru (1 ml) ta' aċeton (ara l-ewwel paragrafu tal-punt 5.2) u jitferra' f'tubu tal-ħġieġ ta' 5 ml b'tapp tal-kamin. Ir-residwu l-ieħor jiddewweb f'millilitru (1 ml) ta' *n*-ettan u jitferra' f'tubu ieħor tal-ħġieġ ta' 5 ml b'tapp tal-kamin sabiex jitħejjew l-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin.

*Nota*: Il-purifikazzjoni taż-żejt tista' ssir bl-użu ta' kolonna tal-ġell tas-silika, kif deskritt fil-metodu 2.507 tal-IUPAC.

5.2. **Analiżi tat-triaċilgliċerol permezz tal-HPLC**

Immonta s-sistema tal-HPLC, filwaqt li żżomm il-kolonna f'temperatura ta' 20 °C u filwaqt li tuża l-propjonitril bħala l-fażi mobbli b'rata tal-fluss ta' 0.6 ml/min. Meta l-linja ta' referenza tkun stabbli injetta s-solvent; jekk ikun jidher li hemm disturb fil-linja ta' referenza fiż-żona għall-ħin ta' bejn it-12 u l-25 minuta, uża tip ta' aċeton ieħor jew taħlita ta' propjonitril u aċeton (25:75) biex iddewweb il-kampjun.

*Nota*: Xi tipi ta' aċeton jipproduċu disturb fil-linja ta' referenza fiż-żona msemmija hawn fuq.

Injetta alikwota ta' 10 μl tas-soluzzjoni taż-żejt ippurifikat fl-aċeton (5 %). Il-passaġġ jieħu madwar 60 minuta. It-temperatura tal-forn u/jew ir-rata tal-fluss iridu jiġu aġġustati biex tinkiseb kromatogramma simili għal dik murija fil-Figura 1 fejn l-elużjoni tat-trilinolina (il-quċċata 1) isseħħ fil-15.5 minuta u r-riżoluzzjonijiet bejn il-pari LLL/OLLn (il-qċaċet 1 u 2) u OLL/OOLn (il-qċaċet 4 u 5) huma tajbin.

Il-quċċata 2 (OLLn+PoLL) trid tkun għolja mill-inqas 3% tal-iskala sħiħa.

5.3. **Tħejjija tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin**

Żid 0.1 ml ta' soluzzjoni ta' 2N tal-idrossidu tal-potassju fil-metanol mas-soluzzjoni taż-żejt ippurifikat f'millilitru (1 ml) ta' *n*-ettan. Agħlaq it-tubu b'tapp tal-kamin u ssikkah sewwa. Ħawwad it-tubu bis-saħħa għal 15-il sekonda u ħallih joqgħod u t-taħlita tissepara f'saffi (għal ħames minuti) sa ma s-saff ta' fuq jibda jidher biċ-ċar. Is-soluzzjoni ta' *n*-ettan hija lesta biex tiġi injettata fil-kromatografu b'fażi gassuża. Is-soluzzjoni tista' titħalla f'temperatura ambjentali għal perjodu massimu ta' 12-il siegħa.

5.4. **Analiżi tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża**

Trid tintuża l-proċedura deskritta fil-metodu biex jiġu stabbiliti l-aċidi xaħmin mhux issaturati trans (ara l-Anness X A).

Għandha titwaqqaf is-sistema tal-kromatografija b'fażi gassuża b'temperatura tal-forn ta' 165 °C. It-temperatura tal-forn irrakkomandata hija dik iżotermali ta' 165 °C għal għaxar minuti, imbagħad din għandha tiżdied għal dik ogħla ta' 200 °C b'rata ta' 1.5 °C/min. Huwa rrakkomandat li l-apparat għall-injezzjoni jkollu temperatura ta' bejn 220 °C u 250 °C sabiex titnaqqas kemm jista' jkun il-formazzjoni tal-aċidi xaħmin trans (ara l-Anness X A). It-temperatura tal-individwatur għandha tkun ta' 250 °C. L-idroġenu jew l-elju jrid jintuża bħala l-gass trasportatur bi pressjoni tat-tarf ta' fuq tal-kolonna ta' bejn wieħed u ieħor 130 kPa. Il-volum tal-injezzjoni għandu jkun ta' 1μL fil-modalità tal-injezzjoni maqsuma.

Irid jinkiseb profil tal-kromatografija b'fażi gassuża li jkun simili għal dak muri fil-Figura 2. Trid tingħata attenzjoni speċjali għar-riżoluzzjoni bejn C18:3 u C20:1 (il-quċċata ta' C18:3 trid tidher qabel is-C20:1). Biex jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet, it-temperatura inizjali u/jew il-pressjoni tat-tarf ta' fuq tal-kolonna jridu jiġu ottimizzati. Aġġusta l-kundizzjonijiet tal-apparat għall-injezzjoni (it-temperatura, il-proporzjon tal-qsim u l-volum tal-injezzjoni) biex titnaqqas kemm jista' jkun is-separazzjoni tal-aċidu palmitiku u tal-aċidu palmitolejku.

Il-quċċata ta' C20:0 trid tkun għolja madwar 20 % tal-iskala sħiħa biex jiġu kkwantifikati l-isomeri *trans*. Jekk il-quċċata ta' C18:0 tkun tidher mgħawġa, naqqas l-ammont tal-kampjun.

6. L-INTEGRAZZJONI TAL-QĊAĊET KROMATOGRAFIĊI

6.1. **Il-kromatogramma tal-HPLC**

Il-Figura 1 turi kromatogramma tipika tal-HPLC għat-triaċilgliċeroli ta' żejt taż-żebbuġa ppurifikat. Iridu jiġu mmarkati tliet linji ta' referenza għall-integrazzjoni tal-qċaċet: l-ewwel waħda trid tiġi mmarkata bejn il-bidu tal-quċċata 1 u tmiem il-quċċata 3, it-tieni waħda bejn il-bidu tal-quċċata 4 u l-ħofra qabel il-quċċata 8 u t-tielet waħda bejn il-ħofra ta' qabel il-quċċata 8 u tmiem il-quċċata 18.

L-erja totali hija s-somma tal-erjas tal-qċaċet kollha (identifikati u mhux) mill-quċċata 1 sal-quċċata 18. Il-perċentwali ta' kull quċċata jiġi kkalkulat permezz tal-formula li ġejja:

$$TAG_x\ (\%) = 100\ (A_x + A_T)$$

Il-perċentwali għandhom jingħataw bħala numru b'żewġ ċifri wara l-punt deċimali.

6.2. **Il-kromatogramma tal-kromatografija b'fażi gassuża**

Il-Figura 2 turi kromatogramma tal-kromatografija b'fażi gassuża għall-esteri tal-alkil tal-aċidi xaħmin miksubin minn żejt taż-żebbuġa ppurifikat. Iridu jiġu kkalkulati l-perċentwali tal-aċidi xaħmin li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-aċidu palmitiku: | P (C16:0) | = | ester metiliku + ester etiliku; |
| l-aċidu steariku: | S (C18:0) | = | ester metiliku; |
| l-aċidu palmitolejku; | Po (C16:1) | = | is-somma tal-esteri metiliċi taż-żewġ isomeri *cis*; |
| l-aċidu olejku: | O (C18:1) | = | is-somma tal-esteri metiliċi taż-żewġ isomeri *cis* + l-ester etiliku + l-isomeri *trans*; |
| l-aċidu linolejku: | L (C18:2) | = | ester metiliku + ester etiliku + l-isomeri *trans*; |
| l-aċidu linoleniku: | Ln (C18:3) | = | ester metiliku + l-isomeri *trans*; |
| l-aċidu arakidiku: | A (C20:0) | = | ester metiliku; |
| l-aċidu ejkosenojku (gondojku); | G (C20:1) | = | ester metiliku. |

Jista' jkun li ma jkunx hemm esteri etiliċi u isomeri *trans* fil-kromatogramma tal-kromatografija b'fażi gassuża.

L-erja totali (AT) hija s-somma tal-qċaċet kollha li jidhru fil-kromatogramma, minn C14:0 sa C24:0, ħlief għall-quċċata li tikkorrispondi għall-iskwalin. Il-perċentwali ta' kull quċċata jiġi kkalkulat kif ġej:

$$FA_x\ (\%) = 100\ (A_x + A_T)$$

Ir-riżultati għandhom jingħataw bħala numru b'żewġ ċifri wara l-punt deċimali.

Għall-kalkoli magħmulin mill-programmi tal-kompjuter, m'hemmx bżonn issir normalizzazzjoni għal 100 minħabba li dan isir b'mod awtomatiku.

*Il-Figura 1*

**Kromatogramma tal-HPLC għat-triaċilgliċeroli (it-TAGs) ta' żejt taż-żebbuġa verġni magħmul minn żebbuġ tal-varjetà "Chamlali". Il-komponenti ewlenin tal-qċaċet kromatografiċi**




(1) LLL; (2) OLLn+PoLL; (3) PLLn; (4) OLL; (5) OOLn+PoOL;

(6) PLL+PoPoO; (7) POLn+PPoPo+PPoL; (8) OOL+LnPP; (9) PoOO;

(10) SLL+PLO; (11) PoOP+SPoL+SOLn+SPoPo; (12) PLP;

(13) OOO+PoPP; (14) SOL; (15) POO; (16) POP; (17) SOO;

(18) POS+SLS.

*It-Tabella 1*

**Id-dejta tat-tennija tal-istabbiliment tat-triaċilgliċeroli (it-TAGs) ta' żejt taż-żebbuġa verġni permezz tal-HPLC f'temperatura tal-kolonna ta' 20 °C u bl-użu tal-propjonitril bħala l-fażi mobbli**

| ECN | Il-qċaċet tal-HPLC | It-triaċilgliċeroli (it-TAGs) | L-ewwel kampjun | | It-tieni kampjun | | It-tielet kampjun | | Ir-raba' kampjun | | Il-ħames kampjun | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) |
| **42** | **1** | LLL | 0,020 | 7,23 | 0,066 | 5,18 | 0,095 | 4,10 | 0,113 | 0,95 | 0,34 | 1,05 |
| | **2** | OLLn+ PoLL | 0,085 | 7,44 | 0,24 | 1,78 | 0,26 | 2,25 | 0,35 | 2,02 | 0,50 | 2,83 |
| | **3** | PLLn | 0,023 | 15,74 | 0,039 | 5,51 | 0,057 | 5,62 | 0,082 | 4,35 | 0,12 | 6,15 |
| **44** | **4** | OLL | 0,47 | 1,52 | 1,53 | 0,42 | 2,62 | 0,98 | 3,35 | 1,05 | 4,37 | 1,13 |
| | **5** | OOLn+ PoOL | 1,07 | 2,01 | 1,54 | 0,46 | 1,61 | 0,71 | 1,72 | 1,07 | 1,77 | 2,40 |
| | **6** | PLL+ PoPoO | 0,11 | 12,86 | 0,24 | 4,37 | 0,65 | 1,32 | 1,35 | 0,73 | 2,28 | 1,24 |
| | 7 | POLn+ PpoPo+ PpoL | 0,42 | 5,11 | 0,49 | 2,89 | 0,55 | 2,01 | 0,85 | 1,83 | 1,09 | 1,96 |
| **46** | **8** | OOL+ LnPP | 6,72 | 0,63 | 8,79 | 0,31 | 11,21 | 0,42 | 13,25 | 0,33 | 15,24 | 0,23 |
| | **9** | PoOO | 1,24 | 2,86 | 1,49 | 0,95 | 1,63 | 0,85 | 2,12 | 0,45 | 2,52 | 0,56 |
| | **10** | SLL+ PLO | 2,70 | 0,65 | 4,05 | 0,70 | 6,02 | 0,65 | 9,86 | 0,53 | 11,53 | 0,31 |
| | **11** | PoOP+ SpoL+ SOLn+ SpoPo | 0,64 | 4,42 | 0,69 | 3,02 | 0,79 | 1,23 | 1,53 | 0,89 | 1,70 | 1,66 |

| ECN | Il-qċaċet tal-HPLC | It-triaċilgliċeroli (it-TAGs) | L-ewwel kampjun | | It-tieni kampjun | | It-tielet kampjun | | Ir-raba' kampjun | | Il-ħames kampjun | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) | Il-valur medju (f'perċentwali) | $RSD_r$ (%) |
| **48** | **12+13** | OOO+ PLP+ PoPP | 49,60 | 0,07 | 48,15 | 0,06 | 42,93 | 0,06 | 33,25 | 0,10 | 24,16 | 0,06 |
| | **14** | SOL | 0,82 | 1,72 | 0,92 | 1,56 | 1,05 | 1,32 | 1,25 | 1,05 | 1,60 | 1,77 |
| | **15** | POO | 22,75 | 0,25 | 21,80 | 0,20 | 21,05 | 0,30 | 20,36 | 0,35 | 20,17 | 0,14 |
| **50** | **16** | POP | 3,05 | 0,46 | 4,56 | 0,42 | 4,98 | 0,52 | 5,26 | 0,41 | 5,57 | 0,38 |
| | **17** | SOO | 6,87 | 0,21 | 5,56 | 0,33 | 4,86 | 0,43 | 4,12 | 0,72 | 3,09 | 0,69 |
| | **18** | POS+ SLS | 1,73 | 1,23 | 1,65 | 1,10 | 1,54 | 0,99 | 1,49 | 1,10 | 1,41 | 1,00 |

n = 3 repliki

$RSD_r$ = id-devjazzjoni standard relattiva tat-tennija

*Il-Figura 2*

**Kromatogramma tal-kromatografija b'fażi gassuża għall-esteri tal-alkil tal-aċidi xaħmin miksubin minn żejt mir-residwi taż-żebbuġ permezz tat-transesterifikazzjoni b'soluzzjoni kiesħa ta' KOH fil-metanol**



7. DETEZZJONI TAŻ-ŻJUT BARRANIN FIŻ-ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA

Il-metodu għall-kalkolu tad-detezzjoni taż-żjut barranin fiż-żjut taż-żebbuġa permezz tat-tqabbil tal-algoritmi matematiċi ma' bażi tad-dejta msejsa fuq dejta minn żjut taż-żebbuġa ġenwini huwa stabbilit fl-Anness I tal-istandard bir-referenza IOC/T.20/Doc. No 25."

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1349/2013

## tas-16 ta’ Diċembru 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta’ Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b’mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta’ kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 55,3 |
| | IL | 200,7 |
| | MA | 78,3 |
| | TN | 115,1 |
| | TR | 97,6 |
| | ZZ | 109,4 |
| 0707 00 05 | AL | 106,5 |
| | MA | 154,0 |
| | TR | 141,2 |
| | ZZ | 133,9 |
| 0709 93 10 | MA | 147,4 |
| | TR | 145,2 |
| | ZZ | 146,3 |
| 0805 10 20 | AR | 26,3 |
| | TR | 57,0 |
| | UY | 27,9 |
| | ZA | 33,1 |
| | ZZ | 36,1 |
| 0805 20 10 | MA | 63,8 |
| | ZZ | 63,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 108,1 |
| | JM | 139,0 |
| | TR | 70,6 |
| | ZZ | 105,9 |
| 0805 50 10 | TR | 58,8 |
| | ZZ | 58,8 |
| 0808 10 80 | BA | 78,8 |
| | CN | 77,6 |
| | MK | 32,3 |
| | NZ | 153,0 |
| | US | 114,5 |
| | ZZ | 91,2 |
| 0808 30 90 | TR | 120,5 |
| | US | 154,6 |
| | ZZ | 137,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-9 ta' Diċembru 2013**

**dwar kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għal programmi ta' kontroll tas-sajd tal-Istati Membri għall-2013**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8576)*

**(It-testi bil-Bulgaru, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Grieg, Ingliż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Spanjol, Svediż u Taljan biss huma awtentiċi)**

(2013/762/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi:

(1) Fuq il-bażi tat-talbiet għall-kofinanzjament tal-Unjoni li saru mill-Istati Membri fil-programmi tagħhom ta' kontroll tas-sajd għall-2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/410/UE tal-10 ta' Lulju 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-programmi għall-kontroll tas-sajd tal-Istati Membri għall-2013 ([2]), li ma utilizzatx parti mill-baġit disponibbli għall-2013.

(2) Dik il-parti tal-baġit tal-2013 li ma ġietx utilizzata, issa għandha tiġi allokata permezz ta' Deċiżjoni ġdida.

(3) F'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, l-Istati Membri ġew mitluba jissottomettu programmi relatati mal-finanzjament addizzjonali fl-oqsma ta' prijorità ddefiniti mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha lill-Istati Membri tas-7 ta' Ġunju 2013, jiġifieri proġetti li jimmiraw lejn l-adattament tas-Sistemi ta' Reġistrazzjoni u Rappurtar Elettroniċi (ERS) fl-Istati Membri sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet għall-obbligi futuri ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha inklużi l-adattament tal-bażijiet tad-dejta tal-Istati Membri, l-interoperabbiltà tas-sistemi ERS, il-kejl tal-qawwa tal-magna u t-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd. Ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-operaturi u/jew mill-Istati Membri li jwettqu investimenti fi proġetti ta' traċċabbiltà ġew iddefiniti mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha lill-Istati Membri tal-14 ta' Mejju 2012.

(4) Abbażi ta' dan u minħabba restrizzjonijiet baġitarji, talbiet fil-programmi għal finanzjament tal-Unjoni relatati ma' azzjonijiet bħal taħriġ u inizjattivi li jqajmu kuxjenza dwar ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ġew irrifjutati peress li ma kinux parti mill-oqsma ta' prijorità ddefiniti hawn fuq. Fi ħdan l-oqsma ta' prijorità indikati mill-Kummissjoni, minħabba restrizzjonijiet baġitarji, mhux il-proġetti kollha fil-programmi setgħu jinżammu. Il-Kummissjoni kellha tagħżel il-proġetti li jridu jiġu kofinanzjati abbażi ta' evalwazzjoni tal-konformità tagħhom mal-prijoritajiet iddefiniti.

(5) Fir-rigward tal-proġetti ta' traċċabbiltà, huwa importanti li jiġi żgurat li dawn jiġu żviluppati abbażi ta' standards rikonoxxuti internazzjonalment, kif meħtieġ mill-Artikolu 67(8) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([3]).

(6) L-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-Unjoni ġew ivvalutati fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 tal-11 ta' April 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd ([4]).

([1]) ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 204, 31.7.2013, p. 54.
([3]) ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.
([4]) ĠU L 97, 12.4.2007, p. 30.

(7) Huwa xieraq li l-ammonti massimi u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni jiġu stabbiliti fil-limiti stipulati mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u li jiġu stipulati l-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata din il-kontribuzzjoni.

(8) Sabiex jitħeġġeġ l-investiment fl-azzjonijiet ta' prijorità ddefiniti mill-Kummissjoni, u fid-dawl tal-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja fuq il-baġits tal-Istati Membri, in-nefqa relatata mal-oqsma ta' prijorità msemmija hawn fuq għandha tibbenefika minn rata għolja ta' kofinanzjament, fil-limiti stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

(9) Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni, il-proġetti kofinanzjati abbażi ta' din id-Deċiżjoni għandhom jikkonformaw ma' kull dispożizzjoni rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u, b'mod partikolari mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistipula kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-2013 fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd (PKS), kif imsemmija fl-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006. Tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal kull Stat Membru, ir-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni u l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tingħata t-tali kontribuzzjoni.

*Artikolu 2*

**Għeluq tal-impenji pendenti**

Il-pagamenti kollha li għalihom qed jintalab rimborż għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat sat-30 ta' Ġunju 2017. Il-pagamenti li jsiru minn Stat Membru wara dik id-data ta' skadenza mhux se jkunu eliġibbli għar-rimborż. L-approprjazzjonijiet tal-baġit mhux użati relatati ma' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu diżimpenjati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018.

*Artikolu 3*

**Teknoloġiji u netwerks tal-IT ġodda**

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward tal-proġetti msemmija fl-Anness I, dwar l-istabbiliment ta' teknoloġiji u netwerks tal-IT ġodda sabiex jippermettu l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti u siguri tad-dejta b'rabta mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

2. Fir-rigward tal-proġetti ta' traċċabbiltà, il-kontribuzzjoni tal-UE għandha tkun limitata għal EUR 1 000 000 f'każ ta' investimenti mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru, u għal EUR 250 000 f'każ ta' investimenti privati. L-għadd totali ta' proġetti ta' traċċabbiltà mwettqa minn operaturi privati għandu jkun limitat għal 8 għal kull Stat Membru u għal kull deċiżjoni ta' finanzjament.

3. Sabiex jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, il-proġetti kollha kofinanzjati skont din id-Deċiżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 [1] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

4. Il-proġetti BG/13/02 relatati ma' ġejġis tal-Omega, EL/13/10 relatati ma' tablets li jridu jintużaw għal finijiet ta' spezzjoni u PT/13/08 relatati ma' tagħmir tal-użin, u li jissemmew fl-Anness I, għandhom jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 4*

**Tagħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika**

1. In-nefqa mġarrba, fir-rigward tal-proġetti msemmija fl-Anness II, għax-xiri u l-istallazzjoni abbord ta' bastimenti tas-sajd ta' tagħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika li jippermetti li l-bastimenti jiġu mmonitorjati mill-bogħod minn ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd permezz ta' sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stabbiliti f'dak l-Anness.

2. Sabiex jikkwalifika għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1, it-tagħmir għal-lokalizzazzjoni awtomatika għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

*Artikolu 5*

**Sistemi ta' reġistrazzjoni u rappurtar elettroniċi**

In-nefqa mġarrba, fir-rigward ta' proġetti msemmija fl-Anness III, għall-iżvilupp, ix-xiri u l-istallazzjoni kif ukoll l-għajnuna teknika għall-komponenti meħtieġa għas-sistemi ta' reġistrazzjoni u rappurtar elettroniċi (ERS), sabiex tippermetti l-interoperabbiltà tas-sistemi ERS bejn l-Istai Membri kif ukoll biex tiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha ("projbizzjoni fuq ir-rimi lura"), għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' 90 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

*Artikolu 6*

**Proġetti pilota**

In-nefqa mġarrba, fir-rigward tal-proġetti msemmija fl-Anness V, fuq proġetti pilota dwar teknoloġiji ġodda ta' kontroll għandha tikkwalifika għal kontribuzzjoni ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli, fil-limiti stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 7*

**Kontribuzzjoni totali massima tal-Unjoni għal kull Stat Membru**

In-nefqa ppjanata, is-sehem eliġibbli tagħha u l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għal kull Stat Membru huma kif ġej:

*(EUR)*

| Stat Membru | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | 430 000 | 280 000 | 252 000 |
| **Il-Bulgarija** | 35 791 | 35 791 | 24 031 |
| **Id-Danimarka** | 4 195 144 | 1 251 235 | 876 285 |
| **L-Estonja** | 400 000 | 400 000 | 360 000 |
| **L-Irlanda** | 200 000 | 200 000 | 180 000 |
| **Il-Greċja** | 228 500 | 78 500 | 50 650 |
| **Spanja** | 2 989 879 | 1 037 300 | 769 570 |
| **Franza** | 2 058 585 | 1 356 145 | 631 082 |
| **Il-Kroazja** | 267 490 | 267 490 | 227 400 |
| **L-Italja** | 1 850 000 | 422 000 | 379 800 |
| **Ċipru** | 100 000 | 100 000 | 90 000 |
| **Il-Latvja** | 124 038 | 124 038 | 111 634 |
| **Il-Litwanja** | 99 919 | 99 919 | 89 927 |
| **Malta** | 1 470 510 | 615 000 | 553 500 |
| **Il-Polonja** | 1 487 812 | 1 389 812 | 1 090 831 |
| **Il-Portugall** | 443 954 | 161 500 | 143 150 |
| **Ir-Rumanija** | 40 000 | 0 | 0 |
| **Il-Finlandja** | 1 800 000 | 1 050 000 | 945 000 |
| **L-Isvezja** | 2 450 000 | 1 150 000 | 1 035 000 |
| **Ir-Renju Unit** | 31 553 | 25 710 | 23 140 |
| **Total** | **20 703 175** | **10 044 440** | **7 833 000** |

*Artikolu 8*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Maria DAMANAKI

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**TEKNOLOĠIJI U NETWERKS TAL-IT ĠODDA**

*(EUR)*

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall- magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Bulgarija:** | | | |
| BG/13/02 | 20 452 | 20 452 | 10 226 |
| BG/13/03 | 15 339 | 15 339 | 13 805 |
| ***Subtotal*** | ***35 791*** | ***35 791*** | ***24 031*** |
| **Id-Danimarka:** | | | |
| DK/13/21 | 469 509 | 469 509 | 172 731 |
| DK/13/23 | 335 363 | 335 363 | 301 827 |
| DK/13/24 | 250 000 | 0 | 0 |
| DK/13/25 | 250 000 | 0 | 0 |
| DK/13/26 | 250 000 | 0 | 0 |
| DK/13/27 | 278 000 | 0 | 0 |
| DK/13/28 | 275 000 | 0 | 0 |
| DK/13/29 | 275 000 | 0 | 0 |
| DK/13/30 | 275 000 | 0 | 0 |
| DK/13/31 | 275 000 | 111 000 | 99 900 |
| DK/13/32 | 300 000 | 0 | 0 |
| DK/13/33 | 403 423 | 0 | 0 |
| DK/13/34 | 221 340 | 0 | 0 |
| DK/13/35 | 2 146 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***3 859 781*** | ***915 872*** | ***574 458*** |
| **L-Irlanda:** | | | |
| IE/13/04 | 200 000 | 200 000 | 180 000 |
| ***Subtotal*** | ***200 000*** | ***200 000*** | ***180 000*** |
| **Il-Greċja:** | | | |
| EL/13/10 | 50 000 | 50 000 | 25 000 |
| EL/13/11 | 28 500 | 28 500 | 25 650 |
| ***Subtotal*** | ***78 500*** | ***78 500*** | ***50 650*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/13/42 | 718 632 | 0 | 0 |
| ES/13/45 | 454 090 | 0 | 0 |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall- magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| ES/13/50 | 365 000 | 365 000 | 328 500 |
| ES/13/54 | 33 900 | 0 | 0 |
| ES/13/55 | 50 000 | 0 | 0 |
| ES/13/56 | 16 000 | 16 000 | 14 400 |
| ES/13/57 | 72 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***1 709 622*** | ***381 000*** | ***342 900*** |
| **Franza:** | | | |
| FR/13/14 | 498 798 | 498 798 | 250 000 |
| FR/13/15 | 711 700 | 711 700 | 250 000 |
| FR/13/16 | 276 000 | 0 | 0 |
| FR/13/17 | 115 647 | 115 647 | 104 082 |
| FR/13/18 | 176 440 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***1 778 585*** | ***1 326 145*** | ***604 082*** |
| **Il-Kroazja:** | | | |
| HR/13/08 | 10 000 | 10 000 | 9 000 |
| HR/13/10 | 247 490 | 247 490 | 209 400 |
| ***Subtotal*** | ***257 490*** | ***257 490*** | ***218 400*** |
| **L-Italja:** | | | |
| IT/13/10 | 450 000 | 422 000 | 379 800 |
| IT/13/11 | 1 400 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***1 850 000*** | ***422 000*** | ***379 800*** |
| **Il-Latvja:** | | | |
| LV/13/04 | 124 038 | 124 038 | 111 634 |
| ***Subtotal*** | ***124 038*** | ***124 038*** | ***111 634*** |
| **Il-Litwanja:** | | | |
| LT/13/06 | 15 929 | 15 929 | 14 336 |
| LT/13/05 | 26 066 | 26 066 | 23 459 |
| ***Subtotal*** | ***41 995*** | ***41 995*** | ***37 795*** |
| **Malta:** | | | |
| MT/13/04 | 55 510 | 0 | 0 |
| MT/13/05 | 1 400 000 | 600 000 | 540 000 |
| MT/13/06 | 15 000 | 15 000 | 13 500 |
| ***Subtotal*** | ***1 470 510*** | ***615 000*** | ***553 500*** |
| **Il-Polonja:** | | | |
| PL/13/16 | 250 000 | 152 000 | 136 800 |
| PL/13/17 | 147 512 | 147 512 | 132 761 |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall- magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| PL/13/18 | 240 300 | 240 300 | 216 270 |
| ***Subtotal*** | ***637 812*** | ***539 812*** | ***485 831*** |
| **Il-Portugall:** | | | |
| PT/13/06 | 129 200 | 111 100 | 99 990 |
| PT/13/08 | 5 500 | 5 500 | 2 750 |
| PT/13/09 | 264 354 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***399 054*** | ***116 600*** | ***102 740*** |
| **Ir-Rumanija:** | | | |
| RO/13/18 | 40 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***40 000*** | ***0*** | ***0*** |
| **Il-Finlandja:** | | | |
| FI/13/11 | 350 000 | 350 000 | 315 000 |
| FI/13/14 | 150 000 | 150 000 | 135 000 |
| FI/13/15 | 750 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***1 250 000*** | ***500 000*** | ***450 000*** |
| **L-Isvezja:** | | | |
| SE/13/04 | 500 000 | 0 | 0 |
| SE/13/05 | 350 000 | 0 | 0 |
| SE/13/06 | 450 000 | 0 | 0 |
| SE/13/07 | 450 000 | 450 000 | 405 000 |
| SE/13/08 | 200 000 | 200 000 | 180 000 |
| ***Subtotal*** | ***1 950 000*** | ***650 000*** | ***585 000*** |
| **Ir-Renju Unit:** | | | |
| UK/13/05 | 9 933 | 9 933 | 8 940 |
| UK/13/06 | 1 753 | 1 753 | 1 578 |
| UK/13/07 | 5 843 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***17 529*** | ***11 686*** | ***10 518*** |
| **Total** | **15 700 707** | **6 215 929** | **4 711 339** |

*ANNESS II*

## TAGĦMIR GĦAL-LOKALIZZAZZJONI AWTOMATIKA

*(EUR)*

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall-proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Franza:** | | | |
| FR/13/12 | 250 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***250 000*** | ***0*** | ***0*** |
| **Ir-Renju Unit:** | | | |
| UK/13/04 | 14 024 | 14 024 | 12 622 |
| ***Subtotal*** | ***14 024*** | ***14 024*** | ***12 622*** |
| **Total** | **264 024** | **14 024** | **12 622** |

*ANNESS III*

## SISTEMI TA' REĠISTRAZZJONI U RAPPURTAR ELETTRONIĊI

*(EUR)*

| Stat Membru kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall-proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju:** | | | |
| BE/13/10 | 40 000 | 40 000 | 36 000 |
| BE/13/11 | 200 000 | 200 000 | 180 000 |
| BE/13/12 | 40 000 | 40 000 | 36 000 |
| ***Subtotal*** | ***280 000*** | ***280 000*** | ***252 000*** |
| **Id-Danimarka:** | | | |
| DK/13/22 | 335 363 | 335 363 | 301 827 |
| ***Subtotal*** | ***335 363*** | ***335 363*** | ***301 827*** |
| **L-Estonja:** | | | |
| EE/13/04 | 300 000 | 300 000 | 270 000 |
| EE/13/05 | 100 000 | 100 000 | 90 000 |
| ***Subtotal*** | ***400 000*** | ***400 000*** | ***360 000*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/13/43 | 246 300 | 246 300 | 221 670 |
| ***Subtotal*** | ***246 300*** | ***246 300*** | ***221 670*** |
| **Franza:** | | | |
| FR/13/13 | 30 000 | 30 000 | 27 000 |
| ***Subtotal*** | ***30 000*** | ***30 000*** | ***27 000*** |
| **Il-Kroazja:** | | | |
| HR/13/09 | 10 000 | 10 000 | 9 000 |
| ***Subtotal*** | ***10 000*** | ***10 000*** | ***9 000*** |
| **Ċipru:** | | | |
| CY/13/04 | 100 000 | 100 000 | 90 000 |
| ***Subtotal*** | ***100 000*** | ***100 000*** | ***90 000*** |
| **Il-Litwanja:** | | | |
| LT/13/04 | 57 924 | 57 924 | 52 132 |
| ***Subtotal*** | ***57 924*** | ***57 924*** | ***52 132*** |
| **Il-Polonja:** | | | |
| PL/13/14 | 350 000 | 350 000 | 315 000 |
| PL/13/15 | 100 000 | 100 000 | 90 000 |
| ***Subtotal*** | ***450 000*** | ***450 000*** | ***405 000*** |
| **Il-Portugall:** | | | |
| PT/13/07 | 44 900 | 44 900 | 40 410 |
| ***Subtotal*** | ***44 900*** | ***44 900*** | ***40 410*** |

*(EUR)*

| Stat Membru kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall-proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Finlandja:** | | | |
| FI/13/10 | 350 000 | 350 000 | 315 000 |
| FI/13/12 | 200 000 | 200 000 | 180 000 |
| ***Subtotal*** | ***550 000*** | ***550 000*** | ***495 000*** |
| **L-Isvezja:** | | | |
| SE/13/09 | 500 000 | 500 000 | 450 000 |
| ***Subtotal*** | ***500 000*** | ***500 000*** | ***450 000*** |
| **Total** | **3 004 487** | **3 004 487** | **2 704 039** |

*ANNESS V*

**PROĠETTI PILOTA**

*(EUR)*

| Tip ta' nefqa | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall-proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju:** | | | |
| BE/13/13 | 150 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***150 000*** | ***0*** | ***0*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/13/44 | 471 074 | 0 | 0 |
| ES/13/46 | 250 000 | 250 000 | 125 000 |
| ES/13/48 | 160 000 | 160 000 | 80 000 |
| ES/13/49 | 100 000 | 0 | 0 |
| ES/13/51 | 2 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***983 074*** | ***410 000*** | ***205 000*** |
| **Il-Polonja:** | | | |
| PL/13/13 | 400 000 | 400 000 | 200 000 |
| ***Subtotal*** | ***400 000*** | ***400 000*** | ***200 000*** |
| **Total** | **1 533 074** | **810 000** | **405 000** |

*ANNESS VI*

**AMMONTI RELATATI MA' PROGRAMMI TA' TAĦRIĠ U SKAMBJU U MA' INIZJATTIVI TA' SENSIBILIZZAZZJONI DWAR IR-REGOLI TAL-POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD LI ĠEW IRRIFJUTATI**

*(EUR)*

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għall-proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Greċja:** | | | |
| EL/13/12 | 150 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***150 000*** | ***0*** | ***0*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/13/47 | 40 000 | 0 | 0 |
| ES/13/52 | 8 082 | 0 | 0 |
| ES/13/53 | 2 800 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***50 882*** | ***0*** | ***0*** |
| **Total** | **200 882** | **0** | **0** |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Diċembru 2013

## dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8743)*

**(it-testi bl-Ispanjol, biċ-Ċekk, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Latvjan, bl-Ungeriż, bl-Olandiż, bil-Portugiż, bir-Rumen, bil-Finlandiż u bl-Isvediż biss huma awtentiċi)**

(2013/763/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, u l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tikkomunika lill-Istati Membri r-riżultati ta' dawn il-verifiki, tieħu nota tal-kummenti tal-Istati Membri, tibda diskussjoni bilaterali sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, u tikkomunikalhom formalment il-konklużjonijiet tagħha.

(2) L-Istati Membri kellhom opportunità jitolbu t-tnedija ta' proċedura ta' konċiljazzjoni. Dik l-opportunità ntużat f'xi każijiet u r-rapporti li nħarġu dwar ir-riżultati ġew eżaminati mill-Kummissjoni.

(3) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 u r-Regolament (KE) Nru 1290/2005, tista' tiġi ffinanzjata biss in-nefqa agrikola li tkun iġġarrbet b'tali mod li ma jinkisrux ir-regoli tal-Unjoni Ewropea.

(4) Fid-dawl tal-verifiki mwettqa, ir-riżultati li joħorġu mid-diskussjonijiet bilaterali u mill-proċeduri ta' konċiljazzjoni, parti min-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri ma tissodisfax dan ir-rekwiżit, u għalhekk ma tistax tiġi ffinanzjata mit-Taqsima ta' Garanziji tal-FAEGG, mill-FAEG u mill-FAEŻR.

(5) Għandhom jiġu indikati l-ammonti li mhumiex meqjusa li jistgħu jitħallsu mit-Taqsima ta' Garanziji tal-FAEGG, il-FAEG u l-FAEŻR. Dawk l-ammonti mhumiex marbutin man-nefqa mġarrba aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel in-notifika bil-miktub tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lill-Istati Membri.

(6) Fir-rigward tal-każijiet koperti b'din id-Deċiżjoni, il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jiġu esklużi minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħhom mar-regoli tal-Unjoni Ewropea ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri f'rapport sommarju li ħarġet il-Kummissjoni dwar is-suġġett.

(7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet finanzjarji li tista' tasal għalihom il-Kummissjoni abbażi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet pendenti fl-1 ta' Settembru 2013 u li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

In-nefqa elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, imġarrba mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri u ddikjarata fit-Taqsima ta' Garanziji tal-FAEGG, fil-FAEG jew fil-FAEŻR għandha tiġi eskluża mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea minħabba li mhijiex konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Latvja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOȘ

*Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

| SM | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PARTITA TAL-BAĠIT: 6 5 0 0** | | | | | | | | | |
| CZ | Approvazzjoni tal-Kontijiet - Approvazzjoni Finanzjarja | 2011 | żbalji amministrattivi | DARBA | | EUR | – 121 357,89 | 0,00 | – 121 357,89 |
| | | | | | **TOTAL CZ** | **EUR** | **– 121 357,89** | **0,00** | **– 121 357,89** |
| | | | | | **6 5 0 0 TOTAL** | **EUR** | **– 121 357,89** | **0,00** | **– 121 357,89** |
| **PARTITA TAL-BAĠIT: 6 7 0 1** | | | | | | | | | |
| AT | Għajnuna Diretta Diżakkoppjata (skema ta' pagament uniku - SPU) | 2007 | Nuqqasijiet fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' u fis-sistema ta' informazzjoni ġeografika, fil-kontroverifiki amministrattivi, fil-funzjonament ta' verifiki fuq il-post, fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u pagamenti | DARBA | | EUR | – 1 542 856,98 | 0,00 | – 1 542 856,98 |
| AT | Għajnuna Diretta Diżakkoppjata (skema ta' pagament uniku - SPU) | 2008 | Nuqqasijiet fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' u fis-sistema ta' informazzjoni ġeografika, fil-kontroverifiki amministrattivi, fil-funzjonament ta' verifiki fuq il-post, fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u pagamenti | DARBA | | EUR | – 362 356,33 | 0,00 | – 362 356,33 |
| AT | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2009 | Nuqqasijiet fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' u fis-sistema ta' informazzjoni ġeografika, fil-kontroverifiki amministrattivi, fil-funzjonament ta' verifiki fuq il-post, fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u pagamenti | DARBA | | EUR | – 322 005,10 | 0,00 | – 322 005,10 |
| | | | | | **TOTAL AT** | **EUR** | **– 2 227 218,41** | **0,00** | **– 2 227 218,41** |
| BE | Verifika finanzjarja - Qabża fil-valur | 2012 | qbiż tal-limiti | DARBA | | EUR | – 8 448,26 | – 8 448,26 | 0,00 |
| BE | Verifika finanzjarja - Qabża fil-valur | 2012 | qbiż tal-limiti | DARBA | | EUR | – 827 309,72 | – 827 309,72 | 0,00 |
| | | | | | **TOTAL BE** | **EUR** | **– 835 757,98** | **– 835 757,98** | **0,00** |
| DE | Għajnuna Diretta Diżakkoppjata (skema ta' pagament uniku - SPU) | 2008 | Nuqqasijiet fil-kontroverifiki tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' u fit-tolleranza tal-miżuri għall-kontrolli fuq il-post, sena ta' talba 2007 | DARBA | | EUR | – 51 726,31 | 0,00 | – 51 726,31 |

| SM | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DE | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2009 | Nuqqasijiet fil-kontroverifiki tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' u fit-tolleranza tal-miżuri għall-kontrolli fuq il-post, sena ta' talba 2008 | DARBA | | EUR | – 83 286,41 | 0,00 | – 83 286,41 |
| DE | Verifika finanzjarja - Pagamenti tard u skadenzi tal-pagamenti | 2012 | pagamenti tard | DARBA | | EUR | – 10 670,90 | – 10 670,90 | 0,00 |
| | | | | | **TOTAL DE** | **EUR** | **– 145 683,62** | **– 10 670,90** | **– 135 012,72** |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2007 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 365 658,89 | 0,00 | – 365 658,89 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2007 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 737 372,81 | 0,00 | – 737 372,81 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Gruppi ta' Produtturi Rikonoxxuti minn Qabel | 2007 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 1 787,28 | 0,00 | – 1 787,28 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2007 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 10,00 % | EUR | – 145 740,74 | 0,00 | – 145 740,74 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2007 | Nefqa speċifika mhux eliġibbli | DARBA | | EUR | – 919 365,27 | 0,00 | – 919 365,27 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2008 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 538 517,00 | 0,00 | – 538 517,00 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2008 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 875 633,57 | 0,00 | – 875 633,57 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Gruppi ta' Produtturi Rikonoxxuti minn Qabel | 2008 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 3 135,65 | 0,00 | – 3 135,65 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2008 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 10,00 % | EUR | – 65 004,15 | 0,00 | – 65 004,15 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2008 | Nefqa speċifika mhux eliġibbli | DARBA | | EUR | – 1 143 982,20 | 0,00 | – 1 143 982,20 |

| SM | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2009 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 2 121,76 | 0,00 | – 2 121,76 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Gruppi ta' Produtturi Rikonoxxuti minn Qabel | 2009 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 1 807,57 | 0,00 | – 1 807,57 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2009 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 984 848,39 | 0,00 | – 984 848,39 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2009 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 10,00 % | EUR | – 26 937,72 | 0,00 | – 26 937,72 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2010 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 1 259,51 | 0,00 | 1 259,51 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Gruppi ta' Produtturi Rikonoxxuti minn Qabel | 2010 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 1 629,62 | 0,00 | – 1 629,62 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2010 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 990 175,71 | 0,00 | – 990 175,71 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2010 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 10,00 % | EUR | 169,58 | 0,00 | 169,58 |
| ES | Frott u Ħxejjex - Programmi Operazzjonali | 2011 | Nuqqas fil-kontrolli ewlenin | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 979 171,01 | 0,00 | – 979 171,01 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2007 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 800 115,89 | – 506,88 | – 799 609,01 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2007 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 1 000 522,12 | 0,00 | – 1 000 522,12 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2008 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 5 160,91 | – 0,21 | – 5 160,70 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2008 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 338 164,02 | 0,00 | – 338 164,02 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2008 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 771 505,81 | – 31,70 | – 771 474,11 |

| SM | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2008 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 14 378,54 | 0,00 | – 14 378,54 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2008 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 63 773,71 | 0,00 | – 63 773,71 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2009 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 78,16 | 0,00 | – 78,16 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2009 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 2 318,23 | 0,00 | – 2 318,23 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2009 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 186,40 | 0,00 | 186,40 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2009 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 727,03 | 0,00 | – 727,03 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2010 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 2 293,81 | 0,00 | – 2 293,81 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2010 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 468,08 | 0,00 | – 468,08 |
| ES | Għajnuniet Diretti Diżakkoppjati | 2010 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 233,66 | 0,00 | 233,66 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2010 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2006 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 6 934,44 | 0,00 | – 6 934,44 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2010 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 181,82 | 0,00 | – 181,82 |
| ES | Għajnuniet Diretti Oħrajn | 2008 | Nuqqasijiet fil-verifika fuq il-post, sena ta' talba 2007 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 88 770,49 | 0,00 | – 88 770,49 |
— il-ħnieżer kienu residenti għal mill-inqas 90 jum fl-impriża u ebda ħanżir ħaj ma ddaħħal fl-impriża matul il-perjodu ta' 30 jum immedjatament qabel id-data tad-dispaċċ lejn il-biċċerija,

[1] Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għal ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206).

[3] Id-Direttiva 90/429/KEE tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990, li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62).

— l-impriża timplimenta pjan ta' bijosigurtà approvat mill-awtorità kompetenti,

— l-impriża ġiet soġġetta għallinqas darbtejn fis-sena għal spezzjonijiet mill-awtorità veterinarja kompetenti, li għandha:

(i) issegwi l-linji ta' gwida stipulati fil-Kapitolu III tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE [1];

(ii) tinkludi l-eżami kliniku skont il-proċeduri ta' kontroll u teħid ta' kampjuni stipulati fil-Parti A tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE;

(iii) tiċċekkja l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri stabbiliti fit-tieni u mir-raba' sas-seba' inċiż tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2001/89/KE jiġu applikati effettivament,

— l- impriża tkun soġġetta għal pjan ta' sorveljanza għad-deni klassiku tal-ħnieżer implimentata mill-awtorità kompetenti skont il-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-punt F.2 tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE u ttestjar fil-laboratorju b'riżultati negattivi mill-inqas tliet xhur qabel iċ-ċaqliq lejn il-biċċerija, jew

— l- impriża tkun soġġetta għal pjan ta' sorveljanza tad-deni klassiku tal-ħnieżer implimentata mill-awtorità kompetenti skont il-proċeduri ta' teħid tal-kampjuni u ttestjar fil-laboratorju stabbiliti fil-punt F.2 tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE b'riżultati negattivi mill-inqas sena qabel iċ-ċaqliq lejn il-biċċerija u qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni għad-dispaċċ tal-ħnieżer lejn biċċerija, ikun sar eżami kliniku għad-deni klassiku tal-ħnieżer minn uffiċjal veterinarju skont il-proċeduri ta' kontroll u teħid ta' kampjuni stipulati fil-punti 1 u 3 tal-Parti D tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE,

jew

(b) il-laħam tal-majjal, il-preparazzjonijiet u l-prodotti tal-laħam ikkonċernati:

— jiġu prodotti u pproċessati f'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE,

— huma suġġetti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/99/KE,

— huma akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq tas-sanità għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2004; [2] il-Parti II taċ-ċertifikat għandha tkun kompluta bis-sentenza li ġejja:

"Prodott f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/764/UE tat-13 ta' Diċembru 2013 rigward miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri."

*Artikolu 5*

**Marki sanitarji speċjali u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għal laħam frisk tal-majjal, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li huma magħmula minn, jew fihom, il-laħam tal-majjal minbarra dawk fl-Artikolu 4**

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-laħam frisk tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam li jkunu magħmula minn, jew li fihom, il-laħam tal-majjal għajr dawk fl-Artikolu 4, għandhom ikunu mmarkati b'marka sanitarja speċjali li ma tistax tkun ovali u ma tistax tiġi mifxula ma':

(a) il-marka ta' identifikazzjoni għal preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn laħam tal-majjal jew li fihom dan il-laħam, stipulata fit-Taqsima I tal-Anness II, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(b) il-marka sanitarja għal-laħam frisk tal-majjal imsemmija fil-Kapitolu III tat-Taqsima I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw impriżi u vetturi tat-trasport fiż-żoni elenkati fl-Anness**

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw:

(a) li d-dispożizzjonijiet stipulati fit-tieni inċiż u mir-raba' sas-seba' inċiż tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2001/89/KE jiġu applikati fl-impriżi tal-ħnieżer li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

(b) li l-vetturi li ntużaw għat-trasport tal-ħnieżer miżmuma f'impriżi li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati minnufih wara kull vjaġġ u li t-trasportatur jipprovdi prova ta' din id-diżinfezzjoni.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE tal-1 ta' Frar 2002 l li tapprova Manwal Djanjostiku li jwaqqaf proċeduri djanjostiċi, metodi tal-kampjunar u kriterji għall-istima tat-testijiet fil-laboratorju għall-konferma tad-deni klassiku tal-majjali (ĠU L 39, 9.2.2002, p. 71).

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jikkonċerna l-adozzjoni ta' mudell armonizzat ta' ċertifikat u rapport tal-ispezzjoni marbuta mal-kummerċ fi ħdan il-Komunità tal-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 94, 31.3.2004, p. 44).

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti ta' tagħrif tal-Istati Membri kkonċernati**

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, dwar ir-riżultati tas-sorveljanza għad-deni klassiku tal-ħnieżer imwettqa fiż-żoni elenkati fl-Anness, kif stipulat fil-pjanijiet għall-qrid tad-deni klassiku tal-ħnieżer jew fil-pjanijiet tat-tilqim ta' emerġenza kontra din il-marda approvati mill-Kummissjoni u msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1.

*Artikolu 8*

**Konformità**

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ sabiex ikunu f'konformità ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jippubblikaw b'mod xieraq u minnufih il-miżuri adottati.

Għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

*Artikolu 9*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2008/855/KE hija mħassra.

*Artikolu 10*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 11*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

1. **Il-Bulgarija**

   It-territorju sħiħ tal-Bulgarija.

2. **Il-Kroazja**

   It-territorju tal-kontej ta' Karlovac, Sisak-Moslavina, Slavonski Brod-Posavina u Vukovar-Srijem.

3. **Il-Latvja**

   Fin-novads ta' Alūksnes il-pagasti ta' Pededzes u Liepnas.

   Fin-novads ta' Rēzeknes il-pagasti ta' Pušas, Mākoņkalna u Kaunatas.

   Fin-novads ta' Daugavpils il-pagasti ta' Dubnas, Višķu, Ambeļu, Biķernieku, Maļinovas, Naujenes, Tabores, Vecsalienas, Salienas, Skrudalienas, Demenes u Laucesas.

   Fin-novads ta' Balvu il-pagasti ta' Vīksnas, Kubuļu, Balvu, Bērzkalnes, Lazdulejas, Briežuciema, Vectilžas, Tilžas, Krišjāņu u Bērzpils.

   Fin-novads ta' Rugāju il-pagasti ta' Rugāju u Lazdukalna. Fin-novads ta' Viļakas il-pagasti ta' Žiguru, Vecumu, Kupravas, Susāju, Medņevas u Šķilbēnu.

   Fin-novads ta' Baltinavas il-pagasts ta' Baltinavas.

   Fin-novads ta' Kārsavas il-pagasti ta' Salnavas, Malnavas, Goliševas, Mērdzenes u Mežvidu. Fin-novads ta' Ciblas il-pagasti ta' Pušmucovas, Līdumnieku, Ciblas, Zvirgzdenes u Blontu.

   Fin-novads ta' Ludzas il-pagasti ta' Ņukšu, Briģu, Isnaudas, Nirzas, Pildas, Rundēnu u Istras.

   Fin-novads ta' Zilupes il-pagasti ta' Zaļesjes, Lauderu u Pasienes.

   Fin-novads ta' Dagdas il-pagasti ta' Andzeļu, Ezernieku, Šķaunes, Svariņu, Bērziņu, Ķepovas, Asūnes, Dagdas, Konstantinovas u Andrupenes.

   Fin-novads ta' Aglonas il-pagasti ta' Kastuļinas, Grāveru, Šķeltovas u Aglonas.

   Fin-novads ta' Krāslavas il-pagasti ta' Aulejas, Kombuļu, Skaistas, Robežnieku, Indras, Piedrujas, Kalniešu, Krāslavas, Kaplavas, Ūdrīšu u Izvaltas.

4. **Ir-Rumanija**

   It-territorju sħiħ tar-Rumanija.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-13 ta' Diċembru 2013

## li temenda r-rikonoxximent ta' Det Norske Veritas skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8876)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/765/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009, il-Kummissjoni trid tivverifika li d-detentur tar-rikonoxximent mogħti f'konformità mal-Artikolu 2(c) u l-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament huwa l-entità legali rilevanti fl-organizzazzjoni li għaliha għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Jekk dak ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni trid tiehu deċiżjoni li temenda dak ir-rikonoxximent.

(2) Ir-rikonoxximenti taż-żewġ organizzazzjonijiet Det Norske Veritas u Germanischer Lloyd ("il-Partijiet") ingħataw fl-1995 skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE [2].

(3) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009, il-Partijiet żammew ir-rikonoxximenti rispettivi tagħhom mad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament.

(4) Ir-rikonoxximent inizjali ta' Det Norske Veritas ingħata lill-entità legali DNV Classification AS, li wara ġiet imsemmija mill-ġdid bħala DNV AS. Din kienet taħdem skont l-entità mhux operattiva DNV Group AS u kkontrollata finanzjarjament mill-fundazzjoni mingħajr skop ta' qligħ Stiftelsen Det Norske Veritas ("SDNV"), li ġiet stabbilita fin-Norveġja.

(5) Ir-rikonoxximent inizjali ta' Germanischer Lloyd ingħata lill-entità legali Germanischer Lloyd AG, li wara ġiet stabbilita bħala Germanischer Lloyd SE ("GL SE"). Din kienet taħdem skont l-entità mhux operattiva GL Group u kkontrollata finanzjarjament mill-azjenda Mayfair, li ġiet stabbilita fil-Ġermanja.

(6) Fl-10 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [3] li permezz tagħha SDNV takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) ta' dak ir-Regolament, kontroll uniku ta' GL SE u tingħaqad mas-sussidjarju tagħha DNV Group AS, li wara ġiet imsemmija mill-ġdid bħala DNV GL Group AS.

(7) Fil-15 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni skont l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet biex ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-konċentrazzjoni, imsemmija bħala l-"Każ COMP/M.6885 — SDNV/Germanischer Lloyd", u biex tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern.

(8) L-entità mhux operattiva DNV GL Group AS, stabbilita fin-Norveġja, daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 2013. Il-Partijiet infurmaw lill-Kummissjoni li, sakemm jibda l-operat konġunt, l-organizzazzjonijiet legati DNV AS u GL SE komplew jeżistu u jaħdmu b'mod indipendenti taħt il-kappa ta' DNV GL Group AS f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u s-sistemi legati rispettivi tagħhom.

(9) Is-sjieda ta' GL SE ġiet ittrasferita għal DNV AS, li wara ġiet imsemmija mill-ġdid DNV GL AS. Minn dan il-mument, li jimmarka l-bidu tal-ħidma konġunta, DNV GL AS, flimkien mas-sussidjarji tagħha, hija responsabbli mill-attivitajiet kollha ta' klassifikazzjoni u ċertifikazzjoni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 391/2009. Għalhekk, DNV GL AS hija l-entità prinċipali rilevanti tal-entitajiet legali kollha li jiffurmaw l-organizzazzjoni rikonoxxuta, u li għandu jingħata rikonoxximent għaliha.

(10) Min-naħa l-oħra, GL SE ma għadhiex l-entità prinċipali rilevanti tal-organizzazzjoni, li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 391/2009. Għalhekk, ir-rikonoxximent tagħha skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandu jieqaf japplika.

[1] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.
[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet relevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20).
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

(11) L-informazzjoni kkomunikata mill-Partijiet lill-Kummissjoni tindika li, mill-bidu tal-ħidma konġunta u sakemm tidħol fis-seħħ sistema komuni ta' produzzjoni, il-vapuri eżistenti u l-proġetti li għadhom għaddejjin għandhom jiġu trattati b'mod separat, skont ir-regoli, il-proċeduri u s-sistemi legati ta' DNV AS u GL SE rispettivament. Il-funzjonijiet u s-sistemi għandhom jiġu integrati b'mod gradwali biex jiżguraw il-konformità kontinwa mal-obbligi u l-kriterji tar-Regolament (KE) Nru 391/2009.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-detentur tar-rikonoxximent mogħti lil Det Norske Veritas għandu jkun, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, DNV GL AS, li hija l-entità prinċipali tal-entitajiet legali kollha li jikkostitwixxu l-organizzazzjoni rikonoxxuta għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 391/2009.

Minħabba t-trasferiment tas-sjieda ta' GL SE lil DNV GL AS, ir-rikonoxximent ta' Germanischer Lloyd, li għall-bidu ngħata lil GL SE, għandu jieqaf japplika.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Siim KALLAS

*Viċi President*

---

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-13 ta' Diċembru 2013

## li tapprova ċerti programmi emendati għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi għas-sena 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2008/897/KE li tapprova programmi annwali u pluriennali għall-2009 u s-snin ta' wara, u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal ċerti programmi approvati minn dik id-Deċiżjoni

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8891)*

(2013/766/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(5) u (6) tagħha.

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi tal-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE [2] tipprovdi li sabiex ikunu approvati skont il-miżura finanzjarja tal-Komunità prevista fl-Artikolu 27(1) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE, il-programmi li jressqu l-Istati Membri lill-Kummissjoni għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni jeħtieġ għallinqas jissodisfaw il-kriterji mniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/341/KE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/897/KE [3] approvat il-programm Ġermaniż għall-eradikazzjoni tal-marda bil-vajrus erpete tal-Koi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/761/UE [4] tapprova ċerti programmi nazzjonali għas-sena 2013 u tistabbilixxi r-rata u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull programm li ressqu l-Istati Membri.

(5) Spanja u l-Greċja ressqu programm emendat għall-kontroll ta' ċerta salmonella żoonotika fil-popolazzjonijiet tat-tjur. Il-Ġermanja ressqet programm emendat għall-eradikazzjoni tal-marda bil-vajrus erpete tal-Koi. Il-Greċja ressqet programm emendat għall-eradikazzjoni tal-bruċellożi ovina u kaprina. L-Ungerija u r-Rumanija ressqu programm emendat għall-eradikazzjoni tar-rabja.

(6) Il-Kummissjoni evalwat dawk il-programmi emendati mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Sabet li dawn kienu konformi mal-leġiżlazzjoni veterinarja rilevanti tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/341/KE. U għalhekk dawn għandhom jiġu approvati.

(7) Barra minn hekk, il-Kummissjoni evalwat ir-rapporti intermedji tekniċi u finanzjarji li ressqu l-Istati Membri skont l-Artikolu 27(7) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE dwar in-nefqa li ġarrbu biex iffinanzjaw dawn il-programmi. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni juru li ċerti Stati Membri mhumiex se jużaw l-allokazzjoni sħiħa tagħhom għall-2013 filwaqt li oħrajn se jonfqu aktar mill-ammont allokat.

(8) Għalhekk il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal ċerti programmi nazzjonali jeħtieġ li tiġi aġġustata. Sabiex il-kreditu assenjat jintuża bl-aħjar mod, jixraq li jiġu riallokati fondi mill-programmi nazzjonali li mhumiex se jużaw l-allokazzjoni sħiħa tagħhom ħalli jingħataw lil dawk li mistennija jaqbżu l-allokazzjoni tagħhom minħabba sitwazzjonijiet li ma kinux previsti fejn tidħol is-saħħa tal-annimali f'dawk l-Istati Membri. Ir-riallokazzjoni għandha tissejjes fuq l-aktar informazzjoni riċenti dwar in-nefqa reali li ġarrbu l-Istati Membri kkonċernati.

---

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/897/KE tat-28 ta' Novembru 2008 li tapprova programmi annwali u pluriennali u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għall-2009 u s-snin ta' wara (ĠU L 322, 2.12.2008, p. 39).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/761/UE tat-30 ta' Novembru 2012 li tapprova programmi annwali u pluriennali u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi ppreżentati mill-Istati Membri għall-2013 (ĠU L 336, 8.12.2012, p. 83).

(9) L-eżerċizzju tar-riallokazzjoni jeħtieġ ħafna emendi li jridu jsiru lil ċerti kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni previsti mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE. Għat-trasparenza jixraq li tiġi speċifikata l-firxa sħiħa ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni għall-programmi tal-2013 approvati li għandhom x'jaqsmu ma' dawk l-emendi.

(10) Barra minn hekk, l-esperjenza riċenti wriet li l-eżekuzzjoni tal-ittra tal-Artikolu 13(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE jaf twassal għal riżultati inġusti. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitħassru.

(11) Għaldaqstant id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE għandha tiġi emendata skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tal-programmi emendati għall-kontroll ta' ċerta salmonella żoonotika li ressqu Spanja u l-Greċja**

Il-programm emendat għall-kontroll ta' ċerta salmonella żoonotika li ressqet Spanja fis-26 ta' Diċembru 2012 qed jiġi approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-programm emendat għall-kontroll ta' ċerta salmonella żoonotika li ressqet il-Greċja fl-24 ta' Ottubru 2013 qed jiġi approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 2*

**Approvazzjoni tal-programm emendat għall-eradikazzjoni tal-bruċellożi ovina u kaprina li ressqet il-Greċja**

Il-programm emendat għall-eradikazzjoni tal-bruċellożi ovina u kaprina li ressqet il-Greċja fid-29 ta' Lulju 2013 qed jiġi approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 3*

**Approvazzjoni tal-programmi emendati għall-eradikazzjoni tar-rabja li ressqu l-Ungerija u r-Rumanija**

Il-programmi emendati għall-eradikazzjoni tar-rabja li ressqet l-Ungerija fl-1 ta' Ottubru 2013 u r-Rumanija fit-30 ta' Ottubru 2013 qed jiġu approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 4*

**Emendi għad-Deċiżjoni 2008/897/KE**

L-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2008/897/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

**Mard fl-annimali akkwatiċi**

Il-programm pluriennali għall-eradikazzjoni tas-settiċemija emorraġika virali (VHS) li ressqet id-Danimarka qed jiġi approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-programm pluriennali għall-eradikazzjoni tal-marda bil-vajrus erpete tal-Koi (KHV) li ressqet il-Ġermanja qed jiġi approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2014."

*Artikolu 5*

**Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/761/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 3 440 000 għal Spanja;

(ii) EUR 100 000 għall-Kroazja;

(iii) EUR 2 000 000 għall-Italja;

(iv) EUR 940 000 għall-Portugall;

(v) EUR 800 000 għar-Renju Unit."

(2) Fl-Artikolu 2(2)(a), il-punt (i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) EUR 0,5 għal kull annimal domestiku inkluż fil-kampjun għat-test tal-interferon Gamma u suspettat pożittiv fil-biċċerija;"

(3) Fl-Artikolu 2(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 12 000 000 għall-Irlanda;

(ii) EUR 13 390 000 għal Spanja;

(iii) EUR 400 000 għall-Kroazja;

(iv) EUR 4 000 000 għall-Italja;

(v) EUR 2 230 000 għall-Portugall;

(vi) EUR 31 900 000 għar-Renju Unit."

(4) Fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 8 200 000 għal Spanja;

(ii) EUR 3 380 000 għall-Italja;

(iii) EUR 170 000 għal Ċipru;

(iv) EUR 1 760 000 għall-Portugall."

(5) Fl-Artikolu 3(3), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) u ma għandhiex taqbeż EUR 1 740 000."

(6) Fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 9 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 11 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 5 000 għar-Repubblika Ċeka;

(iv) EUR 86 000 għall-Ġermanja;

(v) EUR 10 000 għall-Irlanda;

(vi) EUR 78 000 għall-Greċja;

(vii) EUR 1 200 000 għal Spanja;

(viii) EUR 650 000 għall-Italja;

(ix) EUR 10 000 għal-Latvja;

(x) EUR 10 000 għal-Litwanja;

(xi) EUR 2 000 għal-Lussemburgu;

(xii) EUR 3 000 għall-Ungerija;

(xiii) EUR 10 000 għal Malta;

(xiv) EUR 10 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xv) EUR 10 000 għall-Awstrija;

(xvi) EUR 50 000 għall-Polonja;

(xvii) EUR 145 000 għall-Portugall;

(xviii) EUR 130 000 għar-Rumanija;

(xix) EUR 18 000 għas-Slovenja;

(xx) EUR 40 000 għas-Slovakkja;

(xxi) EUR 10 000 għall-Finlandja."

(7) Fl-Artikolu 5(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 910 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 30 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 810 000 għar-Repubblika Ċeka;

(iv) EUR 90 000 għad-Danimarka;

(v) EUR 790 000 għall-Ġermanja;

(vi) EUR 10 000 għall-Estonja;

(vii) EUR 160 000 għall-Irlanda;

(viii) EUR 970 000 għall-Greċja;

(ix) EUR 1 760 000 għal Spanja;

(x) EUR 1 210 000 għal Franza;

(xi) EUR 200 000 għall-Kroazja;

(xii) EUR 3 520 000 għall-Italja;

(xiii) EUR 60 000 għal Ċipru;

(xiv) EUR 200 000 għal-Latvja;

(xv) EUR 10 000 għal-Lussemburgu;

(xvi) EUR 950 000 għall-Ungerija;

(xvii) EUR 40 000 għal Malta;

(xviii) EUR 2 940 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xix) EUR 640 000 għall-Awstrija;

(xx) EUR 2 900 000 għall-Polonja;

(xxi) EUR 25 000 għall-Portugall;

(xxii) EUR 460 000 għar-Rumanija;

(xxiii) EUR 10 000 għas-Slovenja

(xxiv) EUR 450 000 għas-Slovakkja;

(xxv) EUR 60 000 għar-Renju Unit."

(8) Fl-Artikolu 6(2), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 200 000 għall-Bulgarija;

(ii) EUR 950 000 għall-Ġermanja;

(iii) EUR 100 000 għall-Kroazja;

(iv) EUR 224 000 għall-Ungerija;

(v) EUR 1 100 000 għar-Rumanija;

(vi) EUR 25 000 għas-Slovenja;

(vii) EUR 400 000 għas-Slovakkja."

(9) Fl-Artikolu 7(2), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) u ma għandhiex taqbeż EUR 1 060 000."

(10) Fl-Artikolu 8(2), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) u ma għandhiex taqbeż EUR 1 400 000."

(11) Fl-Artikolu 9(2)(a), il-punt (i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) EUR 0,5 għal kull għasfur domestiku inkluż fil-kampjun;"

(12) Fl-Artikolu 9(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 24 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 9 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 14 000 għar-Repubblika Ċeka;

(iv) EUR 53 000 għad-Danimarka;

(v) EUR 135 000 għall-Ġermanja;

(vi) EUR 62 000 għall-Irlanda;

(vii) EUR 8 000 għall-Greċja;

(viii) EUR 67 000 għal Spanja;

(ix) EUR 108 000 għal Franza;

(x) EUR 40 000 għall-Kroazja;

(xi) EUR 1 300 000 għall-Italja;

(xii) EUR 4 000 għal Ċipru;

(xiii) EUR 13 000 għal-Latvja;

(xiv) EUR 5 000 għal-Litwanja;

(xv) EUR 6 000 għal-Lussemburgu;

(xvi) EUR 61 000 għall-Ungerija;

(xvii) EUR 8 000 għal Malta;

(xviii) EUR 154 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xix) EUR 30 000 għall-Awstrija;

(xx) EUR 70 000 għall-Polonja;

(xxi) EUR 14 000 għall-Portugall;

(xxii) EUR 350 000 għar-Rumanija;

(xxiii) EUR 29 000 għas-Slovenja

(xxiv) EUR 16 000 għas-Slovakkja;

(xxv) EUR 25 000 għall-Finlandja;

(xxvi) EUR 30 000 għall-Isvezja;

(xxvii) EUR 100 000 għar-Renju Unit."

(13) Fl-Artikolu 10(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 290 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 360 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 380 000 għar-Repubblika Ċeka;

(iv) EUR 300 000 għad-Danimarka;

(v) EUR 4 700 000 għall-Ġermanja;

(vi) EUR 60 000 għall-Estonja;

(vii) EUR 1 300 000 għall-Irlanda;

(viii) EUR 1 700 000 għall-Greċja;

(ix) EUR 3 000 000 għal Spanja;

(x) EUR 10 900 000 għal Franza;

(xi) EUR 3 600 000 għall-Italja;

(xii) EUR 230 000 għall-Kroazja;

(xiii) EUR 950 000 għal Ċipru;

(xiv) EUR 80 000 għal-Latvja;

(xv) EUR 435 000 għal-Litwanja;

(xvi) EUR 50 000 għal-Lussemburgu;

(xvii) EUR 790 000 għall-Ungerija;

(xviii) EUR 25 000 għal Malta;

(xix) EUR 1 000 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xx) EUR 500 000 għall-Awstrija;

(xxi) EUR 2 600 000 għall-Polonja;

(xxii) EUR 1 000 000 għall-Portugall;

(xxiii) EUR 1 400 000 għar-Rumanija;

(xxiv) EUR 160 000 għas-Slovenja;

(xxv) EUR 220 000 għas-Slovakkja;

(xxvi) EUR 160 000 għall-Finlandja;

(xxvii) EUR 210 000 għall-Isvezja;

(xxviii) EUR 2 520 000 għar-Renju Unit."

(14) Fl-Artikolu 11(2), il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 1 650 000 għall-Bulgarija;

(ii) EUR 1 500 000 għall-Greċja;

(iii) EUR 620 000 għall-Estonja;

(iv) EUR 190 000 għall-Italja;

(v) EUR 2 200 000 għal-Litwanja;

(vi) EUR 1 080 000 għall-Ungerija;

(vii) EUR 7 240 000 għall-Polonja;

(viii) EUR 2 300 000 għar-Rumanija;

(ix) EUR 810 000 għas-Slovenja;

(x) EUR 380 000 għas-Slovakkja."

(15) Fl-Artikolu 12(3), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 1 500 000 għal-Latvja;

(ii) EUR 400 000 għall-Finlandja."

(16) Fl-Artikolu 13, jitħassar il-paragrafu (3).

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Tonio BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Diċembru 2013

## li twaqqaf qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-politika agrikola komuni u li tħassar id- Deċiżjoni 2004/391/KE

(2013/767/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 38 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika agrikola komuni.

(2) Skont l-Artikolu 11(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili. Qafas tad-djalogu li jittratta kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni ilu jeżisti mill-1962. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE [1] tipprevedi l-qafas tad-djalogu attwali.

(3) Bil-ħsieb li tiżdied it-trasparenza u jkun previst bilanċ aħjar ta' interessi rappreżentati, hemm bżonn li jkun rivedut id-djalogu fil-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw kwistjonijiet dwar l-agrikoltura u jiġi provdut il-qafas ta' djalogu ċivili fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inklużi l-aspetti internazzjonali tiegħu, u li jiġu definiti l-kompiti u l-istruttura tagħhom.

(4) Il-gruppi ta' djalogu ċivili għandhom jassistu lill-Kummissjoni u jgħinu biex isir djalogu regolari dwar kull kwistjoni relatata mal-politika agrikola komuni, inkluż l-iżvilupp rurali, u l-implimentazzjoni tal-politika, u b'mod partikolari l-miżuri li l-Kummissjoni tintalab tieħu f'dak il-kuntest, inklużi l-aspetti internazzjonali tal-agrikoltura; kif ukoll jwasslu għal skambju tal-esperjenza u l-prattika tajba, jagħtu pariri dwar il-politika, jagħtu opinjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi meta jitlobhom id-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jew fuq inizjattiva tagħhom stess, u jissorveljaw l-iżviluppi tal-politika.

(5) Il-gruppi ta' djalogu ċivili għandhom ikunu magħmulin minn talanqas organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell Ewropew, inklużi assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, gruppi b'interess soċjo-ekonomiku, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u trejdjunjins li huma rreġistrati fir-Reġistru Konġunt Ewropew tat-Trasparenza.

(6) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-kompiti allokati għall-gruppi, hemm bżonn li jkunu previsti regoli dwar l-operazzjoni u l-funzjonament tal-gruppi.

(7) Id-dejta personali għandha tiġi proċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

(8) Id-Deċiżjoni 2004/391/KE għandha titħassar.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-qafas għall-gruppi ta' djalogu ċivili li jittrattaw kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni, minn hawn 'il quddiem imsejħa "gruppi", stabbilita mid-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ("id-Direttur Ġenerali") fil-qafas għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni [3].

*Artikolu 2*

**Il-kompiti**

Il-gruppi għandhom:

(a) iżommu djalogu regolari dwar kull kwistjoni relatata mal-politika agrikola komuni, inkluż l-iżvilupp rurali, u l-implimentazzjoni tagħha, u b'mod partikolari l-miżuri li l-Kummissjoni tintalab tieħu f'dak il-kuntest, inklużi l-aspetti internazzjonali tal-agrikoltura;

(b) jwasslu għal skambju tal-esperjenza u l-prattika tajba fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

(ċ) jassistu lill-Kummissjoni u jagħtu pariri dwar il-politika fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

(d) jagħtu opinjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi meta jitlobhom id-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ("id-Direttorat Ġenerali"), u sal-iskadenzi stabbiliti fit-talba, jew fuq inizjattiva tagħhom stess;

(e) jissorveljaw l-iżviluppi tal-politika fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE tat-23 ta' April 2004 dwar il-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw il-kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni (ĠU L 120, 24.4.2004, p. 50).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[3] C(2010) 7649.

*Artikolu 3*

## Il-konsultazzjoni

1. Id-Direttorat Ġenerali jista' jikkonsulta lill-gruppi dwar kull kwistjoni msemmija fl-Artikolu 2(a).

2. Il-president ta' grupp, f'koperazzjoni mill-qrib mal-viċi-presidenti, jista' jagħti parir lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-grupp dwar kwistjoni speċifika.

*Artikolu 4*

## Il-ħatra tal-membri

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-gruppi, skont sejħa għall-applikazzjonijiet.

2. Il-gruppi għandhom ikunu magħmulin minn talanqas organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell Ewropew, inklużi assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, gruppi b'interess soċjo-ekonomiku, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u trejdjunjins li huma rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza. Is-sħubija tal-gruppi għandha tkun miftuħa għal dawk l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw kull tip ta' interess rilevanti

3. Filwaqt li jqis l-interess tas-soċjetà ċivili fil-politika agrikola komuni, id-Direttur Ġenerali għandu jiddeċiedi fuq l-għadd u d-daqs tal-gruppi. L-ismijiet tal-membri jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti u ta' entitajiet oħra simili tal-Kummissjoni ("ir-Reġistru") u fuq sit elettroniku apposta. Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-interessi espressi kollha msemmija fil-paragrafu 2. B'mod partikolari, dan għandu jiżgura bilanċ bejn l-interessi ekonomiċi u mhux ekonomiċi.

4. L-organizzazzjonijiet membri għandu jaħtarhom id-Direttur Ġenerali minn fost l-organizzazzjonijiet li wieġbu s-sejħa għall-applikazzjonijiet. Id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jaħtar organizzazzjoni membru jekk ikun hemm xi siġġu battal jew li jisfa battal.

5. L-organizzazzjonijiet membri jinħatru għal seba' snin. Organizzazzjoni membru tista' tinbidel f'xi grupp qabel tmiem il-mandat ta' seba' snin, meta:

(a) ma tkunx tista' tikkontribwixxi aktar b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-grupp;

(b) tirtira mill-grupp;

(ċ) ma taħtarx esperti b'mod regolari għal-laqgħat tal-grupp;

(d) ma tibqax konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, jew

(e) ma tkunx konformi mar-rekwiżit ta' żvelar fejn tidħol informazzjoni koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali stabbilit fl-Artikolu 339 tat-Trattat.

6. L-organizzazzjonijiet membri għandhom jaħtru esperti biex jattendu l-laqgħat tal-gruppi skont il-punti fl-aġenda u, mill-anqas tlett ijiem ta' ħidma qabel il-laqgħa, għandhom jgħarrfu lid-Direttorat Ġenerali bl-identità tal-esperti li ħatru.

7. Id-Direttorat Ġenerali għandu jistieden lill-esperti li ħatru l-organizzazzjonijiet membri ħalli jattendu l-laqgħat tal-gruppi. Meta l-organizzazzjoni membru ma tkunx għarrfet lid-Direttorat Ġenerali bl-identità tal-esperti sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 6, id-Direttorat Ġenerali jistgħu jirrifjuta milli jistieden lil dawk l-esperti għal-laqgħat rispettivi.

8. L-ismijiet tal-organizzazzjonijiet membri għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti u ta' entitajiet oħra simili tal-Kummissjoni ("ir-Reġistru") u fuq sit elettroniku apposta.

9. Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi proċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

## L-operazzjoni

1. Fl-ewwel laqgħa tiegħu, kull grupp għandu jaħtar president u żewġ viċi-presidenti minn fost il-membri tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-esperti preżenti fl-ewwel votazzjoni, u b'maġġoranza sempliċi tal-esperti preżenti fil-votazzjonijiet sussegwenti. Il-viċi-presidenti għandhom jintgħażlu minn fost ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet oħra li ma tkunx dik minn fejn ikun ġej il-president. Iż-żewġ viċi-presidenti għandhom jiġu minn żewġ organizzazzjonijiet differenti. L-elezzjonijiet għandhom isiru fl-awtorità ta' rappreżentant tal-Kummissjoni b'vot sigriet, diment li l-esperti kollha preżenti espressament ma jkunux iddeċidew mod ieħor.

2. Il-president u ż-żewġ viċi-presidenti għandhom jaqdu r-rwol għal sena, terminu li għandu jkun jista' jiġġedded. Il-president ma għandux jaqdi għal aktar minn żewġ termini konsekuttivi. Meta jiġi biex jagħżel presidenti ġodda, il-grupp għandu jiżgura li dawn ma jkunux jiġu mill-istess organizzazzjoni ta' dawk ta' qabilhom.

3. Bi qbil mad-Direttorat Ġenerali, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-viċi-presidenti, u f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentati fil-grupp, il-president għandu jistabbilixxi l-punti li jridu jitniżżlu fl-aġenda tal-laqgħat tal-grupp, mill-anqas 25 jum ta' ħidma qabel kull laqgħa. Bħala regola ġenerali, id-Direttorat Ġenerali għandu jibgħat l-aġenda lill-organizzazzjonijiet 20 jum ta' ħidma qabel il-laqgħa, l-aħjar b'mezz elettroniku.

4. Ħlief fl-elezzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, ma għandu jittieħed ebda vot fi tmiem id-diskussjoni tal-grupp. Jekk grupp jilħaq kunsens dwar l-opinjoni li jitlob id-Direttorat Ġenerali jew dwar riżoluzzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, dan għandu jsawwar konklużjonijiet konġunti u jehmiżhom mar-rapport sommarju. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tad-diskussjonijiet tal-grupp lill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra meta l-grupp jirrakkomanda dan.

5. Il-president għandu jkun responsabbli għall-kompilazzjoni ta' rapport li jkun fih rekord sommarju preċiż ta' kull laqgħa u jibgħat l-abbozz ta' dak ir-rapport lid-Direttorat Ġenerali fi żmien 20 jum ta' ħidma wara l-laqgħa. Il-Kummissjoni tista' temenda l-abbozz tar-rapport tal-president qabel jitqassam u qabel l-approvazzjoni sussegwenti mill-grupp.

6. Bi qbil mad-Direttorat Ġenerali, il-grupp jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza li jadotta l-grupp. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jippresjedu l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma. Dawn il-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu xolti malli jintemm il-mandat tagħhom.

7. Id-Direttorat Ġenerali jista' jistieden esperti minn barra l-grupp b'kompetenzi speċifiċi f'suġġett li jkun fl-aġenda ħalli jieħdu sehem f'ħidmet il-grupp jew is-sottogrupp ta' ħidma fuq bażi ad-hoc. Barra minn hekk, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jagħti status ta' osservatur lil individwi jew organizzazzjonijiet kif jiddefinixxi l-Artikolu 4(2), diment li dawn ma jdgħajfux il-bilanċ tal-gruppi jew tal-gruppi ta' ħidma. Dawn għandu jkollhom id-dritt li jitkellmu, meta l-President jistedinhom jagħmlu dan bil-kunsens tal-ogħla rappreżentant tal-Kummissjoni preżenti. Individwi jew organizzazzjonijiet bi status ta' osservatur ma għandhomx jieħdu sehem fl-elezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

8. Il-membri tal-gruppi u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-individwi jew l-organizzazzjonijiet bi status ta' osservatur li jkunu mistiedna, kif jipprevedi l-paragrafu 7, għandhom jikkonformaw mal-obbligi tas-segretezza professjonali stabbiliti mit-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll ir-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà relatata mal-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom ([1]). Jekk dawn ma jikkonformawx ma' dawk l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu kull miżura xierqa.

9. Bħala prinċipju, il-gruppi u l-gruppi ta' ħidma għandhom jitlaqqgħu f'bini tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi servizzi ta' segretarjat. Il-laqgħat tal-gruppi u tal-gruppi ta' ħidma għandu jsejjaħhom id-Direttorat Ġenerali. Uffiċjali oħra tal-Kummissjoni li jkunu interessati fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tal-gruppi ta' ħidma tiegħu.

10. Il-Kummissjoni tippubblika kull dokument rilevanti bħall-aġendi, il-minuti, il-konklużjonijiet, konklużjonijiet parzjali jew dokumenti ta' ħidma fuq l-attivitajiet li għamlu l-gruppi permezz ta' link mir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti u ta' entitajiet simili oħra tal-Kummissjoni u għal sit elettroniku apposta. Għandhom isiru eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni sistematika meta l-iżvelar ta' dokument jaf idgħajjef il-protezzjoni tal-interess pubbliku jew privat kif jiddefinixxi l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

*Artikolu 6*

**L-ispejjeż tal-laqgħat**

1. Dawk li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-gruppi u tal-gruppi ta' ħidma ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li jagħtu.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza li jġarrab min jieħu sehem fl-attivitajiet tal-gruppi jew tal-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

3. L-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu rimborżati sal-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 7*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2004/391/KE titħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2014.

*Artikolu 8*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2014.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli Interni tal-Proċedura (ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT